# LIBERTÀ LI TGĦIX

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI
U L-KWALITÀ TAL-ĦAJJA

Strateġija Nazzjonali 2021-2030 għal Malta
dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

# LIBERTÀ LI
# TGĦIX

Strateġija Nazzjonali 2021-2030 għal Malta
dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

# Tabella tal-Kontenut

| | |
|---|---|
| Glossarju | 4 |
| Daħla | 8 |
| Introduzzjoni Ġenerali | 12 |
| Pjan ta’ Azzjoni għall-Istrateġija | 16 |
| Implimentazzjoni tal-Istrateġija | 36 |
| Monitoraġġ tal-Istrateġija | 38 |
| **Objettiv 1**: Riformi u Ugwaljanza | 40 |
| **Objettiv 2**: Riċerka u Ġbir ta’ Data | 46 |
| **Objettiv 3**: Sensibilizzazzjoni dwar id-Diżabilità | 54 |
| **Objettiv 4**: Aċċessibilità | 60 |
| **Objettiv 5**: Parteċipazzjoni fil-Kultura, id-Divertiment, ir-Rikreazzjoni u l-Isport | 72 |
| **Objettiv 6**: Relazzjonijiet, Familja,Sesswalità, u Li Tkun Ġenitur | 82 |
| **Objettiv 7**: Edukazzjoni Informali, Formali u Mhux Formali | 92 |
| **Objettiv 8**: Kura tas-Saħħa | 102 |
| **Objettiv 9**: Xogħol u Impjiegi | 110 |
| **Objettiv 10**: Ħajja Indipendenti u fil-Komunità, u De-istituzzjonalizzazzjoni | 120 |
| **Objettiv 11**: Parteċipazzjoni fil-Ħajja Politika u Pubblika | 130 |
| **Objettiv 12**: Ġestjoni u Tnaqqis tar-Riskju ta’ Diżastri | 136 |
| **Objettiv 13**: Sforzi Reġjonali u Internazzjonali | 142 |

# Glossarju

| | |
|---|---|
| ACM | Kunsill Malti għall-Arti |
| ACTU | Taqsima tal-Aċċess għall-Komunikazzjoni u t-Teknoloġija – Aġenzija Sapport |
| ADSC | ACCESS-Disability Support Committee – L-Università ta' Malta |
| ADSU | ACCESS-Disability Support Unit – L-Università ta' Malta |
| AWAS | Aġenzija tal-Welfare tal-Persuni li Jfittxu Asil |
| CCWR | Kunsill Konsultattiv dwar id-Drittijiet tan-Nisa |
| CPD | Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili |
| CRPD | Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità |
| DDI | Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità |
| DDS | Dipartiment tal-Istudji dwar id-Diżabilità, l-Università ta' Malta |
| DSS | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali |
| DET | Taħriġ dwar l-Ugwaljanza u d-Diżabilità |
| EASO | L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil |
| ECDL | Liċenzja Ewropea tas-Sewqan tal-Kompjuter |
| FHEA | Awtorità Nazzjonali għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla |
| FITA | Fondazzjoni għall-Aċċessibilità tal-ICT |
| FSWS | Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali |
| HRID | Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni |
| ICT | Teknoloġiji tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni |
| IEP | Pjan ta' Edukazzjoni Individwalizzat |
| ITU | Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni |
| KLSM | Kunsill tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija |
| LESA | Aġenzija tas-Sistemi ta' Infurzar Lokali |

| | |
|---|---|
| LSE | Edukatur tal-Appoġġ għat-Tagħlim |
| LSF | Fondazzjoni Lino Spiteri |
| LSM | Lingwa tas-Sinjali Maltija |
| MCAST | Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija |
| MFHEA | Awtorità ta' Malta għall-Edukazzjoni Avvanzata u Għolja |
| MTA | Maltija tat-Turiżmu |
| NCPE | Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza |
| NSO | Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika |
| OHSA | Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol |
| OCMH | Uffiċċju tal-Kummissarju għas-Saħħa Mentali |
| PA | Assistent Personali |
| SCSA | Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali |
| TM | Transport Malta |
| UNCRPD | Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità |
| UN ESCWA | Il-Kummissjoni Ekonomika u Soċjali tal-Ġnus Magħquda għall-Asja tal-Punent |
| WCAG | Linji Gwida dwar l-Aċċessibilità tal-Kontenut Web |

# Daħla

mill-Onor. Ministru



Għeżież attivisti, professjonisti u ħbieb,

Ninsab kuntenta ħafna li qed inżomm l-Istrateġija Nazzjonali tad-Diżabilità 2021-2030 ta' Malta f'idejja. Din hija kisba kbira għalina bħala pajjiż, madankollu, din ma kinitx tkun possibbli mingħajr il-kontribut u l-passjoni tagħkom. Dak li għandna llum huwa riflessjoni tal-ħtiġijiet attwali f'Malta, li għedtulna dwarhom, li smajnikom dwarhom, u li ħejjejna pjan direzzjonali biex nindirizzawhom.

Huwa importanti ħafna għal dan il-Gvern li jaħdem direttament ma' gruppi speċifiċi f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà. Huwa inutli li tipprepara dokument ikkumplikat, li huwa tajjeb fuq il-karta, iżda li ma għandu l-ebda konnessjoni mar-realtà. Din hija r-raġuni għaliex dan id-dokument ġie ffinalizzat biss wara konsultazzjoni pubblika, li matulha konna ċerti li ninkludu l-ilħna u l-aspirazzjonijiet ta' persuni differenti involuti fis-settur tad-diżabilità – membri tal-familja, persuni li jaħdmu fis-settur, akkademiċi, professjonisti u, l-aktar importanti, persuni b'diżabilità nfushom.

Minn mindu ġiet ratifikata l-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità fl-2012, Malta kienet impenjata sabiex timplimenta l-prinċipju ewlieni wara l-Konvenzjoni – "Xejn Dwarna, Mingħajrna". Din hija wkoll ir-raġuni għaliex aħna mhux biss irridu nikkonsultaw u ninvolvu lin-nies qabel ma niffinalizzaw l-Istrateġija Nazzjonali tad-Diżabilità, iżda wkoll wara, meta nimplimentawha.

F'konformità mal-obbligi tagħha skont il-Konvenzjoni, Malta waqqfet ukoll struttura Nazzjonali ta' Koordinazzjoni, għall-implimentazzjoni tal-obbligi ewlenin kollha fil-Konvenzjoni fit-territorju tagħha. Dan ifisser ukoll li din l-istruttura se jkollha rwol ewlieni biex tiżgura koordinazzjoni fl-implimentazzjoni u s-segwitu ta' din l-Istrateġija.

Għall-ewwel darba, se jkun hemm forum, li jingħata wkoll bażi legali, li jippermetti lir-rappreżentanti ta' entitajiet differenti li jaħdmu fis-settur tad-Diżabilità f'Malta, sabiex jiġu flimkien fuq bażi regolari, u jikkooperaw aħjar fir-rigward ta' materji tekniċi. Dan ser jiġi ssupplimentat minn Kumitat Inter-Ministerjali, sabiex jiġi żgurat li d-diskussjonijiet tekniċi mbagħad jiġu segwiti wkoll minn rappreżentanti ta' Ministeri u Segretarjati Parlamentari differenti, in vista tal-portafolli rispettivi tagħhom.

Importanti ħafna hu li niżguraw li nkomplu nagħtu vuċi kostanti lill-persuni b'diżabilità u lis-soċjetà ċivili. Huwa għalhekk li qed inwaqqfu wkoll l-ENGAGE, il-forum għall-Parteċipazzjoni tas-Soċjetà Ċivili Maltija, fis-settur tad-Diżabilità, fi ħdan id-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità (DDI).

Dan il-forum se jlaqqa' flimkien persuni b'diżabilità, il-familji u l-alleati tagħhom, kif ukoll akkademiċi, rappreżentanti tal-NGOs, u s-CRPD, ir-Regolatur Nazzjonali tad-Diżabilità. Dan il-forum se jkollu rwol ewlieni sabiex jibni konnessjoni mal-politika kollha relatata mad-diżabilità f'Malta, u b'mod partikolari, rwol ewlieni biex jiġi żgurat li l-kontenut ta' din l-Istrateġija jinġieb għall-ħajja.

Jiena grata ħafna lejn dawk il-persuni kollha li ħadmu fuq din l-inizjattiva, u għal dawk kollha li taw il-kontribut tagħhom għal dan id-dokument finali. Jiena kburija li qed nara lil dan il-Gvern jissodisfa wegħda elettorali oħra billi jippubblika din l-Istrateġija Nazzjonali dwar id-Diżabilità, u nixtieq nirringrazzja wkoll minn qabel lil dawk kollha li se jaħdmu biex jagħmlu l-Libertà li Tgħix realtà.

**Julia Farrugia Portelli**
Ministru għall-Inklużjoni
u l-Kwalità tal-Ħajja

# Introduzzjoni Ġenerali

L-għan ewlieni ta’ din l-Istrateġija huwa li tipprovdi pjan direzzjonali għas-settur tad-diżabilità Malti matul is-snin li ġejjin, li jwassal għall-2030, is-sena identifikata għall-kisba tal-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tal-Ġnus Magħquda.

Fl-2015, Malta ffirmat ukoll impenn biex jiġu implimentati dawn l-għanijiet, u kull Objettiv f'din l-Istrateġija jagħmel referenza għal dawn l-Għanijiet, flimkien ma' Artikoli differenti tal- Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD).

Wara l-Politika Nazzjonali tal-2014 dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, din l-Istrateġija tkopri l-oqsma kollha indirizzati minn dik il-Politika, u tissottoskrivi għall-istess etos trasversali, li l-persuni b'diżabilità kollha, irrispettivament minn min huma jew x'inhu l-isfond tagħhom, għandhom jiġu ttrattati b'mod ugwali. Għalhekk, isiru diversi referenzi għall-aspett tal-intersezzjonalità, u l-mod kif dan iħalli impatt fuq persuni b'diżabilità li jistgħu wkoll jiffaċċjaw ostakli soċjetali addizzjonali, minħabba li huma, pereżempju, nisa b'diżabilità, persuni LGBTIQ+ jew migranti. Din tkopri wkoll żviluppi prinċipali fir-rigward tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, li seħħu kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment, minn meta nħarġet il-Politika sa issa.

Filwaqt li l-konsultazzjonijiet dwar din l-Istrateġija bdew fl-2015, dik is-sena rat ukoll l-adozzjoni tal-Aġenda 2030, li tiddeskrivi l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Ġnus Magħquda, u tal-Qafas ta' Sendai dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri, illi ssir referenza għalihom ukoll f'dan id-dokument, wara l-aderenza ta' Malta fir-rigward tagħhom. Barra minn hekk, l-approċċ lejn kwistjonijiet bħall-Għajxien Indipendenti u Komunitarju kien soġġett għal aktar kjarifiċi matul is-snin, u din l-Istrateġija tindirizza tali kjarifiċi, bħal dawk illi saru permezz tal-Kummenti Ġenerali maħruġa mill-Kumitat tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, meta tibni fuq il-preċetti inizjali stabbiliti fil-Politika tal-2014.

Element importanti li għandu jiġi enfasizzat – għalkemm imsemmi kemm-il darba f'ċerti Azzjonijiet speċifiċi f'din l-Istrateġija – huwa l-prinċipju ewlieni tal-Konvenzjoni ta' "Xejn Dwarna, Mingħajrna".

L-ebda azzjoni, irrispettivament minn kemm tkun kbira jew żgħira, ma tista' titwettaq b'mod xieraq, jew jista' jkollha xi leġittimità, jekk ma tkunx imfassla minn u għal persuni b'diżabilità, u ma tpoġġihomx fil-qalba ta' kull pass illi jsegwi bħala riżultat ta' tali xogħol.

Dan għandu jsir b'żewġ modi – l-iżgurar tar-rappreżentanza ta' persuni b'diżabilità fil-livelli kollha ta' politika u ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u; l-iżgurar tal-istabbiliment u l-funzjonament xieraq ta' mekkaniżmu ta' parteċipazzjoni għas-soċjetà ċivili, ENGAGE, sabiex jikkontribwixxi kemm għall-kunċettwalizzazzjoni kif ukoll għall-implimentazzjoni eventwali tal-politika u tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Dan huwa f'konformità mal-Artikolu 4(3) tal-Konvenzjoni, u l-Kumment Ġenerali Nru 7 tagħha maħruġ mill-Kumitat tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, u previst fl-Att dwar il-Konvenzjoni UNCRPD.

Tali mekkaniżmu jkun fattur ukoll fil-parteċipazzjoni tal-alleati, bħall-korpi tal-ugwaljanza, l-akkademiċi u s-sostenituri ta' persuni b'diżabilità – madankollu, ir-rwol ewlieni u l-kontribut ta' persuni b'diżabilità fit-tiswir tal-futur tagħhom u fit-teħid tal-kontroll tal-Libertà tagħhom li Jgħixu, jibqa' dejjem l-aktar fattur importanti f'dan ir-rigward.

# Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija

L-Azzjonijiet kollha f'din l-Istrateġija huma kkodifikati bil-kulur skont il-perjodi ta' żmien li fihom għandhom jitwettqu, kif ġej:

**Roża**: Għandha titwettaq fis-sentejn li ġejjin
**Oranġjo**: Għandha titwettaq fil-5 snin li ġejjin
**Aħdar**: Għandha titwettaq fid-9 snin li ġejjin

| **OBJETTIV 01** RIFORMI U UGWALJANZA | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 1.1**: Żvilupp u Riforma tal-Leġiżlazzjoni u l-Istrutturi Bażi | Fi żmien sentejn | Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, CRPD, DDS, DDI, Parlament, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 1.2**: Aktar sforzi mill-Grupp ta' Ħidma biex Jiskrutinizza l-Leġiżlazzjoni u Dokumentazzjoni ewlenija Oħra | Fi żmien sentejn | CRPD, DDI, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 1.3**: Assessjar tad-Diżabilità u Riforma fl-Eliġibbiltà tal-Programmi | Fi żmien 9 snin | DDI, DSS, CRPD, Aġenzija Sapport, Ministeru tal-Edukazzjoni, JobsPlus, Ministeru tas-Saħħa, OCMH, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| **OBJETTIV 02** RIĊERKA U ĠBIR TA' DATA | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 2.1**: Kollaborazzjoni dwar ir-riċerka dwar teknoloġiji innovattivi ta' assistenza għal persuni b'diżabilità | Fi żmien 5 snin | ACTU, Dipartimenti/Istituti tal-Inġinerija – MCAST, Fakultà tal-Inġinerija – Università ta' Malta, Dipartimenti/Istituti tal-ICT – MCAST, Fakultà tal-ICT – Università ta' Malta, Fakultajiet/Dipartimenti/ Istituti tal-Inġinerija – entitajiet oħra akkreditati mill-MFHEA, Fakultajiet/ Dipartimenti/ Istituti tal-ICT – entitajiet oħra akkreditati mill-MFHEA, Dipartiment tat-Terapija tal-Komunikazzjoni fi ħdan il-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa – Università ta' Malta, DDI, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 2.2**: Kollaborazzjoni dwar ir-riċerka dwar il-lakuni fl-attivitajiet ta' divertiment għall-minorenni, adoloxxenti u żgħażagħ b'diżabilità | Fi żmien 5 snin | Dipartimenti u istituti rilevanti fl-MCAST, dipartimenti, istituti u fakultajiet rilevanti fl-Università ta'Malta, dipartimenti, istituti u fakultajiet rilevanti ta' entitajiet oħra akkreditati mill-MFHEA, DDI, CRPD, Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal, Aġenzija Żgħażagħ, OCMH, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 2.3**: MtQ bejn il-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u Entitajiet Akkademiċi | Fi żmien sentejn | Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, DDS, ADSU, DDI, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 2.4**: Tixrid Pubbliku ta' Riċerka Speċifika | Fi żmien 5 snin | DDS, DDI, Kunsilli Lokali, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 2.5**: Allinjament tal-Ġbir tad-Data mal-Aħjar Prattiċi | Fi żmien sentejn | DDI, NSO, CRPD, DSS, Aġenzija Sapport, Ministeru tal-Edukazzjoni, JobsPlus, Ministeru tas-Saħħa, OCMH, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| **OBJETTIV 03** GĦARFIEN DWAR ID-DIŻABILITÀ | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 3.1**: Għarfien Ġenerali Kontinwu | Fi żmien sentejn | Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, DDI, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 3.2**: Għarfien dwar kif tista' tintuża l-leġiżlazzjoni f'każijiet ta' diskriminazzjoni minħabba diżabilità | Fi żmien sentejn | CRPD, Negozji, organizzazzjonijiet reliġjużi, entitajiet fis-settur Pubbliku, Kunsilli Lokali, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 3.3**: Taħriġ dwar l-għarfien dwar id-diżabilità għall-fornituri tas-servizzi fis-settur pubbliku u privat | Fi żmien 5 snin | CRPD, DDS, DDI, Negozji, organizzazzjonijiet eliġiji, entitajiet fis-settur Pubbliku, Kunsilli Lokali, ADSC, Fakultà tal-Liġi – l-Università ta' Malta, Kamra tal-Avukati, il-Ġudikatura, persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 3.4**: Għoti ta' Tagħlim bażiku tal-Lingwa tas-Sinjali lill-persunal ewlieni u lill-istudenti | Fi żmien 5 snin | DDI, KLSM, Aġenzija Sapport, Ministeru tal-Edukazzjoni, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| **OBJETTIV 04** AĊĊESSIBILITÀ | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 4.1**: Aċċessibilità tal-Infrastruttura tat-Toroq u t-Trasport | Fi żmien 9 snin | DDI, TM, Taqsima dwar il-Konformità tas-CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 4.2**: Aċċessibilità tas-servizzi tat-Trasport Pubbliku u tat-Taxi | Fi żmien 9 snin | CRPD, DDI, TM, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 4.3**: Aċċessibilità tal-Bajjiet u tat-Turiżmu | Fi żmien 5 snin | CRPD, DDI, FITA, MTA, Kunsilli Lokali, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 4.4**: Politika ta' Informazzjoni Aċċessibbli | Fi żmien 5 snin | DDI, FITA, Aġenzija Sapport, ACTU, CRPD, AWAS, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 4.5**: Aċċess Aħjar għall-Kotba u Materjal ieħor f'Formati Aċċessibbli f'Istituzzjonijiet Edukattivi | Fi żmien 5 snin | DDI, Fornituri tas-Servizzi edukattivi, Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tas-CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 4.6**: Niżguraw l-Aċċessibilità tal-Bini u tas-Servizzi | Fi żmien 9 snin | Taqsima dwar il-Konformità tas-CRPD, DDI, Direttorat għall-Gvern Lokali, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 4.7**: Linji gwida dwar il-Preżentazzjoni ta' Informazzjoni f'diversi Formati Aċċessibbli | Fi żmien 5 snin | DDS, FITA, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 4.8**: Valutazzjoni tal-Aċċessibilità u Rapporti ta' Implimentazzjoni minn Entitajiet tal-Istat | Fi żmien 5 snin | DDI, entitajiet governattivi u parastatali, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 4.9**: Logo Ġdid tad-Diżabilità | Fi żmien sentejn | DDI, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, CRPD, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 4.10**: Valutazzjoni tal-Aċċessibilità u Rapporti ta' Implimentazzjoni minn Entitajiet tal-Istat | Fi żmien 5 snin | DDI, CRPD, Aġenzija għas-Servizzi tal-Qorti, Korp tal-Pulizija ta' Malta, LESA, Bord tal-Kustodja, OCMH, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| **OBJETTIV 05** PARTEĊIPAZZJONI FIL-KULTURA, ID-DIVERTIMENT, IR-RIKREAZZJONI U L-ISPORT | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 5.1**: Nagħmlu Postijiet Kulturali, ta' Divertiment u Sportivi, il-Prodotti tagħhom, u Spazji Pubbliċi fuq Barra Aċċessibbli għal Kulħadd | Fi żmien 9 snin | DDI, DDS, FITA, Ministeru responsabbli għall-Arti, Ministeru responsabbli għall-Wirt Nazzjonali, Heritage Malta, ACM, MTA, Kunsilli Lokali, SportMalta u partijiet interessati mill-komunità sportiva mainstream lokali, rappreżentanti ta' entitajiet ibbażati fuq il-fidi, Taqsima dwar il-Konformità tas-CRPD, Operaturi ta' postijiet kulturali u ta' divertiment u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 5.2**: Nagħmlu l-Avvenimenti Pubbliċi Aċċessibbli għal Kulħadd | Fi żmien 9 snin | DDI, DDS, MTA, ACM, FITA, Ministeru responsabbli għall-Arti, Kunsilli Lokali, Festivals Malta, SportMalta u partijiet interessati mill-komunità sportiva mainstream lokali, rappreżentanti ta' entitajiet ibbażati fuq il-fidi, |

| | | |
|---|---|---|
| | | Taqsima dwar l-Aċċessibilità tas-CRPD, Organizzaturi ta' avvenimenti pubbliċi, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 5.3**: Inċentivi għall-promozzjoni tal-Aċċessibilità Kulturali | Fi żmien 5 snin | DDI, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Ministeru responsabbli għall-Arti, Ministeru responsabbli għall-Wirt Nazzjonali, DDS, MTA, ACM, Festivals Malta, CRPD, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 5.4**: Rappreżentanza ta' Persuni b'Diżabilità fil-Midja | Fi żmien sentejn | CRPD, DDI, Awtorità tax-Xandir, DDS, CCWR, HRID, NCPE, AWAS, EASO, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 5.5**: Lingwa tas-Sinjali, Sottotitoli u Narrazzjoni / Kummentarju fil-Programmi u r-Reklami tat-Televiżjoni | Fi żmien 5 snin | DDI, Awtorità tax-Xandir, KLSM, FITA, Rappreżentanti ta' djar tal-midja differenti, Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tas-CRPD, OCMH, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 5.6**: Nagħmlu avvenimenti tradizzjonali lokali u Sports Inklużivi u Aċċessibbli | Fi żmien 5 snin | DDI, CRPD, Korp tal-Pulizija ta' Malta, Kurja, Każini tal-Banda, Kumitati tal-Festa, Kumitati Organizzattivi (avvenimenti tradizzjonali), SportMalta u Partijiet Interessati mill-komunità sportiva mainstream lokali, Rappreżentanti ta' entitajiet sportivi ffukati fuq id-diżabilità, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| **OBJETTIV 06** RELAZZJONIJIET, FAMILJA, SESSWALITÀ, U LI TKUN ĠENITUR | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 6.1**: Inċentivi għall-promozzjoni tal-Aċċessibilità Kulturali | Fi żmien 5 snin | DDI, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Ministeru tal-Edukazzjoni, Ministeru tas-Saħħa – Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard, Aġenzija Sapport, Aġenzija Żgħażagħ, FSWS, DDS, CRPD, CCWR, HRID, NCPE, AWAS, EASO, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 6.2**: Politika u Strateġija Inklużiva dwar is-Saħħa Sesswali | Fi żmien 9 snin | Ministeru tas-Saħħa – Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard, DDI, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 6.3**: Ħolqien ta' Taqsima dwar il-Familja f'Aġenzija Sapport | Fi żmien 9 snin | Aġenzija Sapport, DDI, DDS, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 6.4**: Korsijiet ta' Tħejjija għaż-Żwieġ Inklużivi | Fi żmien sentejn | DDI, Kurja, DDS, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 6.5**: Linji gwida dwar id-Dritt li Tkun Ġenitur u d-Dritt li Tkun Ġenitur Appoġġjat | Fi żmien 5 snin | DDI, CRPD, DDS, Aġenzija Sapport, Fornituri pubbliċi u privati ta' servizzi għal persuni b' diżabilità, SCSA, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 6.6**: Kampanja tal-Midja u Avvenimenti għall-Professjonisti Ewlenin | Fi żmien sentejn | DDI, CRPD, Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà - l-Università ta' Malta, DDS, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| **OBJETTIV 07** EDUKAZZJONI INFORMALI, FORMALI U MHUX FORMALI | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 7.1**: IEPs għall-Istudenti b' Diżabilità Kollha | Fi żmien 5 snin | DDI, Ministeru tal-Edukazzjoni, DDS, Fakultà tal-Edukazzjoni – l-Università ta' Malta, CRPD, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 7.2**: Programmi ta' Tranżizzjoni | Fi żmien 5 snin | DDI, CRPD, Ministeru tal-Edukazzjoni, DDS, Fakultà tal-Edukazzjoni – l-Università ta' Malta, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 7.3**: Tħejjija ta' Studji dwar l-Aċċessibilità minn Stabbilimenti Edukattivi | Fi żmien 9 snin | DDI, Ministeru tal-Edukazzjoni, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 7.4**: Appoġġ għat-Taħriġ għal Persuni b'Diżabilità dwar l-użu tat-Teknoloġija Diġitali | Fi żmien 5 snin | DDI, ACTU, FITA, CRPD, Ministeru tal-Edukazzjoni, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 7.5**: Kollaborazzjoni mal-MFHEA dwar materji li jikkonċernaw l-Inklużjoni Soċjali fl-Edukazzjoni | Fi żmien 5 snin | DDI, MFHEA, Taqsima dwar l-Investigazzjonijiet tas-CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 7.6**: Akkreditazzjoni ta' LSEs kwalifikati u b'esperjenza xierqa | Fi żmien 9 snin | DDI, Ministeru tal-Edukazzjoni, Taqsima dwar l-Investigazzjonijiet tas-CRPD, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tas-CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 7.7**: Inizjattivi speċifiċi | Fi żmien 5 snin | DDI, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Ministeru tal-Edukazzjoni, ACTU, Dipartiment tal-Edukazzjoni, Aġenzija Żgħażagħ, CRPD, DDI, FITA, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 7.8**: Twaqqif ta' grupp ta' ħidma dwar l-Inklużjoni u l-Edukazzjoni | Fi żmien sentejn | DDI, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, CRPD, Ministeru tal-Edukazzjoni, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| **OBJETTIV 08**<br>KURA TAS-SAĦĦA | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 8.1**: Reviżjoni tal-Kodiċi tal-Etika għall-prattika tal-professjonisti mediċi | Fi żmien 9 snin | DDI, DDS, CRPD, Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tas-CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 8.2**: Taħriġ Speċjalizzat għall-Professjonisti u l-Persunal fil-Qasam Mediku | Fi żmien sentejn | DDI, Ministeru tas-Saħħa, Aġenzija Sapport, Programm dwar Positive Parenting – FSWS, DDS, CRPD , Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 8.3**: Iktar sensibilizzazzjoni dwar id-diżabilità fil-Bordijiet Mediċi | Fi żmien 5 snin | DDI, Ministeru tas-Saħħa, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 8.4**: Promozzjoni tas-Saħħa għal Persuni b'Diżabilità | Fi żmien 5 snin | DDI, Ministeru tas-Saħħa – Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard, DDS, CRPD, CCWR, HRID, NCPE, AWAS, EASO, organizzazzjonijiet tas-soċjetà civili, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 8.5**: Rappurtar dwar materji relatati mal-aċċess għas-saħħa minn persuni b'diżabilità | Fi żmien 9 snin | DDI, CRPD, Ministeru tas-Saħħa, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| OBJETTIV 09<br>XOGĦOL U IMPJIEGI | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 9.1**: DETs speċifiċi u Informazzjoni mmirati lejn Kull Min Iħaddem | Fi żmien sentejn | CRPD, Forum Malti dwar id-Diżabilità u n-Negozju, DDS, DDI, HRID, NCPE, AWAS, EASO, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 9.2**: Strateġija ta' Qabel l-Impjieg, l-Impjieg u ż-Żamma tal-Impjieg | Fi żmien 5 snin | DDI, Jobsplus, LSF u kull entità oħra li twettaq skop simili, Malta Enterprise, CRPD, Entitajiet akkreditati mill-MFHEA, Forum Malti dwar id-Diżabilità u n-Negozju, Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tas-CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 9.3**: Appoġġ u Aġġustamenti Relatati max-Xogħol | Fi żmien 5 snin | DDI, Jobsplus – Diviżjoni għas-Servizzi ta' Impjieg Inklużiv, LSF u kwalunkwe entità oħra li tissodisfa skop simili, Entitajiet akkreditati mill-MFHEA, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 9.4**: Promozzjoni ta' Inċentivi għall-Intrapriża Soċjali | Fi żmien 9 snin | DDI, CRPD, Forum Malti dwar id-Diżabilità u n-Negozju, Ministeru tal-Ekonomija, Malta Enterprise, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 9.5**: Servizzi Mtejba ta' Gwida għall-Karriera | Fi żmien 5 snin | DDI, Jobsplus, LSF u kull entità oħra li twettaq skop simili, Aġenzija Sapport, Entitajiet akkreditati mill-MFHEA, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 9.6**: Ħidma ta' Sensibilizzazzjoni u Detached Work maż-Żgħażagħ | Fi żmien 5 snin | Aġenzija Żgħażagħ, Aġenzija Sapport, Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà – l-Università ta' Malta, Jobsplus, LSF u kwalunkwe entità oħra li tissodisfa skop simili, DDI, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 9.7**: Kampanja tal-Midja u Ċertifikazzjoni Inklużiva ta' Min Iħaddem | Fi żmien sentejn | DDI, CRPD, Jobsplus, LSF u kwalunkwe entità oħra li tissodisfa skop simili, DDS, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| **OBJETTIV 10**<br>ĦAJJA INDIPENDENTI U FIL-KOMUNITÀ, U DE-ISTITUZZJONALIZZAZZJONI | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 10.1**: Nindirizzaw il-Lakuni fis-Servizzi Mainstream fil-Komunità | Fi żmien 5 snin | DDI, rappreżentanti tal-Kunsill Lokali, CRPD, Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tas-CRPD, CCWR, HRID, NCPE, AWAS, EASO, Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 10.2**: Tisħiħ tal-Assistenza Personali u l-Iskemi għal Għajxien fil-Komunità | Fi żmien 5 snin | DDI, Aġenzija Sapport, Fornituri pubbliċi u privati ta' servizzi għal persuni b' diżabilità, DDS, Kunsilli Lokali, CRPD, SCSA, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 10.3**: Twaqqif ta' Taqsima għat-Taħriġ ta' Min Iħarreġ (Train the Trainer) | Fi żmien 9 snin | Aġenzija Sapport, DDI, DDS, CRPD, L-Università ta' Malta, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 10.4**: Servizzi ta' Appoġġ u Tnaqqis tal-Abbuż | Fi żmien sentejn | Aġenzija Sapport, DDI, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 10.5**: Koordinazzjoni Aħjar fost il-Fornituri tas-Servizzi | Fi żmien sentejn | DDI, Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu, DDS, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 10.6**: Twaqqif ta' Taqsima għat-Taħriġ ta' Min Iħarreġ (Train the Trainer) | Fi żmien 9 snin | CRPD, DDI, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| **OBJETTIV 11** PARTEĊIPAZZJONI FIL-ĦAJJA POLITIKA U PUBBLIKA | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 11.1**: Diskussjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' votazzjoni inklużivi | Fi żmien 9 snin | DDI, CRPD, Kummissjoni Elettorali, Partiti Politiċi Reġistrati, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 11.2**: Appoġġ għal kandidati b'diżabilità fl-elezzjonijiet lokali, nazzjonali u fil-livell tal-UE | Fi żmien 5 snin | DDI, Kummissjoni Elettorali, Partiti Politiċi Rreġistrati, CRPD. Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 11.3**: Għarfien dwar id-Diżabilità lill-Partiti Politiċi | Fi żmien 5 snin | CRPD, Partiti Politiċi Reġistrati, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 11.4**: It-tisħiħ tal-aċċessibilità fil-Parlament | Fi żmien 5 snin | DDI, CRPD, Il-Parlament, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| **OBJETTIV 12** ĠESTJONI U TNAQQIS TAR-RISKJU TA' DIŻASTRI | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 12.1**: Nikkonvertu t-Task Force dwar id-Diżabilità u l-COVID-19 f'Kumitat Permanenti | Fi żmien sentejn | DDI, Taskforce dwar id-Diżabilità u l-COVID-19, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 12.2**: Pjan Ġenerali ta' Emerġenza | Fi żmien sentejn | DDI, OHSA, Dipartiment għas-Saħħa, CRPD, CPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 12.3**: Servizzi ta' Emerġenza | Fi żmien 5 snin | DDI, CRPD, Servizzi ta' Emerġenza, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| **OBJETTIV 13**<br>SFORZI REĠJONALI U INTERNAZZJONALI | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 13.1**: Forum tal-Belt Valletta dwar il-Kooperazzjoni UE-Dinja Għarbija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità | Fi żmien 5 snin | DDI, DDS, Aġenzija Sapport, Ministeru għall-Affarijiet Barranin, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 13.2**: Kooperazzjoni u Skambju tal-Aħjar Prattiċi permezz ta' Fora Eżistenti | Fi żmien sentejn | DDI, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

L-Azzjonijiet kollha f'din l-Istrateġija huma kkodifikati bil-kulur skont il-perjodi ta' żmien li fihom għandhom jitwettqu, kif ġej:

**Roża**: Għandha titwettaq fis-sentejn li ġejjin
**Oranġjo**: Għandha titwettaq fil-5 snin li ġejjin
**Aħdar**: Għandha titwettaq fid-9 snin li ġejjin

# Implimentazzjoni tal-Istrateġija

L-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija tkun tiddependi mill-operat tal-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Koordinazzjoni fi ħdan id-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità (DDI).

Dan qed jiġi stabbilit fit-termini tal-Artikolu 33(1) tal-UNCRPD, u huwa previst ukoll fl-Att tal-UNCRPD. Il-Mekkaniżmu jikkonsisti f'żewġ partijiet. L-ewwel parti hija l-Kumitat ta' Koordinazzjoni Interdipartimentali (IDCC), li jlaqqa' flimkien rappreżentanti ta' awtoritajiet, aġenziji u entitajiet differenti tal-Gvern, li x-xogħol tagħhom jorbot direttament jew b'mod tanġenzjali mas-settur tad-diżabilità. It-tieni parti hija l-Kumitat Amministrattiv Inter-Ministerjali dwar id-Diżabilità (IACD), li jlaqqa' flimkien rappreżentanti ta' Ministeri differenti.

Il-laqgħat ta' dawn il-korpi jlaqqgħu flimkien il-partijiet interessati kollha f'formazzjoni plenarja, jew partijiet interessati partikolari oħra sabiex jiddiskutu tema speċifika, u se jlaħħmu u jeżegwixxu wkoll pjan ta' implimentazzjoni li jkopri l-Objettivi differenti ta' din l-Istrateġija.

Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-partijiet interessati joperaw fuq livell nazzjonali, rwol partikolari huwa previst għall-Kunsilli Lokali, minħabba l-għarfien lokali tagħhom, u l-abilità tagħhom li jingaġġaw atturi diversi fil-komunitajiet tagħhom. Dan huwa essenzjali sabiex jintlaħaq l-għan tal-UNCRPD, li tiġi żgurata ħajja indipendenti fi ħdan il-komunità għall-persuni kollha b'diżabilità.

Qed tiġi stabbilita wkoll sistema ta' rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-partijiet kollha ikkonċernati mid-DDI, li permezz tagħha rapporti ta' progress trimestrali jiġu ppreżentati permezz ta' sistema ċentralizzata. Dawn imbagħad ikunu l-bażi għal aktar diskussjonijiet f'dan ir-rigward, kemm fuq livell bilaterali, kif ukoll speċjalment permezz tal-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Koordinazzjoni tad-DDI, u permezz ta' ENGAGE, il-mekkaniżmu tad-DDI għal parteċipazzjoni mis-soċjetà ċivili.

# Monitoraġġ tal-Istrateġija

Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija se jkun fi ħdan il-kompetenza tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD), maħtur bħala l-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti ta' Malta ai termini tal-Artikolu 33(2) tal-Konvenzjoni, u tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità).

Il-kompetenzi tas-CRPD se jissaħħu permezz tal-emendi li qed jiġu introdotti għal dan l-Att, f'konformità ma' din l-Istrateġija.

B'mod aktar speċifiku, dan se jseħħ permezz tad-Direttorat tiegħu għall-Investigazzjonijiet, Konformità u Infurzar, li jħaddan fih it-Taqsimiet dwar l-Investigazzjoni, il-Konformità u l-Infurzar, wara monitoraġġ imwettaq mit-Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tas-CRPD.

# OBJETTIV 1

## RIFORMI U UGWALJANZA

| **OBJETTIV 01** RIFORMI U UGWALJANZA | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 1.1**: Żvilupp u Riforma tal-Leġiżlazzjoni u l-Istrutturi Bażi | Fi żmien sentejn | Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, CRPD, DDS, DDI, Parlament, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 1.2**: Aktar sforzi mill-Grupp ta' Ħidma biex Jiskrutinizza l-Leġiżlazzjoni u Dokumentazzjoni ewlenija Oħra | Fi żmien sentejn | CRPD, DDI, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 1.3**: Assessjar tad-Diżabilità u Riforma fl-Eliġibbiltà tal-Programmi | Fi żmien 9 snin | DDI, DSS, CRPD, Aġenzija Sapport, Ministeru tal-Edukazzjoni, JobsPlus, Ministeru tas-Saħħa, OCMH, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

**Artikoli tal-Konvenzjoni**

**4(3)** Involviment Attiv u Konsultazzjoni ta' Persuni b'Diżabilità fl-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni

**05** Ugwaljanza u Non-diskriminazzjoni

**13** Aċċess għall-Ġustizzja

**28** Standard adegwat ta' Għajxien u Protezzjoni Soċjali

**29** Parteċipazzjoni fil-ħajja politika u pubblika

**33** Implimentazzjoni u monitoraġġ nazzjonali

**Miri tal-SDGs**

**1.3** Sistemi u Miżuri xierqa ta' Protezzjoni Soċjali għal Kulħadd, u Kopertura Sostanzjali tal-Foqra u tal-Persuni Vulnerabbli

**10.2** Inklużjoni Soċjali, Ekonomika u Politika għal Kulħadd, irrispettivament mill-istatus (inkluża d-Diżabilità)

**10.3** L-iżgurar ta' Opportunitajiet Indaqs u r-Riduzzjoni tal-Inugwaljanzi fl-Eżitu

## Punti pożittivi, Sfidi u Opportunitajiet

Qasam ewlieni għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità huwa dak tar-Riformi u l-Ugwaljanza. Il-ħtieġa li tiġi promulgata jew emendata leġiżlazzjoni bażi soda hija deskritta, bħala qafas li jappoġġja l-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija.

L-istrutturi rilevanti għandhom jinħolqu permezz ta' din il-leġiżlazzjoni, bħal sistema strutturata ta' punti fokali, u mekkaniżmu nazzjonali ta' koordinazzjoni, għall-kollaborazzjoni dwar kwistjonijiet trasversali bejn dipartimenti u Ministeri differenti.

Fl-ispirtu tal-Konvenzjoni ta' "Xejn Dwarna, Mingħajrna", mekkaniżmu ta' parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili jikkompleta l-qafas tal-entitajiet rilevanti li jgħinu l-implimentazzjoni.

Barra minn hekk, leġiżlazzjoni oħra li għandha effett fuq is-settur tad-diżabilità, għandha tiġi riveduta għall-konformità man-normi rilevanti, u titnaddaf minn elementi bħal lingwaġġ mhux adattat. Ir-rappreżentanza ta' persuni b'diżabilità fuq entitajiet tal-Istat tingħata prijorità wkoll, filwaqt li s-sistemi diverġenti attwali ta' assessjar tad-diżabilità u tal-eliġibbiltà għal programmi għandhom jiġu riformati f'sistema unifikata u olistika bbażata fuq kriterji funzjonali u soċjali, minflok kriterji mediċi, fl-interess tas-simplifikazzjoni, is-sostenibbiltà u d-dinjità tal-persuni b'diżabilità li jkollhom jużaw dawn is-sistemi.

## Azzjoni Speċifika u Eżiti marbuta

### Eżiti għal 1.1:
### Żvilupp u Riforma tal-Leġiżlazzjoni u l-Istrutturi bażi

1.1.1 Il-finalizzazzjoni ta' Att dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, bil-Konvenzjoni nfisha tkun il-punt ewlieni ta' referenza. Kwalunkwe kontenut addizzjonali għandu jkollu l-għan li jirrifletti aħjar il-kuntest Malti, filwaqt li qatt ma jnaqqas id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità kif mogħtija mill-Konvenzjoni msemmija hawn fuq.

1.1.2 Il-Leġiżlazzjoni Bażi għandha tipprovdi għal mekkaniżmi rilevanti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni f'Malta, kif ukoll mekkaniżmi effettivi għall-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, u għall-monitoraġġ u l-infurzar tal-Konvenzjoni f'Malta, li abbażi tagħhom tista' tinħoloq u tiġi żviluppata aktar il-politika u l-prattika rilevanti.

1.1.3 Il-Leġiżlazzjoni Bażi għandha tipprevedi wkoll mekkaniżmi sempliċi u effettivi ta' rimedju għall-persuni li jagħmlu talbiet skont tali leġiżlazzjoni, li jikkomplimentaw kwalunkwe mekkaniżmi eżistenti u futuri disponibbli fiż-żmien tal-mogħdija ta' din il-leġiżlazzjoni, kif ukoll miżuri li jiżguraw infurzar aħjar f'każ ta' abbuż tad-drittijiet skont il-UNCRPD.

1.1.4 Konsultazzjoni mal-partijiet interessati għandha ssir, b'mod partikolari permezz ta' mekkaniżmi rilevanti fi ħdan id-DDI u s-CRPD.

1.1.5 It-tressiq formali ta' leġiżlazzjoni bażi ġdida u emendi għal-leġiżlazzjoni bażi eżistenti quddiem il-Parlament għandu mbagħad isir

1.1.6 Taħriġ għandu jiġi pprovdut mid-DDI lill-uffiċjali fi ħdan id-Direttorat għall-Investigazzjonijiet, il-Konformità u l-Infurzar tas-CRPD, biex jiġi żgurat li l-membri tal-persunal ikunu midħla tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi fis-seħħ, speċjalment dawk il-persuni li jridu jaħdmu sabiex ipoġġuha fil-prattika.

## Eżiti għal 1.2:
## Aktar sforzi mill-Grupp ta' Ħidma biex Jiskrutinizza l-Leġiżlazzjoni u Dokumentazzjoni ewlenija oħra

1.2.1 Is-CRPD għandha tkompli bl-isforzi li qed isiru permezz tal-grupp ta' ħidma tagħha, li qed jgħaddi l-leġiżlazzjoni u dokumentazzjoni importanti oħra, biex:

1.2.1.1 Jimmappja l-leġiżlazzjoni u d-dokumenti ta' politika kollha li jkollhom effett fuq il-persuni b'diżabilità u d-drittijiet tagħhom;

1.2.1.2 Jidentifika klawżoli li jiddiskriminaw kontra persuni b'diżabilità. Dan jestendi wkoll għat-terminoloġija użata meta ssir referenza għal persuni b'diżabilità b'mod espliċitu u/jew impliċitu;

1.2.2 Il-konklużjonijiet tal-grupp ta' ħidma għandhom jinġabru f'rapport wieħed jew aktar hekk kif il-grupp ta' ħidma jqis xieraq, li eventwalment għandu jgħaddi għand id-DDI għad-diskussjoni u l-azzjoni

1.2.3 Taħriġ għandu jiġi pprovdut mid-DDI, kif meħtieġ, lill-uffiċjali rilevanti fi ħdan is-CRPD, biex jiġi żgurat li l-membri tal-persunal ikunu midħla tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi fis-seħħ, speċjalment dawk il-persuni li jridu jaħdmu sabiex ipoġġuha fil-prattika.

## Eżiti għal 1.3:
## Assessjar tad-Diżabilità u Riforma fl-Eliġibbiltà tal-Programmi

1.3.1 Id-DDI ser ikompli d-diskussjonijiet mal-partijiet ewlenin, u ċioè d-DSS, is-CRPD, l-Aġenzija Sapport, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, il-JobsPlus, il-Ministeru tas-Saħħa, l-OCMH, u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, biex jiġi żgurat li sistemi differenti ta' assessjar tad-diżabilità mħaddma minn entitajiet differenti jiġu inkorporati f'sistema olistika waħda, ġestita permezz ta' taqsima stabbilita fi ħdan Aġenzija Sapport.

1.3.2 Is-sistema riformata għandha titħaddem bl-użu ta' kriterji funzjonali u soċjali li jirriflettu l-aspetti kollha tal-ħajja ta' persuna, biex jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet jiffukaw fuq liema appoġġ il-persuni b'diżabilità jeħtieġu sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-pjanijiet ta' ħajjithom, minflok kriterji strettament mediċi u metodi ta' eżitu kwantitattivi li bħalissa huma prevalenti, peress li dawn tal-aħħar jagħtu prijorità lill-indebolimenti funzjonali, u l-opinjonijiet tal-membri tal-familja u l-professjonisti, minflok lix-xewqat u l-aspirazzjonijiet ta' persuni b'diżabilità.

1.3.3 Fit-twettiq tar-riformi rilevanti, il-partijiet ikkonċernati għandhom jiżviluppaw ukoll lista ta' kontroll (checklist) fir-rigward tal-assessjar olisitku professjonali u l-prijoritizzazzjoni, u jiżguraw li l-persuni b'diżabilità u/jew il-membri tal-familja u n-netwerks ta' appoġġ tagħhom jingħataw lista komprensiva ta' servizzi li jkunu jistgħu jaċċessaw mal-konklużjoni tal-proċess ta' assessjar.

1.3.4 L-eliġibbiltà tal-programmi varji tibqa' taħt il-kompetenza ta' dipartimenti differenti msemmija fl-Eżitu 1.3.1, iżda għandha tiġi diskussa fost il-partijiet interessati, b'attenzjoni partikolari għal aktar sensibilizzazzjoni dwar liema servizzi toffri kull entità, filwaqt li tiġi indirizzata l-komunikazzjoni bejn il-professjonisti f'kull entità, u għandha tiġi implimentata b'kongruwenza mar-riforma li toħloq sistema unika olistika ta' assessjar tad-diżabilità.

# OBJETTIV 2

## RIĊERKA U ĠBIR TA' DATA

| **OBJETTIV 02** RIĊERKA U ĠBIR TA' DATA | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 2.1**: Kollaborazzjoni dwar ir-riċerka dwar teknoloġiji innovattivi ta' assistenza għal persuni b'diżabilità | Fi żmien 5 snin | ACTU, Dipartimenti/Istituti tal-Inġinerija – MCAST, Fakultà tal-Inġinerija – Università ta' Malta, Dipartimenti/Istituti tal-ICT – MCAST, Fakultà tal-ICT – Università ta' Malta, Fakultajiet/Dipartimenti/ Istituti tal-Inġinerija – entitajiet oħra akkreditati mill-MFHEA, Fakultajiet/ Dipartimenti/ Istituti tal-ICT – entitajiet oħra akkreditati mill-MFHEA, Dipartiment tat-Terapija tal-Komunikazzjoni fi ħdan il-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa – Università ta' Malta, DDI, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 2.2**: Kollaborazzjoni dwar ir-riċerka dwar il-lakuni fl-attivitajiet ta' divertiment għall-minorenni, adoloxxenti u żgħażagħ b'diżabilità | Fi żmien 5 snin | Dipartimenti u istituti rilevanti fl-MCAST, dipartimenti, istituti u fakultajiet rilevanti fl-Università ta'Malta, dipartimenti, istituti u fakultajiet rilevanti ta' entitajiet oħra akkreditati mill-MFHEA, DDI, CRPD, Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal, Aġenzija Żgħażagħ, OCMH, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 2.3**: MtQ bejn il-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u Entitajiet Akkademiċi | Fi żmien sentejn | Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, DDS, ADSU, DDI, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 2.4**: Tixrid Pubbliku ta' Riċerka Speċifika | Fi żmien 5 snin | DDS, DDI, Kunsilli Lokali, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 2.5**: Allinjament tal-Ġbir tad-Data mal-Aħjar Prattiċi | Fi żmien sentejn | DDI, NSO, CRPD, DSS, Aġenzija Sapport, Ministeru tal-Edukazzjoni, JobsPlus, Ministeru tas-Saħħa, OCMH, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

**Artikoli tal-Konvenzjoni**

**31** Statistika u Ġbir tad-Data

**Miri tal-SDGs**

**17.18** Appoġġ għall-Bini tal-Kapaċità lill-Pajjiżi li qed Jiżviluppaw, inklużi l-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) u l-Istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw (SIDS), biex tiżdied id-Disponibbiltà ta' Data ta' Kwalità Għolja, f'Waqtha u Affidabbli, Diżaggregata skont eż. id-Diżabilità

# Punti pożittivi, Sfidi u Opportunitajiet

Dan l-Objettiv jenfasizza l-importanza tar-Riċerka, filwaqt li jipprevedi għal Ġbir ta' Data effiċjenti u konformi mal-Konvenzjoni. F'din l-aħħar istanza, l-osservanza tal-kriterji tal-aħjar prattiċi, bħal dawk żviluppati mill-Grupp ta' Washington tal-Ġnus Magħquda dwar l-Istatistika dwar id-Diżabilità, tkun żgurata meta jsiru eżerċizzji bħal ċensimenti u stħarriġ nazzjonali, filwaqt li l-ħtiġijiet fir-rigward ta' forniment tas-servizzi jissaħħu permezz tat-twaqqif ta' Reġistru Nazzjonali tad-Diżabilità, li jkun marbut mal-proċess ta' riforma tal-assessjar tad-diżabilità msemmi fl-Objettiv 1.

Riċerka speċifika dwar oqsma ewlenin, li twassal għal titjib fil-ħajja ta' persuni b'diżabilità, bħal fil-qasam tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni awmentattiva u alternattiva (AAC), u attivitajiet ta' divertiment għal minorenni, adoloxxenti u żgħażagħ b'diżabilità, tingħata attenzjoni partikolari, għandha tingħata attenzjoni partikolari, filwaqt li għandhom jiġu stabbiliti strutturi ulterjuri, billi tiġi żgurata l-konklużjoni ta' Memorandum ta' Qbil bejn il-Gvern u d-Dipartiment tal-Istudji dwar id-Diżabilità tal-Università ta' Malta, u l-possibilità ta' aktar ftehimiet ma' entitajiet akkademiċi.

L-importanza tat-tixrid ta' din ir-riċerka hija indirizzata wkoll, u passi huma preskritti f'dan ir-rigward.

# Azzjonijiet Speċifiċi u Eżiti marbuta

**Eżiti għal 2. 1:**
**Kollaborazzjoni dwar ir-riċerka dwar teknoloġiji innovattivi ta' assistenza għal persuni b'diżabilità**

2.1.1 Għandhom isiru diskussjonijiet bejn l-ACTU u d-dipartimenti, istituti u fakultajiet relatati mal-inġinerija u l-ICT fl-MCAST, u l-Università ta' Malta, kif ukoll id-Dipartiment tat-Terapija tal-Komunikazzjoni tal-Università fil-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, u dipartimenti, istituti u fakultajiet oħra bħal dawn fi ħdan entitajiet akkreditati mill-MFHEA, b'rappreżentazzjoni mid-DDI u s-CRPD, dwar il-kondiviżjoni ta' data u/jew esperjenzi u metodi jew tagħmir, inklużi metodi ta' Komunikazzjoni Awmentattiva u Alternattiva (AAC), disinji/prototipi ta' tagħmir speċjalizzat għal persuni b'diżabilità, u li jibnu fuq inizjattivi eżistenti tal-aħjar prattika, inkluż it-taħriġ u l-proviżjoni ta' annimali gwida u tas-servizz.

2.1.2 Suġġetti speċifiċi bħall-użu tat-teknoloġija biex tappoġġja lill-individwi biex jaċċessaw l-ambjent tagħhom permezz tal-kunċett ta' djar SMART, li jintegraw mal-apparat AAC, għandhom jitqiesu bħala oqsma speċjalizzati tar-riċerka.

2.1.3 B'riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet li għaddejjin, id-DDI għandu jressaq suġġerimenti lill-Gvern dwar oqsma ġodda ta' investiment fir-rigward ta' teknoloġiji ta' assistenza.

**Eżiti għal 2. 2:**
**Kollaborazzjoni dwar ir-riċerka dwar il-lakuni fl-attivitajiet ta' divertiment għall-minorenni, l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ b'diżabilità**

2.2.1 Għandhom isiru diskussjonijiet bejn id-dipartimenti, l-istituti u l-fakultajiet rilevanti fl-MCAST, l-Università ta' Malta u entitajiet oħra akkreditati mill-MFHEA, b'rappreżentanza mid-DDI, is-CRPD, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal, Aġenzija Żgħażagħ, u l-OCMH, dwar lakuni f'attivitajiet ta' divertiment li huma aċċessibbli u adattati għall-età għal minorenni b'diżabilità bejn l-etajiet ta' 9-12-il sena (gruppi tween), kif ukoll adoloxxenti u żgħażagħ.

2.2.2 B'riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet li għaddejjin, id-DDI għandu jressaq suġġerimenti lill-Gvern li jirriflettu d-diskussjonijiet u l-eżiti rilevanti, wara li tkun twettqet riċerka ta' azzjoni parteċipattiva bl-użu ta' kontribut ewlieni minn minorenni, adolexxenti u żgħażagħ b'diżabilità, li ssir b'mod aċċessibbli, u bl-għoti dovut tal-appoġġi kollha meħtieġa, sabiex din id-diskrepanza tiġi indirizzata billi jinstabu soluzzjonijiet biex jinħolqu attivitajiet bħal dawn

## Eżiti għal 2.3:
## MtQ bejn il-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u entitajiet akkademiċi

2.3.1 Il-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, id-DDS u l-ADSU għandhom jidħlu f'diskussjonijiet, iffaċilitati mid-DDI, bil-għan li jidentifikaw oqsma ta' riċerka li huma saljenti għall-ħajja ta' persuni b'diżabilità, filwaqt li jqisu l-kunsiderazzjonijiet relatati mal-intersezzjonalità, fir-rigward ta' elementi bħall-ġeneru, l-oriġini etnika jew l-istatus ta' minoranza.

2.3.2 Għandu jsir Memorandum ta' Qbil bejn il-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, id-DDS u l-ADSU, dwar oqsma ta' riċerka identifikati, wara dawn id-diskussjonijiet.

2.3.3 Id-DDS u l-ADSU għandhom jippromwovu dawn l-oqsma ta' riċerka identifikati lill-istudenti tagħhom u lill-akkademiċi fl-Università ta' Malta, bil-possibbiltà li Task Force ta' Riċerka tal-Università, ikkoordinata mid-DDS, tiġi eventwalment ikkunsidrata, li tlaqqa' flimkien għarfien espert minn Fakultajiet u Dipartimenti differenti, lejn sforzi kollaborattivi biex tiġi prodotta riċerka trasversali u traslazzjonali.

2.3.4 L-oqsma importanti tar-riċerka għandhom jinżammu aġġornati mid-DDS, l-ADSU u l-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità fuq bażi ta' sena b'sena, sabiex jirriflettu aħjar il-kuntest prevalenti, u l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità f'mument partikolari.

2.3.5 Ir-riċerka għandha tkun ta' natura parteċipattiva, b'persuni b'diżabilità jingħataw l-opportunità li jkunu riċerkaturi primarji, inkluż billi jiġi żgurat li l-proġetti ta' riċerka

jkunu aċċessibbli, u li jingħataw l-appoġġi meħtieġa matul dawn il-proġetti, kif ukoll emanċipattivi, fejn ir-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw iwasslu biex jiġu implimentati bidliet, fl-interess tal-progress soċjali, u għandha tingħata attenzjoni speċifika biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' intersezzjonalità, bħal fir-rigward tad-diżabilità u l-ġeneru.

2.3.6 Inizjattivi simili għandhom jiġu esplorati bejn il-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u istituzzjonijiet akkademiċi lokali oħra, iffaċilitati mid-DDI, bi kwalunkwe MtQ li jirriżulta jsegwi l-istess prinċipji deskritti hawn fuq.

## Eżiti għal 2.4:
## Tixrid Pubbliku ta' Riċerka Speċifika

2.4.1 Id-DDS għandha tiżviluppa sistema li biha tkun prevista promozzjoni aħjar tar-riċerka fis-settur tad-diżabilità, b'attenzjoni speċifika għar-rwol tal-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Koordinazzjoni fi ħdan id-DDI, u tal-ENGAGE, bħala l-mekkaniżmu ta' parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fi ħdan id-DDI.

2.4.2 Permezz tas-sit web tad-DDS u mezzi oħra bħal newsletters, kif ukoll permezz ta' inizjattivi bħal webinars, taħditiet pubbliċi ospitati mill-Kunsilli Lokali, u artikli tal-midja, għandhom jiġu promossi diversi sforzi ta' riċerka ta' interess pubbliku. Dan se jiżgura aktar interess f'dan is-settur mill-pubbliku, u jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-għarfien tal-komunità.

2.4.3 Il-benefiċjarji speċifiċi għandhom jiġu ddeterminati u jsiru sforzi fil-konfront tagħhom, wara deċiżjonijiet rilevanti minn żmien għal żmien f'dan ir-rigward meħuda mill-partijiet interessati involuti, u wara konsiderazzjoni mogħtija lil żviluppi soċjali kurrenti, u għandhom jiġu żviluppati u mħaddma mezzi xierqa għas-sensibilizzazzjoni u d-disseminazzjoni, imfassla apposta skont il-każ.

2.4.4 Wara l-perjodu inizjali għat-tlestija tal-ewwel fażi ta' din l-Azzjoni, attivitajiet sussegwenti f'dan ir-rigward jibqgħu għaddejjin.

## Eżiti għal 2.5:
## Allinjament tal-Ġbir tad-Data mal-Aħjar Prattiċi

2.5.1 Id-DDI għandu jimpenja ruħu mal-NSO u entitajiet oħra, filwaqt li jikkonsulta mas-CRPD, sabiex jiżgura li ċ-Ċensiment Nazzjonali, kif ukoll eżerċizzji bħall-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol, jirrapportaw data relatata mad-diżabilità billi jużaw kriterji stabbiliti mill-Grupp tal-Ġnus Magħquda ta' Washington dwar l-Istatistika dwar id-Diżabilità.

2.5.2 Bażi tad-data (Database) unika dwar id-diżabilità, miżmuma f'konformità mal-obbligi legali rilevanti, inklużi r-rekwiżiti relatati mal-kunsens u l-privatezza, u diżaggregata f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-aħjar prattika, għandha tinħoloq u tinżamm regolarment, permezz tal-kontribut ta' partijiet interessati differenti involuti fil-proċess ta' riforma tal-assessjar tad-diżabilità msemmi fl-Azzjoni 3 tal-Objettiv 1, u amministrata mill-NSO, sabiex tiġi żgurata stampa ġenerali iktar ċara tas-settur tad-diżabilità, u tassisti fil-forniment xieraq ta' ħtiġijiet ta' servizz u appoġġ.

# OBJETTIV 3

## SENSIBILIZZAZZJONI DWAR ID-DIŻABILITÀ

| **OBJETTIV 03** GĦARFIEN DWAR ID-DIŻABILITÀ | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 3.1**: Għarfien Ġenerali Kontinwu | Fi żmien sentejn | Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, DDI, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 3.2**: Għarfien dwar kif tista' tintuża l-leġiżlazzjoni f'każijiet ta' diskriminazzjoni minħabba diżabilità | Fi żmien sentejn | CRPD, Negozji, organizzazzjonijiet reliġjużi, entitajiet fis-settur Pubbliku, Kunsilli Lokali, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 3.3**: Taħriġ dwar l-għarfien dwar id-diżabilità għall-fornituri tas-servizzi fis-settur pubbliku u privat | Fi żmien 5 snin | CRPD, DDS, DDI, Negozji, organizzazzjonijiet eliġiji, entitajiet fis-settur Pubbliku, Kunsilli Lokali, ADSC, Fakultà tal-Liġi – l-Università ta' Malta, Kamra tal-Avukati, il-Ġudikatura, persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 3.4**: Għoti ta' Tagħlim bażiku tal-Lingwa tas-Sinjali lill-persunal ewlieni u lill-istudenti | Fi żmien 5 snin | DDI, KLSM, Aġenzija Sapport, Ministeru tal-Edukazzjoni, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

**Artikoli tal-Konvenzjoni**

**08** Sforzi għal aktar Għarfien

**24** Edukazzjoni

**Miri tal-SDGs**

**10.2** Għoti ta' empowerment u promozzjoni tal-Inklużjoni Soċjali, Ekonomika u Politika għal Kulħadd, irrispettivament mill-istatus (inkluża d-Diżabilità)

**4.7** L-iżgurar tal-akkwist tal-Għarfien u l-Ħiliet għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli permezz tal-Edukazzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-apprezzament tad-diversità kulturali

**4.c** Iż-żieda sostanzjali fil-provvista ta' għalliema kwalifikati

# Punti pożittivi, Sfidi u Opportunitajiet

Objettiv 3 jkopri l-fenomenu dejjem meħtieġ tal-Għarfien, kemm fi ħdan is-soċjetà b'mod ġenerali, iżda wkoll fost il-familji b'diżabilità kif ukoll dawk qrib tagħhom. Għalkemm din kienet prijorità f'Malta għal numru tajjeb ta' snin, l-intensità u speċjalment il-kontenut ta' tali sensibilizzazzjoni jeħtieġ li jiġu adattati b'mod kostanti għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu u r-realtajiet tas-soċjetà, u għandhom dejjem ikunu marbuta mal-aċċettazzjoni, l-inklużjoni u l-emanċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità.

B'mod partikolari, qed jiġu promossi inizjattivi marbuta mal-għarfien ġenerali kontinwu, u l-empowerment ta' persuni b'diżabilità billi jingħataw ħiliet sabiex jużaw dawk ir-riżorsi disponibbli lilhom biex jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet tagħhom skont il-liġi, kif ukoll inizjattivi ta' taħriġ kontinwu kemm fl-isfera pubblika kif ukoll f'dik privata, u l-għoti ta' taħriġ bażiku fil-Lingwa tas-Sinjali Maltija lill-istudenti u lill-persunal ewlieni.

# Azzjonijiet Speċifiċi u Eżiti marbuta

## Eżiti għal 3.1:
## Għarfien Ġenerali Kontinwu

3.1.1 DDI, filwaqt li jaġixxi permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, u flimkien mal-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, għandu jibda kampanja bl-użu tal-midja tal-massa u tal-mezzi tal-midja soċjali, biex jintlaħqu diversi setturi tas-soċjetà, b'informazzjoni kategorizzata dwar id-diżabilità, u dwar id-drittijiet u l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari l-ġlieda kontra l-isterjotipi relatati mad-diżabilità fl-oqsma kollha tal-ħajja, filwaqt li ssir referenza għal każijiet ta' intersezzjonalità u fenomeni relatati, bħal fil-każ ta' nisa, persuni LGBTQI+ u migranti b'diżabilità, u bil-persuni b'diżabilità nfushom bħala l-persuni fit-tmun ta' din l-inizjattiva.

3.1.2 Id-DDI, filwaqt li jaġixxi permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, flimkien mal-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, u ma' persuni b'diżabilità bħala forza ewlenija f'kampanja bħal din, għandu jiżviluppa kampanja simili, din id-darba mmirata lejn persuni b'diżabilità nfushom, bl-għan aħħari jkun dak tal-emanċipazzjoni, u speċjalment li jiġu indirizzati l-ineżattezzi u t-twemmin żbaljat dwar id-diżabilità fost persuni b'diżabilità f'Malta.

## Eżiti għal 3.2:
## Għarfien dwar kif tista' tintuża l-leġiżlazzjoni f'każijiet ta' diskriminazzjoni minħabba diżabilità

3.2.1 Is-CRPD għandha tfassal pjan ta' azzjoni, bil-għan li tilħaq lill-persuni b'diżabilità, lill-familji tagħhom u lis-soċjetà.

3.2.2 Is-CRPD, flimkien mal-partijiet interessati rilevanti, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tal-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, għandha tipprovdi informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni rilevanti kontra d-diskriminazzjoni, f'diversi forom li jinkludu – iżda mhumiex limitati għal – seminars, kampanji fil-midja u diskussjonijiet mal-partijiet interessati ewlenin.

### Eżiti għal 3.3:
### Taħriġ dwar l-għarfien dwar id-diżabilità għall-fornituri tas-servizzi fis-settur pubbliku u privati

3.3.1 Is-CRPD għandha tiżviluppa qafas ġenerali aġġornat għat-Taħriġ dwar l-Ugwaljanza u d-Diżabilità (DETs), permezz ta' kollaborazzjoni konġunta mad-DDS u d-DDI, kif ukoll taħriġ imfassal speċifikament kif u fejn meħtieġ.

3.3.2 Is-CRPD għandha taġġorna regolarment, f'konsultazzjoni mad-DDS u d-DDI, ir-reġistru tagħha ta' entitajiet privati, inklużi negozji ewlenin, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet reliġjużi, u entitajiet tas-settur pubbliku, inklużi Ministeri, Dipartimenti, Awtoritajiet u Aġenziji tal-Gvern, u Kunsilli Lokali, li lilhom id-DETs ikunu se jitwasslu fuq bażi kontinwa.

3.3.3 Jeħtieġ li jkun hemm enfasi partikolari fuq id-DETs għall-entitajiet li joffru servizzi lit-tfal, biex jiġi żgurat li t-tfal b'diżabilità ma jiġux imċaħħda mis-servizzi tagħhom minħabba l-biża'.

3.3.4 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, għandu jingaġġa entitajiet differenti, u jfittex garanziji illi DETs jiġu offruti lill-persunal tagħhom, inkluż fuq bażi obbligatorja, b'mod partikolari lill-persunal front-liners f'pożizzjonijiet sensittivi, bħal forzi dixxiplinati.

### Eżiti għal 3.4:
### Għoti ta' tagħlim bażiku tal-Lingwa tas-Sinjali lill-persunal ewlieni u lill-istudenti

3.4.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, u bl-involviment tal-KLSM u l-Aġenzija Sapport, għandu jibda diskussjonijiet sabiex jidentifika persunal ewlieni sabiex jirċievi taħriġ bażiku u ta' reviżjoni fil-Lingwa tas-Sinjali Maltija (LSM), illi jkunu membri ta' entitajiet jew professjonisti li għandhom probabbiltà medja sa għolja ta' kuntatt ma' persuni Deaf, li jiffoka primarjament fuq dawk il-professjonisti bi rwol ta' front-liners, inklużi ħaddiema soċjali u forzi dixxiplinati, u persuni attivi f'setturi bħall-ġurnaliżmu, is-soċjetà ċivili u l-isfera reliġjuża.

3.4.2 Għandu jiġi żviluppat tagħlim bażiku tal-LSM, imfassal apposta, sabiex dan jiġi offrut lill-istudenti tal-iskola sekondarja fl-iskejjel statali u privati, permezz tal-isforzi konġunti tal-KLSM u l-Ministeru tal-Edukazzjoni.

3.4.3 Wara l-perjodu inizjali għat-tlestija tal-ewwel fażi ta' din l-Azzjoni, attivitajiet sussegwenti f'dan ir-rigward jibqgħu għaddejjin.

# OBJETTIV 4

## Aċċessibilità

| **OBJETTIV 04** AĊĊESSIBILITÀ | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 4.1**: Aċċessibilità tal-Infrastruttura tat-Toroq u t-Trasport | Fi żmien 9 snin | DDI, TM, Taqsima dwar il-Konformità tas-CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 4.2**: Aċċessibilità tas-servizzi tat-Trasport Pubbliku u tat-Taxi | Fi żmien 9 snin | CRPD, DDI, TM, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 4.3**: Aċċessibilità tal-Bajjiet u tat-Turiżmu | Fi żmien 5 snin | CRPD, DDI, FITA, MTA, Kunsilli Lokali, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 4.4**: Politika ta' Informazzjoni Aċċessibbli | Fi żmien 5 snin | DDI, FITA, Aġenzija Sapport, ACTU, CRPD, AWAS, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 4.5**: Aċċess Aħjar għall-Kotba u Materjal ieħor f'Formati Aċċessibbli f'Istituzzjonijiet Edukattivi | Fi żmien 5 snin | DDI, Fornituri tas-Servizzi edukattivi, Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tas-CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 4.6**: Niżguraw l-Aċċessibilità tal-Bini u tas-Servizzi | Fi żmien 9 snin | Taqsima dwar il-Konformità tas-CRPD, DDI, Direttorat għall-Gvern Lokali, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 4.7**: Linji gwida dwar il-Preżentazzjoni ta' Informazzjoni f'diversi Formati Aċċessibbli | Fi żmien 5 snin | DDS, FITA, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 4.8**: Valutazzjoni tal-Aċċessibilità u Rapporti ta' Implimentazzjoni minn Entitajiet tal-Istat | Fi żmien 5 snin | DDI, entitajiet governattivi u parastatali, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 4.9**: Logo Ġdid tad-Diżabilità | Fi żmien sentejn | DDI, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, CRPD, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 4.10**: Valutazzjoni tal-Aċċessibilità u Rapporti ta' Implimentazzjoni minn Entitajiet tal-Istat | Fi żmien 5 snin | DDI, CRPD, Aġenzija għas-Servizzi tal-Qorti, Korp tal-Pulizija ta' Malta, LESA, Bord tal-Kustodja, OCMH, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

**Artikoli tal-Konvenzjoni**

**09** Aċċessibilità

**13** Aċċess għall-Ġustizzja

**Miri tal-SDGs**

**09** (il-miri kollha) Tinbena Infrastruttura Reżiljenti, Tiġi Promossa Industrijalizzazzjoni Inklużiva u Sostenibbli, u Titrawwem l-Innovazzjoni

**11.2** Aċċess għal Sistemi ta' Trasport Siguri, Affordabbli, Aċċessibbli u Sostenibbli (inklużi Toroq) għal Kulħadd, b'attenzjoni speċjali għal persuni vulnerabbli (inklużi persuni b'diżabilità)

**11.7** Aċċess Universali għal Spazji Siguri, Inklużivi u Aċċessibbli, Ekoloġiċi u Pubbliċi, b'mod partikolari għal persuni b'diżabilità (ukoll)

## Punti pożittivi, Sfidi u Opportunitajiet

L-aċċessibilità, wieħed mill-aspetti l-aktar fundamentali ta' qafas tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, hija koperta minn dan l-Objettiv. Malta ilha tiffoka aktar mill-qrib fuq dan il-qasam, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent mibni, wara li ħolqot Linji Gwida li ġew adottati bħala Standard Nazzjonali u eventwalment ukoll miktuba f'liġi. Fil-livell tal-Unjoni Ewropea, Malta ppromwoviet ukoll l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità, li issa hija impenjata li timplimenta lokalment matul is-snin li ġejjin, filwaqt li taqsam l-esperjenzi tagħha permezz tal-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea. Dan l-Objettiv jibni fuq il-kisbiet attwali, filwaqt li jindirizza dawk l-oqsma li dejjem qed jevolvu u li jeħtieġu aktar attenzjoni.

Servizzi u oqsma speċifiċi bħad-divertiment huma indikati fir-rigward illi jkopru l-obbligi ta' aċċessibilità b'mod aħjar, u għal infurzar xieraq, bħalma huma wkoll postijiet użati għall-attivitajiet imsemmija, bħala parti mix-xenarju infrastrutturali usa' tal-pajjiż.

Barra minn hekk, l-aċċess għall-informazzjoni u l-materjali rilevanti bħall-kotba elettroniċi huwa indirizzat, kif inhuma l-politiċi rilevanti għal tali, b'emfasi partikolari fuq it-teknoloġiji ta' assistenza, filwaqt li r-responsabbiltà tal-Istat li jmexxi bl-eżempju fl-entitajiet tiegħu stess, u l-obbligi ta' Malta li tiżgura aċċess għall-ġustizzja għal persuni b'diżabilità, u l-eżerċizzju tal-kapaċità legali,huma koperti wkoll permezz ta' Azzjonijiet speċifiċi.

## Azzjonijiet Speċifiċi u Eżiti marbuta

### Eżiti għal 4.1: Aċċessibilità tal-Infrastruttura tat-Toroq u t-Trasport

4.1.1 Id-DDI għandu jibda diskussjonijiet permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, bl-inklużjoni tat-TM, u konsultazzjoni mal-Taqsima dwar il-Konformità tas-CRPD, biex jiddiskuti l-aċċessibilità tal-infrastruttura tat-toroq u t-trasport ta' Malta, inkluż dik tat-terminals tal-ajru u tal-baħar u tal-punti tal-imbark.

4.1.2 Dawn id-diskussjonijiet fost dawn il-partijiet interessati għandhom jiddiskutu wkoll l-użu eżistenti ta', kif ukoll jagħmlu analiżi tal-ħtiġijiet li tikkonċerna sinjali u qsim aċċessibbli xierqa għal kulħadd, u disinji għal tali, inkluż fir-rigward ta' mudell uniformi għal dwal tat-traffiku awdjoviżiv u bankini, wisa' tal-bankina, u rotot aċċessibbli mmarkati tajjeb fi ħdan lokalitajiet differenti li jgħaqqdu servizzi differenti.

4.1.3 Barra minn hekk, il-fenomenu tal-pedonalizzazzjoni għandu jiġi indirizzat bħala miżura speċifika matul dawn id-diskussjonijiet fost dawn il-partijiet interessati, kif ukoll il-ħolqien ta' politiċi li jirrispettaw id-disinn universali fir-rigward ta' mogħdijiet alternattivi aċċessibbli li jintużaw waqt li jkunu għaddejjin xogħlijiet fuq mogħdijiet pedonali.

4.1.4 Għandu jitfassal rapport li jagħti dettalji dwar is-sitwazzjoni attwali wara diskussjonijiet imsemmija, inklużi rakkomandazzjonijiet u pjan ta' implimentazzjoni li għandu jiġi kkoordinat mid-DDI, li jkopri wkoll testijiet meħtieġa bil-parteċipazzjoni sħiħa ta' persuni b'diżabilità, fir-rigward ta' karatteristiċi ġodda li għandhom jiġu implimentati, flimkien ma' kampanja ta' sensibilizzazzjoni.

### Eżiti għal 4.2:
### Aċċessibilità tas-servizzi tat-Trasport Pubbliku u tat-Taxi

4.2.1 Is-CRPD għandha tkompli b'diskussjonijiet rilevanti ma' partijiet involuti ewlenin, bħad-DDI u TM, fir-rigward tal-applikazzjoni ta' politiċi u prattiċi li ġew adottati u li jirrigwardaw l-aċċessibilità tas-servizzi tat-trasport pubbliku u tat-taxi, inkluż ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56) u r-Regolamenti dwar is-Servizzi tat-Taxi (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.59).

4.2.2 Rapporti regolari dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tal-aċċessibilità tas-servizzi tat-trasport pubbliku u tat-taxi f'Malta u Għawdex, għandhom isiru bħala riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet, u DETs jistgħu jiġu offruti mis-CRPD lill-uffiċjali u l-persunal rilevanti, wara li jikkoordinaw mad-DDI u l-partijiet interessati involuti, per eżempju, b'enfasi fuq il-ħtiġijiet tal-passiġġieri b'nuqqas ta' vista.

4.2.3 Is-CRPD għandha tgħaddi dawn ir-rapporti lill-partijiet kollha rilevanti, u tikkomunika magħhom sabiex tħassib espress f'tali rapporti jkun jista' jiġi indirizzat, bħal dak relatat mas-sikurezza u l-prezzijiet, filwaqt li l-adozzjoni tal-aħjar prattiċi tkun tista' tiġi riveduta fuq bażi regolari, f'konformità mal-aħħar żviluppi.

## Eżiti għal 4.3:
## Aċċessibilità tal-Bajjiet u tat-Turiżmu

4.3.1 Is-CRPD għandha tkompli b'diskussjonijiet ma' partijiet involuti rilevanti, bħad-DDI, l-MTA, il-FITA u rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali, fir-rigward tal-applikazzjoni ta' miżuri rilevanti ta' politika u prattika eżistenti dwar il-Bajjiet Aċċessibbli, u dwar it-Turiżmu Aċċessibbli, bħal fir-rigward ta' materji bħall-aċċess għas-siġġijiet tar-roti, u inkluż permezz ta' soluzzjonijiet ta' aċċessibilità diġitali żviluppati preċedentement minn entitajiet bħall-FITA.

4.3.2 Dawn il-miżuri ta' politika u prattika għandhom jittieħdu mil-leġiżlazzjoni rilevanti u mill-Istandards nazzjonali u d-dokumenti ta' politika fis-seħħ minn żmien għal żmien, ikkomplementati minn standards Ewropej u internazzjonali rilevanti li jorbtu lil Malta u jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

4.3.3 Rapporti regolari fir-rigward tas-sitwazzjoni dwar l-aċċessibilità tal-bajjiet madwar Malta u Għawdex, kif ukoll tas-settur usa' tat-Turiżmu, għandhom isiru bħala riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet.

4.3.4 Is-CRPD għandha tgħaddi r-rapporti tagħha lill-partijiet involuti rilevanti, u tikkomunika magħhom sabiex tħassib espress f'tali rapporti jkun jista' jiġi indirizzat, filwaqt li l-adozzjoni tal-aħjar prattiċi jkun jista' jiġi rivedut fuq bażi regolari, fl-isfond tal-aħħar żviluppi.

## Eżiti għal 4.4:
## Politika ta' Informazzjoni Aċċessibbli

4.4.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, flimkien ma' partijiet rilevanti oħra bħall-FITA u Aġenzija Sapport, u l-ACTU fi ħdan Aġenzija Sapport, u f'konsultazzjoni mas-CRPD, għandu jniedi diskussjonijiet illi jwasslu għall-iżvilupp u t-titjib kontinwu ta' politika komprensiva dwar l-aċċessibilità tal-informazzjoni, li tkopri materjal relatat ma' setturi bħat-turiżmu, l-edukazzjoni, in-negozju u s-saħħa, u l-forniment ta' servizzi pubbliċi.

4.4.2 Eżerċizzju komprensiv ta' mmappjar għandu inizjalment jitwettaq mill-FITA, li jkopri s-sitwazzjoni attwali f'oqsma bħall-aċċessibilità ta' websajts u fuljetti, u

d-disponibbiltà ta' informazzjoni f'formati differenti, bħal dawk Faċli biex Taqra u Braille, jew dawk li jinkludu s-sottotitoli jew l-interpretazzjoni għall-lingwa tas-sinjali.

4.4.3 Il-politika in kwistjoni għandha tinforma u tkun allinjata ma' obbligi differenti li jirriżultaw minn leġiżlazzjoni speċifika, bħall-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità, it-Trattat ta' Marrakexx u d-Direttiva tal-UE dwar l-Aċċessibilità tal-Websajts u l-Applikazzjonijiet Mobbli.

4.4.4 Il-politika għandu jkun fiha wkoll sett ta' linji gwida konformi mal-istandards internazzjonali bħall-WCAG 2.1, li jelenkaw il-karatteristiċi essenzjali għad-diżabilità li għandhom ikunu disponibbli fuq is-siti web kollha li jipprovdu servizzi.

4.4.5 Jeħtieġ li tingħata importanza partikolari biex jiġi żgurat li l-aċċess għall-informazzjoni jinkludi l-użu ta' teknoloġiji ta' assistenza biex tiġi żgurata l-aċċessibilità għall-komunikazzjoni, li se tappoġġa lil dawk b'diżabilitajiet ta' komunikazzjoni fi sferi differenti tal-ħajja ta' kuljum, bħax-xogħol, l-aċċess għas-servizzi u l-kisba ta' edukazzjoni, kif ukoll attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni f'dan ir-rigward immirati lejn persuni b'diżabilità, u l-familji u n-netwerks ta' appoġġ tagħhom, u oqsma differenti tas-soċjetà, bħal min iħaddem u l-edukaturi.

4.4.6 Għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-użu ta' stampi u simboli fuq dokumenti ewlenin, bħal fuljetti ta' informazzjoni, pamflets jew kartelluni relatati mas-saħħa, sabiex hekk jiġi żgurat aċċess aħjar għall-informazzjoni għal ċerti persuni b'diżabilità.

4.4.7 It-traduzzjoni ta' informazzjoni importanti f'lingwi differenti, flimkien mal-lingwi uffiċjali, għandha tiġi indirizzata wkoll sabiex jiġi żgurat l-aktar aċċess wiesa' possibbli għall-informazzjoni, inkluż għall-migranti b'diżabilità fis-soċjetà Maltija, u organizzazzjonijiet bħall-AWAS u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jiġu kkonsultati jew involuti għal dan il-għan.

4.4.8 Barra minn hekk, id-diskussjonijiet fir-rigward tal-politika għandhom jikkunsidraw it-twaqqif ta' taqsima fi ħdan Aġenzija Sapport li tittraduċi d-dokumentazzjoni f'formati aċċessibbli, sabiex b'hekk dawk li jfasslu l-politika, l-actioners, il-fornituri tas-servizzi u l-front-liners, ikunu jistgħu jiffokaw fuq il-ħtiġijiet tal-partijiet interessati rilevanti, filwaqt li tkun żgurata l-produzzjoni standardizzata ta' dokumenti aċċessibbli f'konformità mal-formati nazzjonali u internazzjonali fl-oqsma kollha.

## Eżiti għal 4.5:
## Aċċess Aħjar għall-Kotba u Materjal ieħor f'Formati Aċċessibbli fl-Istituzzjonijiet Edukattivi

4.5.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, għandu jorganizza laqgħat ma' fornituri pubbliċi u privati ta' servizzi edukattivi, u mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, bil-għan li l-libreriji jkollhom il-proprjetà intellettwali kollha – bħal kotba u teżijiet – disponibbli f'firxa wiesgħa ta' formati, b'mod partikolari f'formati elettroniċi, u b'importanza dovuta tingħata lill-użu ta' teknoloġija ta' assistenza, anke f'konformità mal-prinċipji tat-Trattat ta' Marrakexx.

4.5.2 Is-CRPD għandha timmonitorja s-sitwazzjoni viġenti fir-rigward tal-fornituri pubbliċi u privati tas-servizzi edukattivi permezz tat-Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tagħha, u tipprovdi aġġornamenti regolari lid-DDI, sabiex ikunu jistgħu jitqajmu punti rilevanti mal-fornituri tas-servizzi.

## Eżiti għal 4.6:
## Niżguraw l-Aċċess għall-Bini u s-Servizzi

4.6.1 Is-CRPD għandha tkompli bl-isforzi attwali tagħha fir-rigward tal-valutazzjoni kontinwa tal-postijiet fiżiċi, bħall-istabbilimenti tal-ospitalità u d-divertiment, u dawk kulturali u sportivi, ħwienet, ċentri tas-saħħa, latrini pubbliċi, ċentri taż-żgħażagħ u postijiet ta' qima, faċilitajiet ta' kura, sptarijiet, faċilitajiet ta' detenzjoni, blokok ta' akkomodazzjoni, u akkomodazzjoni għal persuni f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, bħal vittmi ta' abbuż domestiku u persuni li jfittxu asil, u inklużi spazji miftuħa, kif ukoll ta' servizzi offruti, permezz tat-Taqsima dwar il-Konformità tagħha, u tikkoordina mal-partijiet interessati bħad-Direttorat għall-Gvern Lokali, filwaqt li tagħti rapporti regolari lid-DDI.

4.6.2 Fit-twettiq tal-valutazzjonijiet imsemmija, is-CRPD għandha toqgħod fuq il-leġiżlazzjoni rilevanti u l-Istandards nazzjonali fis-seħħ minn żmien għal żmien, ikkomplementati minn standards Ewropej u internazzjonali rilevanti li jorbtu lil Malta u li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

4.6.3 Id-DDI għandu, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, iqajjem tħassib imressaq mis-CRPD ma' partijiet interessati rilevanti, filwaqt li jqis ukoll il-feedback meħtieġ, jew jagħmel proposti tiegħu stess, biex il-leġiżlazzjoni rilevanti dwar l-aċċessibilità tiġi rfinata, fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari fi kwalunkwe żmien.

4.6.4 Tali feedback jew proposti jeħtieġ li jindirizzaw ukoll l-użu eżistenti jew possibbli tal-iżvilupp tal-aħjar prattiċi, bħall-importanza ta' stampi u simboli biex jiġi żgurat l-aċċess minn persuni b'diżabilità għall-ambjent tagħhom, ġewwa jew barra minn post, speċjalment meta persuna tkun f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà, kif ukoll li jkun permess id-dħul ta' annimali ta' appoġġ, għall-kuntrarju ta' sempliċiment annimali gwida jew tas-servizz, sabiex persuna tkun tista' taċċessa post.

## Eżiti għal 4.7:
## Linji gwida dwar il-Preżentazzjoni ta' Informazzjoni f'diversi Formati Aċċessibbli

4.7.1 Id-DDS, f'konsultazzjoni ma' entitajiet oħra bħall-FITA, għandu jiddisinja u jippubblika dokument gwida dwar il-formati aċċessibbli disponibbli għal persuni ta' etajiet differenti b'diversi tipi ta' nuqqasijiet.

4.7.2 Il-linji gwida msemmija hawn fuq għandhom ikopru dokumenti f'format awdjo, elettroniku u Braille. Produzzjoni ta' materjal Faċli biex Taqra għandha tkun koperta fil-fond. Il-linji gwida għandhom ikopru wkoll vidjows bil-Lingwa tas-Sinjali u s-sottotitoli, u d-deskrizzjoni awdjo ta' immaġini fissi jew li jiċċaqalqu f'vidjows għal persuni neqsin mid-dawl jew b'vista batuta.

4.7.3 Il-linji gwida għandhom iqisu l-leġiżlazzjoni rilevanti u l-Istandards nazzjonali u d-dokumenti ta' politika fis-seħħ minn żmien għal żmien, ikkomplementati minn standards Ewropej u internazzjonali rilevanti li jorbtu lil Malta u jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

4.7.4 Il-linji gwida għandhom ikunu disponibbli għall-konsultazzjoni mal-partijiet interessati, u l-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.

## Eżiti għal 4.8:
## Valutazzjoni tal-Aċċessibilità u Rapporti ta' Implimentazzjoni minn Entitajiet tal-Istat

4.8.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, għandu jiddiskuti ma' entitajiet governattivi u parastatali, sabiex jinbeda eżerċizzju li permezz tiegħu dawn l-entitajiet kollha jwettqu, fuq bażi regolari, valutazzjoni dettaljata tal-aċċessibilità u rapport ta' implimentazzjoni, dwar il-bini, l-ambjent tax-xogħol u s-servizzi offruti minnhom, filwaqt li jiżguraw li kwalunkwe uffiċċju li jkun inkiseb ġdid ikun aċċessibbli għal kulħadd skont il-leġiżlazzjoni u l-Istandards applikabbli fis-seħħ minn żmien għal żmien.

4.8.2 Is-CRPD għandha timmonitorja r-rapporti msemmija, u tagħti kontributi regolari lid-DDI, li għandu jiddiskuti l-kontributi msemmija mal-entitajiet rilevanti, bil-ħsieb li l-kontributi msemmija jiġu implimentati.

## Eżiti għal 4.9:
## Logo Ġdid tad-Diżabilità

4.9.1 Id-DDI għandu jidħol f'diskussjonijiet, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, mal-partijiet interessati inklużi l-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u s-CRPD, kif ukoll organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità, dwar is-sostituzzjoni tal-logo l-antik tad-diżabilità, favur l-adozzjoni tal-Logo tal-Ġnus Magħquda dwar id-Diżabilità, li jippromwovi l-immaġni ta' persuni b'diżabilità bħala parteċipanti attivi, u ċittadini attivi fi ħdan is-soċjetà prinċipali.

4.9.2 Il-logo l-ġdid għandu jitnieda mill-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, b'dan ikun segwit minn kampanja ta' sensibilizzazzjoni permezz tal-midja, immirata lejn il-pubbliku inġenerali, kif ukoll lejn oqsma speċifiċi tas-soċjetà bħat-tfal tal-iskola.

## Eżiti għal 4.10:
## Aċċess għas-Sistema Ġudizzjarja u l-Kapaċità Legali

4.10.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, u f'konsultazzjoni mas-CRPD, għandu jidħol f'diskussjonijiet mal-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati, sabiex jiżgura li l-Qrati tal-Ġustizzja, u s-servizzi li joffru, ikunu aċċessibbli mil-lat fiżiku, inkluż sensorjali, kif ukoll mil-lat ta' informazzjoni u proċedura, u inkluż fl-għoti ta' għajnuna legali u miżuri oħra ta' appoġġ finanzjarju, f'konformità mal-preċetti rilevanti li jinsabu fil-Konvenzjoni UNCRPD.

4.10.2 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, u f'konsultazzjoni mas-CRPD, għandu jidħol f'diskussjonijiet mal-partijiet rilevanti bħall-Korp tal-Pulizija u l-LESA, sabiex jiżgura li l-persuni b'diżabilità jgawdu minn aċċess fiżiku, inkluż aċċess sensorjali għall-bini (bħal għases tal-pulizija), kif ukoll aċċessibilità ta' informazzjoni (bħall-aċċess għall-informazzjoni fuq l-internet), u aċċess għas-servizzi, inklużi s-servizzi ta' emerġenza, u gwida xierqa għall-persuni b'diżabilità, u l-familji u n-netwerks ta' appoġġ tagħhom, fir-rigward ta' dawn il-materji.

4.10.3 Id-DDI għandu jikkoordina mal-Bord tal-Kustodja, l-OCMH u partijiet interessati rilevanti oħra, sabiex jiffinalizza Abbozz ta' Liġi dwar l-Awtonomija Personali, li għandu jiġi ppreżentat mill-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità quddiem il-Kabinett tal-Ministri u eventwalment il-Parlament, bil-ħsieb li jiġi żgurat rikonoxximent ugwali għall-persuni b'diżabilità quddiem il-liġi, fit-termini tal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni UNCRPD, permezz tal-introduzzjoni tal-kunċetti ta' teħid ta' deċiżjonijiet appoġġati u ta' teħid ta' deċiżjonijiet konġunti fil-liġi Maltija.

# OBJETTIV 5

## PARTEĊIPAZZJONI FIL-KULTURA, ID-DIVERTIMENT, IR-RIKREAZZJONI U L-ISPORT

| **OBJETTIV 05** PARTEĊIPAZZJONI FIL-KULTURA, ID-DIVERTIMENT, IR-RIKREAZZJONI U L-ISPORT | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 5.1**: Nagħmlu Postijiet Kulturali, ta' Divertiment u Sportivi, il-Prodotti tagħhom, u Spazji Pubbliċi fuq Barra Aċċessibbli għal Kulħadd | Fi żmien 9 snin | DDI, DDS, FITA, Ministeru responsabbli għall-Arti, Ministeru responsabbli għall-Wirt Nazzjonali, Heritage Malta, ACM, MTA, Kunsilli Lokali, SportMalta u partijiet interessati mill-komunità sportiva mainstream lokali, rappreżentanti ta' entitajiet ibbażati fuq il-fidi, Taqsima dwar il-Konformità tas-CRPD, Operaturi ta' postijiet kulturali u ta' divertiment u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 5.2**: Nagħmlu l-Avvenimenti Pubbliċi Aċċessibbli għal Kulħadd | Fi żmien 9 snin | DDI, DDS, MTA, ACM, FITA, Ministeru responsabbli għall-Arti, Kunsilli Lokali, Festivals Malta, SportMalta u partijiet interessati mill-komunità sportiva mainstream lokali, rappreżentanti ta' entitajiet ibbażati fuq il-fidi, |

| | | |
|---|---|---|
| | | Taqsima dwar l-Aċċessibilità tas-CRPD, Organizzaturi ta' avvenimenti pubbliċi, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 5.3**: Inċentivi għall-promozzjoni tal-Aċċessibilità Kulturali | Fi żmien 5 snin | DDI, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Ministeru responsabbli għall-Arti, Ministeru responsabbli għall-Wirt Nazzjonali, DDS, MTA, ACM, Festivals Malta, CRPD, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 5.4**: Rappreżentanza ta' Persuni b'Diżabilità fil-Midja | Fi żmien sentejn | CRPD, DDI, Awtorità tax-Xandir, DDS, CCWR, HRID, NCPE, AWAS, EASO, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 5.5**: Lingwa tas-Sinjali, Sottotitoli u Narrazzjoni / Kummentarju fil-Programmi u r-Reklami tat-Televiżjoni | Fi żmien 5 snin | DDI, Awtorità tax-Xandir, KLSM, FITA, Rappreżentanti ta' djar tal-midja differenti, Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tas-CRPD, OCMH, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 5.6**: Nagħmlu avvenimenti tradizzjonali lokali u Sports Inklużivi u Aċċessibbli | Fi żmien 5 snin | DDI, CRPD, Korp tal-Pulizija ta' Malta, Kurja, Każini tal-Banda, Kumitati tal-Festa, Kumitati Organizzattivi (avvenimenti tradizzjonali), SportMalta u Partijiet Interessati mill-komunità sportiva mainstream lokali, Rappreżentanti ta' entitajiet sportivi ffukati fuq id-diżabilità, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

**Artikoli tal-Konvenzjoni**

**21** Il-libertà tal-espressjoni u tal-opinjoni, u l-aċċess għall-informazzjoni

**30** Parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali, ir-rikreazzjoni, id-divertiment u l-isport

**Miri tal-SDGs**

**4.7** L-iżgurar ta' edukazzjoni aċċessibbli għall-apprezzament tad-diversità kulturali u tal-kontribut tal-kultura biex jiġi sostnut l-iżvilupp sostenibbli

**8.3** Promozzjoni ta' politiċi ta' żviluppi olistiċi li jappoġġjaw il-kreattività u l-innovazzjoni

**8.9** It-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiċi għall-promozzjoni ta' turiżmu sostenibbli u aċċessibbli

**12.b** L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod għall-monitoraġġ ta' turiżmu sostenibbli u aċċessibbli

**12.b** It-tisħiħ tal-isforzi għall-protezzjoni u s-salvagwardja tal-kultura u l-wirt naturali tad-dinja għal kulħadd

## Punti pożittivi, Sfidi u Opportunitajiet

L-aċċessibilità tal-kultura u d-divertiment tiġi indirizzata wkoll b'mod aktar speċifiku fl-Objettiv 5 fejn, minbarra li tibni fuq il-preċetti ġenerali li jinsabu fl-Objettiv 4, azzjonijiet partikolari huma preskritti, speċjalment fir-rigward ta' elementi speċifiċi bħall-parteċipazzjoni f'avvenimenti tradizzjonali bħal festi tar-raħal, li jista' jingħad li mhux dejjem jikkonformaw mal-prinċipji tad-disinn universali. Inċentivi speċifiċi għall-promozzjoni ta' din il-parteċipazzjoni huma indirizzati wkoll.

L-aċċess għall-kultura u d-divertiment permezz tal-midja jeħtieġu konformità ma' ċerti proċessi, u l-inklużjoni ta' elementi bħas-sottotitoli, ukoll fid-dawl tal-leġiżlazzjoni tal-UE li torbot lil Malta, bħall-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità u d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva.

Fl-aħħar nett, l-isfida dejjem preżenti li tiġi żgurata rappreżentazzjoni korretta, aktar milli waħda bbażata fuq it-traġedja jew medikalizzata, ta' persuni b'diżabilità permezz tal-midja lokali, terġa' titqajjem, bil-għan li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod komdu fil-midja, kif ukoll jipparteċipaw f'esperjenzi tal-midja fuq l-istess bażi bħall-oħrajn.

## Azzjonijiet Speċifiċi u Eżiti marbuta

**Eżiti għal 5.1:**
**Nagħmlu Postijiet Kulturali, ta' Divertiment u Sportivi, il-Prodotti tagħhom, u Spazji Pubbliċi ta' Barra Aċċessibbli għal Kulħadd**

5.1.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, bl-involviment tad-DDS, il-FITA, il-Ministeru responsabbli għall-Arti, il-Ministeru responsabbli għall-Wirt Nazzjonali, Heritage Malta, ACM, MTA, Kunsilli Lokali, SportMalta u partijiet interessati mill-komunità sportiva mainstream lokali, u rappreżentanti ta' entitajiet ibbażati fuq il-fidi, u f'konsultazzjoni mat-Taqsima dwar il-Konformità tas-CRPD, għandha tidħol f'diskussjonijiet mal-partijiet interessati msemmija, u ma' operaturi ta' postijiet kulturali, ta' divertiment u sportivi fis-settur pubbliku u privat, inklużi l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom f'dan il-każ tal-aħħar, bħal swali taċ-ċinema, mużewijiet, parks, galleriji tal-arti, siti storiċi u oħrajn ta' wirt, u postijiet sportivi, biex jiddiskutu l-istat attwali dwar l-użu possibbli u reali ta' tali faċilitajiet minn persuni b'diżabilità.

5.1.2 Għandu jitfassal rapport inizjali, li jkopri kwistjonijiet relatati mal-aċċessibilità, inkluża l-aċċessibilità ta' informazzjoni, u lakuni rilevanti, li jikkonċernaw kemm it-twassil tas-servizz, kif ukoll l-aċċessibilità fiżika u sensorjali tal-bini. Ir-rapport għandu jagħti wkoll attenzjoni partikolari lil elementi speċifiċi bħall-ħtiġijiet ta' persuni b'indebolimenti sensorji. Għandu jiġi inkluż sett eżawrijenti ta' linji gwida, b'enfasi fuq kif dawn il-postijiet jistgħu jsiru aċċessibbli, flimkien ma' pjan ta' azzjoni.

5.1,3 Is-CRPD għandha tirrevedi l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni fuq bażi regolari, u tirreferi s-sejbiet tagħha lid-DDI, sabiex l-aġġornamenti għall-pjan imsemmi, u għal-linji gwida kif meħtieġ, ikunu jistgħu jsiru u jiġu implimentati wara, permezz ta' sforzi ta' implimentazzjoni rilevanti.

### Eżiti għal 5.2:
### Nagħmlu l-Avvenimenti Pubbliċi Aċċessibbli għal Kulħadd

5.2.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, bl-involviment ta' partijiet interessati bħad-DDS, il-Ministeru responsabbli għall-Arti, l-MTA, l-ACM, Festivals Malta, il-FITA, Kunsilli Lokali, SportMalta u partijiet interessati mill-komunità sportiva mainstream lokali, u rappreżentanti ta' entitajiet ibbażati fuq il-fidi, u f'konsultazzjoni mat-Taqsima dwar l-Aċċessibilità tas-CRPD, għandu jidħol f'diskussjonijiet mal-organizzaturi ta' avvenimenti pubbliċi, dwar l-aċċessibilità ta' tali avvenimenti pubbliċi għall-persuni b' diżabilità.

5.2.2 Għandu jitfassal rapport inizjali, li jkopri kwistjonijiet relatati mal-aċċessibilità, inkluża l-aċċessibilità ta' informazzjoni, ta' avvenimenti pubbliċi, u lakuni rilevanti.

5.2.3 Sett ta' linji gwida sabiex jappoġġaw lill-organizzaturi ta' avvenimenti pubbliċi għandhom jiġu mħejjija mid-DDI, bħala riżultat ta' tali diskussjonijiet, li jkollhom l-għeruq tagħhom fil-kunċett ta' disinn universali, u abbażi tal-esperjenzi ta' persuni b'diżabilità.

5.2.4 Il-promozzjoni ta' avvenimenti aċċessibbli għandha tiġi indirizzata wkoll, permezz tal-isforzi konġunti tal-partijiet involuti, bħala riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet, flimkien ma' inizjattivi għall-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni attiva.

### Eżiti għal 5.3:
### Inċentivi għall-promozzjoni tal-Aċċessibilità Kulturali

5.3.1 Id-DDI għandu jikkoordina diskussjonijiet, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, u jinvolvi lill-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u d-DDS, u partijiet interessati bħall-Ministeru responsabbli għall-Arti, il-Ministeru responsabbli għall-Wirt Nazzjonali, Heritage Malta, l-MTA, l-ACM u Festivals Malta, filwaqt li

jikkonsulta lis-CRPD, dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-promozzjoni ta' kultura aċċessibbli, li għandhom l-għeruq tagħhom fil-prinċipju tad-disinn universali.

5.3.2 Id-diskussjonijiet għandhom iwasslu għall-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni eventwali ta' inizjattivi mill-partijiet interessati msemmija hawn fuq, filwaqt li jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni attiva ta' persuni b'diżabilità fis-soċjetà inġenerali, permezz ta' avvenimenti kulturali, jagħtu spinta lill-opportunitajiet għal tagħlim informali billi jiżguraw ukoll aċċess aktar sħiħ għat-tagħlim, minflok sempliċiment għall-apprezzament tal-kultura, bħala riżultat tal-iżgurar tal-aċċessibilità, filwaqt li jaraw li n-nuqqasijiet attwali fir-rigward tal-aċċessibilità ta' dawn l-avvenimenti jiġu indirizzati permezz ta' inizjattivi xierqa.

5.3.3 Skemi ta' għotjiet għall-promoturi, flimkien ma' linji gwida rilevanti u kriterji ta' eliġibilità, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll bħala eżitu li għandu jiġi segwit, u li jorbot ma' dawn id-diskussjonijiet.

## Eżiti għal 5.4:
## Rappreżentanza ta' Persuni b'Diżabilità fil-Midja

5.4.1 Is-CRPD għandha tlaqqa' flimkien il-partijiet ewlenin, inklużi d-DDI, l-Awtorità tax-Xandir, id-DDS u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità, biex tiddiskuti s-sitwazzjoni attwali ta' rappreżentanza ta' persuni b'diżabilità fil-midja, b'mod ġenerali u b'mod partikolari f'avvenimenti bħat-telethons.

5.4.2 Id-diskussjonijiet għandhom jiffukaw fuq l-analiżi ta' politiċi u prattiċi attwali, ai termini tal-Ħtiġiet dwar Standards u Prattika dwar id-Diżabilità u l-Preżentazzjoni tagħha fix-Xandir (Leġislazzjoni Sussidjarja 350.17 għall-Att dwar ix-Xandir), u tal-pubblikazzjoni tas-CRPD Drittijiet mhux Karità, b'mod partikolari fir-rigward tal-iffukar fuq il-kapaċitajiet u l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità, aktar milli fuq stampa tagħhom ibbażata fuq it-traġedja, sabiex rapporti regolari jkunu jistgħu jiġu mħejjija mis-CRPD bħala riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet.

5.4.3 Għadd ta' rakkomandazzjonijiet dwar l-aħjar prattiċi u l-implimentazzjoni ta' politiċi f'dan il-qasam għandhom jinġabru mis-CRPD bħala riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet, u mgħoddija lid-DDI, sabiex dan ixerridhom lil atturi ewlenin, bħal djar tal-midja, sabiex tiġi assigurata gwida xierqa, filwaqt illi taħdem ma' tali atturi skont il-bżonn.

5.4.4 B'mod partikolari, jeħtieġ li jitqiesu wkoll rakkomandazzjonijiet sabiex persuni b'diżabilità ma jkunux mistiedna fuq il-midja biex jiddiskutu biss dwar kwistjonijiet relatati mad-diżabilità, iżda wkoll kwistjonijiet bħall-karrieri u l-għarfien espert tagħhom f'setturi oħra, bħal dak finanzjarju jew legali, mingħajr referenza għad-diżabilità, u b'dan il-mod jintbagħat il-messaġġ li d-diżabilità hija biss aspett wieħed tal-ħajja ta' persuna.

5.4.5 L-intersezzjonalità għandha titqies ukoll fir-rakkomandazzjonijiet, fejn persuni b'diżabilità li huma wkoll, per eżempju, nisa, persuni LGBTIQ+ u migranti għandhom ikunu rappreżentati, sabiex jintefa' aktar dawl fuq ir-realtajiet, l-isfidi u l-kontribuzzjonijiet speċifiċi tagħhom, f'konsultazzjoni ma' entitajiet bħall-CCWR, HRID, NCPE, AWAS, EASO u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, biex tiġi riflessa aħjar id-diversità tas-soċjetà Maltija.

## Eżiti għal 5.5:
## Lingwa tas-Sinjali, Sottotitoli u Narrazzjoni / Kummentarju fil-Programmi u r-Reklami tat-Televiżjoni

5.5.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, għandha jikkoordina mal-Awtorità tax-Xandir, il-KLSM u l-FITA, flimkien ma' rappreżentanti ta' djar tal-midja differenti, filwaqt li jikkonsulta mat-Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u tar-Riċerka tas-CRPD u l-OCMH, sabiex jifformulaw u jiddiskutu pjan ta' implimentazzjoni biex jiġi żgurat li l-programmi tat-televiżjoni li jixxandru lokalment isiru aċċessibbli permezz tal-użu tal-interpretazzjoni għal-Lingwa tas-Sinjali, tas-sottotitoli, u tan-narrazzjoni/kummentarju, f'lingwi uffiċjali, għall-benefiċċju ta', fost l-oħrajn, il-persuni Deaf, u l-persuni b'diżabilità mentali jew intellettwali.

5.5.2 L-implimentazzjoni għandha ssegwi minnufih, b'rapporti regolari li għandhom jitfasslu dwar il-fażi ta' implimentazzjoni mill-KLSM, is-CRPD u l-OCMH, u mgħoddija lid-DDI, għal diskussjoni mal-partijiet rilevanti, biex jiġi żgurat li jinħadem segwitu xieraq.

## Eżiti għal 5.6:
## Nagħmlu avvenimenti tradizzjonali lokali u Sports Inklużivi u Aċċessibbli

5.6.1 Id-DDI għandu jikkoordina d-diskussjonijiet, f'konsultazzjoni mas-CRPD, u jinvolvi partijiet interessati inklużi l-Korp tal-Pulizija, il-Kurja, il-każini tal-banda lokali u l-kumitati tal-festi, u kumitati organizzattivi għal avvenimenti bħall-Imnarja, biex jittieħed kont tas-sitwazzjoni attwali dwar l-aċċessibilità ta' avvenimenti tradizzjonali lokali, u biex jiġu diskussi soluzzjonijiet u inizjattivi konkreti sabiex jiġu indirizzati oqsma fejn hemm tħassib.

5.6.2 Id-DDI għandu jikkoordina d-diskussjonijiet, f'konsultazzjoni mas-CRPD, u jinvolvi lil SportMalta u lill-partijiet prinċipali mill-komunità sportiva lokali, kif ukoll rappreżentanti ta' sport iffukat fuq id-diżabilità bħall-futbol tal-qafas (frame football), u entitajiet rilevanti bħal Special Olympics, Paralympics u Deaflympics, sabiex jiġi diskuss l-aċċess għall-isport għal persuni b'diżabilità, l-isfidi attwali, u proposti u inizjattivi konkreti sabiex jiġi żgurat l-isport għal kulħadd.

# OBJETTIV 6

## RELAZZJONIJIET, FAMILJA, SESSWALITÀ, U LI TKUN ĠENITUR

| **OBJETTIV 06** RELAZZJONIJIET, FAMILJA, SESSWALITÀ, U LI TKUN ĠENITUR | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 6.1**: Inċentivi għall-promozzjoni tal-Aċċessibilità Kulturali | Fi żmien 5 snin | DDI, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Ministeru tal-Edukazzjoni, Ministeru tas-Saħħa – Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard, Aġenzija Sapport, Aġenzija Żgħażagħ, FSWS, DDS, CRPD, CCWR, HRID, NCPE, AWAS, EASO, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 6.2**: Politika u Strateġija Inklużiva dwar is-Saħħa Sesswali | Fi żmien 9 snin | Ministeru tas-Saħħa – Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard, DDI, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 6.3**: Ħolqien ta' Taqsima dwar il-Familja f'Aġenzija Sapport | Fi żmien 9 snin | Aġenzija Sapport, DDI, DDS, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 6.4**: Korsijiet ta' Taħriġ għaż-Żwieġ Inklużivi | Fi żmien sentejn | DDI, Kurja, DDS, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 6.5**: Linji gwida dwar id-Dritt li Tkun Ġenitur u d-Dritt li Tkun Ġenitur Appoġġjat | Fi żmien 5 snin | DDI, CRPD, DDS, Aġenzija Sapport, Fornituri pubbliċi u privati ta' servizzi għal persuni b' diżabilità, SCSA, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 6.6**: Kampanja tal-Midja u Avvenimenti għall-Professjonisti Ewlenin | Fi żmien sentejn | DDI, CRPD, Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà - l-Università ta' Malta, DDS, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

**Artikoli tal-Konvenzjoni**

**21** Rispett għad-dar u l-familja

**22** Rispett għall-privatezza

**25** Saħħa

**17** Il-protezzjoni tal-integrità tal-persuna

**24** Edukazzjoni

**Miri tal-SDGs**

**3.7** L-iżgurar ta' aċċess universali għall-edukazzjoni u s-servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva għal kulħadd.

**04** Faċilitajiet edukattivi li jipprovdu ambjenti ta' tagħlim sensittivi għall-età, id-diżabilità u l-ġeneru, inklużivi u effettivi

## Punti pożittivi, Sfidi u Opportunitajiet

Dan l-Objettiv jittratta aspett illi jniggeż ħafna, iżda illi huwa meħtieġ fis-soċjetà Maltija, id-dritt ugwali ta' persuni b'diżabilità għar-rispett fir-rigward ta' relazzjonijiet personali u intimi, in-nuqqas ta' intrużjoni paternalistika f'ħajjithom u l-għażliet tagħhom, u l-għoti ta' appoġġ meħtieġ li huwa speċifiku għall-età, il-ġeneru u l-indeboliment.

Meta dan isir, jippermetti lill-persuni b'diżabilità illi jgħixu ħajja sħiħa, b'rispett sħiħ lejn ir-rieda, id-drittijiet u l-preferenzi tagħhom. Għalkemm il-liġi Maltija bħalissa tagħmel referenza għal dan is-suġġett, u saru għadd ta' inizjattivi f'dan il-qasam matul dawn l-aħħar snin, il-fatt għadu li l-protezzjoni żejda tibqa' fenomenu trasversali fis-soċjetà Maltija. Il-persuni b'diżabilità jħossu l-piż ta' dan saħansitra aktar, u dan iwassal għal ċaħda tad-drittijiet tagħhom, nuqqas ta' ftehim, u xi kultant saħansitra trattament inqas minn korrett minn dawk li suppost jirrispettawhom u jappoġġjawhom.

L-azzjonijiet ikopru aspetti bħall-ħtieġa li l-edukazzjoni sesswali tkun xierqa għall-profil ta' persuna, iżda li madankollu qatt ma tiġi miċħuda, u li l-politiċi u l-istrateġiji nazzjonali tas-saħħa sesswali jkunu inklużivi wkoll għad-diżabilità. Huma jappellaw għal linji gwida xierqa dwar id-dritt għall-ġenituri, inkluż dawk il-ġenituri illi jirċievu appoġġ, li għandhom ikunu disponibbli, u jsiru bil-kontribut ta' persuni b'diżabilità fil-qalba ta' tali eżerċizzju, u għat-tixrid wiesa' ta' tali linji gwida permezz ta' kampanji, avvenimenti u l-midja. It-twaqqif ta' Taqsima dwar il-Familja fi ħdan Aġenzija Sapport ikun ukoll pass ewlieni lejn l-implimentazzjoni tal-kontenut ta' dan l-Objettiv.

## Azzjonijiet Speċifiċi u Eżiti marbuta

### Eżiti 6. 1:
### Edukazzjoni Sesswali Komprensiva u Edukazzjoni dwar is-Sesswalità

6.1.1 DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, u bl-involviment tal-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Aġenzija Sapport, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa, Aġenzija Żgħażagħ, FSWS u DDS, kif ukoll is-CRPD sa fejn huma involuti l-isforzi ta' għarfien u sensibilizzazzjoni tagħha, għandu jniedi diskussjonijiet dwar it-twassil ta' edukazzjoni sesswali xierqa u edukazzjoni dwar is-sesswalità għal persuni b'diżabilità kemm f'ambjenti edukattivi formali kif ukoll mhux formali, b'enfasi fuq id-drittijiet, ir-riskji u r-responsabbiltajiet, filwaqt li jsiru sforzi biex tiġi żgurata l-integrazzjoni l-aktar wiesgħa possibbli ta' kontenut bħal dan.

6.1.2 Dawn id-diskussjonijiet għandhom iqisu wkoll kunsiderazzjonijiet speċifiċi għat-twassil ta' edukazzjoni sesswali u edukazzjoni dwar is-sesswalità lil gruppi differenti ta' persuni b'diżabilità, bħal nisa żgħażagħ b'diżabilità, fejn l-edukazzjoni dwar il-kunsens għandha tiġi enfasizzata bħala mezz biex tiġi miġġielda l-vjolenza potenzjali, inkluża l-vjolenza sesswali, il-persuni LGBTIQ+ żgħażagħ b'diżabilità u l-migranti żgħażagħ b'diżabilità, fir-rigward ta' kwistjonijiet bħall-esperjenzi, il-ħtiġijiet, l-isfondi, il-kulturi u l-fidi ta' persuni differenti, u għandu jitqies l-involviment ta' entitajiet bħas-CCWR, l-HRID, l-NCPE, l-AWAS, l-EASO u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lejn dan il-għan.

6.1.3 B'riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet, għandu jitfassal rapport inizjali mid-DDI dwar is-sitwazzjoni attwali, b'enfasi partikolari fuq liema suġġetti qed ikunu koperti u liema le, kif ukoll fuq il-firxa u l-kwalità tal-edukazzjoni dwar is-sesswalità u l-edukazzjoni sesswali li qed tingħata.

6.1.4 Abbażi ta' dan ir-rapport, għandu jitfassal sett rivedut ta' linji gwida, flimkien ma' pjan ta' azzjoni, mid-DDI, bl-użu ta' approċċ komprensiv, pożittiv għas-sess (mhux iffukat fuq l-astinenza, u l-possibbiltà ta' abbuż sesswali, tqala mhux ippjanata u STIs), li jiffokaw fuq diskors mhux patronizzanti, jiġġieldu l-mudell tradizzjonali u medikalizzat, u l-istigma u t-tabù eżistenti, u jqisu l-involviment sħiħ ta' persuni żgħażagħ b'diżabilità kemm matul it-tħejjija kif ukoll matul l-implimentazzjoni, filwaqt li jesploraw ukoll metodi ġodda ta' twassil, bħall-edukazzjoni bejn il-pari (peer education), kif ukoll metodi online, li jkunu wkoll, inoltre, konduttivi għal aċċessibilità mtejba għal ċerti utenti.

## Eżiti għal 6.2:
## Politika u Strateġija Inklużiva dwar is-Saħħa Sesswali

6.2.1 Il-Ministeru tas-Saħħa, permezz tad-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard tiegħu, u flimkien mad-DDI, li għandu jinvolvi lill-partijiet interessati xierqa permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, għandu jibda diskussjonijiet bil-ħsieb li jfassal Politika u Strateġija ġodda komprensivi u inklużivi dwar is-Saħħa Sesswali, li fihom il-persuni b'diżabilità huma perċepiti lil hinn mid-diskors tradizzjonali ffukat fuq l-indeboliment, u huma garantiti opportunitajiet indaqs għal aċċess ta' kwalità għall-kura tas-saħħa riproduttiva u sesswali.

6.2.2 B'mod partikolari, il-Politika u l-Istrateġija l-ġodda għandhom jenfasizzaw li l-isforzi biex tiġi sfurzata l-kontraċezzjoni fuq persuni b'diżabilità, b'mod partikolari persuni b'diżabilitajiet intellettwali u psikosoċjali, u inkluża l-isterilizzazzjoni permezz ta' kontraċezzjoni permanenti, għandhom jiġu miġġielda b'mod effettiv.

6.2.3 Il-Politika u l-Istrateġija l-ġdida għandhom jeskludu wkoll kwalunkwe sforz jew miżura li tippermetti t-terminazzjoni ta' tqaliet speċifikament marbuta mad-diżabilità tal-ġenitur jew tal-fetu.

6.2.4 Il-Politika u l-Istrateġija l-ġodda għandhom jindirizzaw l-aspett tal-intersezzjonalità, u s-sitwazzjoni ta' persuni b'diżabilità li jistgħu jiġu diskriminati wkoll jew jiffaċċjaw fenomeni bħall-vjolenza minħabba fatturi bħall-ġeneru jew l-oriġini etnika tagħhom.

6.2.5 L-abbozz tal-Politika u l-Istrateġija għandu jkun disponibbli għall-konsultazzjoni pubblika, permezz ta' sforzi konġunti bejn id-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa u d-DDI, li għandu jiżgura li dan il-proċess ikun kompletament inklużiv għall-persuni b'diżabilità.

6.2.6 L-implimentazzjoni tal-Istrateġija finali għandha tkun ir-responsabbiltà tal-Ministeru tas-Saħħa, permezz tad-Direttorat tiegħu għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard, bis-CRPD tkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija fuq bażi regolari fir-rigward tad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità, u tirreferi s-sejbiet tagħha lid-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa, sabiex l-aġġornamenti tal-imsemmija Politika u Strateġija jkunu jistgħu jiġu effettwati u implimentati wara permezz ta' sforzi rilevanti ta' implimentazzjoni.

### Eżiti għal 6.3:
### Ħolqien ta' Taqsima dwar il-Familja f'Aġenzija Sapport

6.3.1 Aġenzija Sapport għandha twaqqaf Taqsima ġdida fi ħdan is-servizzi tagħha. Din it-Taqsima għandha tkun responsabbli biex tappoġġja familji u networks ta' appoġġ ta' persuni b'diżabilità, inklużi ġenituri b'diżabilità u persuni b'diżabilità li jaspiraw illi jsiru ġenituri, u li tinterpreta t-terminu "familji" fl-aktar sens wiesa' possibbli. Din it-Taqsima għandha eventwalment issir punt uniku ta' servizz għas-servizzi ta' appoġġ għall-familja, waqt li s-servizzi tagħha jkunu offruti wkoll b' mod deċentralizzat fil-komunità kollha.

6.3.2 It-Taqsima tkun tista' toffri wkoll taħriġ lill-professjonisti li jikkontribwixxu għal programmi eżistenti f'Malta, bħall-programm Parentcraft offrut mid-Dipartiment tal-Ostetriċja fl-Isptar Mater Dei, u s-Servizzi għall-Protezzjoni tat-Tfal u The Incredible Years fl-FSWS.

6.3.3 B'ħidma mad-DDI u partijiet interessati oħra permezz tal-istrutturi rilevanti tad-DDI, din it-Taqsima għandha tidentifika r-riżorsi umani u riżorsi oħra meħtieġa,

u tadotta l-aħjar prattiċi biex tipprovdi l-interventi meħtieġa, waħedha u/jew flimkien ma' entitajiet governattivi jew privati oħra, u tibni fuq l-isforzi attwali li qed isiru minn Aġenzija Sapport u d-DDS.

6.3.4 Mistoqsijiet fl-ambitu ta' dan l-Objettiv jistgħu jew jiġu indirizzati minn jew inkella jiġu riferuti lill-entità rilevanti mill-Helpline għall-Persuni b'Diżabilità operata minn Aġenzija Sapport.

## Eżiti għal 6.4:
## Korsijiet ta' Tħejjija għaż-Żwieġ Inklużiv

6.4.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, għandu jorganizza diskussjonijiet mal-partijiet interessati ewlenin, inklużi l-Kurja u d-DDS, sabiex jiżgura li l-korsijiet relatati maż-żwieġ offruti mill-Knisja Kattolika Rumana jkunu inklużivi u aċċessibbli, u ma jurux persuni b'diżabilità b'modi negattivi u sterjotipiċi, inkluż fir-rigward ta' materji relatati mas-sesswalità tagħhom.

6.4.2 Is-CRPD għandha toffri l-għarfien espert tagħha fir-rigward tat-taħriġ tal-membri tal-kleru u tal-persuni lajċi involuti fil-ħolqien u t-twassil ta' tali korsijiet, dwar aspetti rilevanti, inkluż appoġġ fl-akkwist u t-taħriġ ta' kelliema mistiedna li jkunu persuni b'diżabilità.

## Eżiti għal 6.5:
## Linji gwida dwar id-Dritt li Tkun Ġenitur u d-Dritt li Tkun Ġenitur Appoġġjat

6.5.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, f'konsultazzjoni mas-CRPD, u bl-involviment tad-DDS, Aġenzija Sapport u entitajiet oħra li jipprovdu servizzi lil persuni b'diżabilità, u lil tfal ta' ġenituri b'diżabilità , għandhom isejħu diskussjonijiet bil-ħsieb li jfasslu linji gwida dwar id-dritt li tkun ġenitur, inklużi kwistjonijiet ta' kunsens, u dwar il-dritt li tkun ġenitur appoġġjat, għal persuni b'diżabilità, u jibnu fuq l-isforzi attwali.

6.5.2 Il-linji gwida għandu jkun fihom ukoll enfasi qawwija fuq il-perspettiva tal-ġeneru, bħal fir-rigward tal-iżgurar tal-appoġġ lil nisa b'diżabilità fil-maternità tagħhom, inkluż bħala ommijiet single b'diżabilità.

6.5.3 Dawn il-linji gwida għandhom mnedija bħala standards permezz tal-SCSA, wara proċess ta' konsultazzjoni, bil-parteċipazzjoni sħiħa tal-ġenituri b'diżabilità, illi jingħataw l-appoġġi u l-akkomodazzjonijiet rilevanti kollha, bħall-assistenza personali, biex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċess.

## Eżiti għal 6.6:
## Kampanja u Avvenimenti tal-Midja għall-Professjonisti Ewlenin

6.6.1 Id-DDI u s-CRPD għandhom jiltaqgħu ma' partijiet interessati bħal rappreżentanti mill-Fakultà għat-Tisħiħ Soċjali tal-Università ta' Malta, u Fakultajiet u Dipartimenti oħra kif prattikabbli minn żmien għal żmien, biex jiżviluppaw materjal awdjoviżiv edukattiv, immirat lejn il-pubbliku inġenerali, li jfittxu li jiksru t-tabù dwar is-sesswalità u l-isterjotipi assoċjati mas-sesswalità ta' persuni b'diżabilità.

6.6.2 Id-DDI u s-CRPD għandhom jiddiskutu mal-partijiet ikkonċernati ewlenin bħad-DDS, dwar l-organizzazzjoni ta' konferenzi u seminars regolari li jiffukaw fuq is-sesswalità ta' persuni b'diżabilità, li jkunu indirizzati lejn professjonisti bħal tobba u infermiera, għalliema, carers u assistenti personali, kif ukoll il-korpi professjonali tagħhom.

# OBJETTIV 7

## EDUKAZZJONI INFORMALI, FORMALI U MHUX FORMALI

| **OBJETTIV 07** EDUKAZZJONI INFORMALI, FORMALI U MHUX FORMALI | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 7.1**: IEPs għall-Istudenti b' Diżabilità Kollha | Fi żmien 5 snin | DDI, Ministeru tal-Edukazzjoni, DDS, Fakultà tal-Edukazzjoni – l-Università ta' Malta, CRPD, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 7.2**: Programmi ta' Tranżizzjoni | Fi żmien 5 snin | DDI, CRPD, Ministeru tal-Edukazzjoni, DDS, Fakultà tal-Edukazzjoni – l-Università ta' Malta, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 7.3**: Tħejjija ta' Studji dwar l-Aċċessibilità minn Stabbilimenti Edukattivi | Fi żmien 9 snin | DDI, Ministeru tal-Edukazzjoni, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 7.4**: Appoġġ għat-Taħriġ għal Persuni b'Diżabilità dwar l-użu tat-Teknoloġija Diġitali | Fi żmien 5 snin | DDI, ACTU, FITA, CRPD, Ministeru tal-Edukazzjoni, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 7.5**: Kollaborazzjoni mal-MFHEA dwar materji li jikkonċernaw l-Inklużjoni Soċjali fl-Edukazzjoni | Fi żmien 5 snin | DDI, MFHEA, Taqsima dwar l-Investigazzjonijiet tas-CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 7.6**: Akkreditazzjoni ta' LSEs kwalifikati u b'esperjenza xierqa | Fi żmien 9 snin | DDI, Ministeru tal-Edukazzjoni, Taqsima dwar l-Investigazzjonijiet tas-CRPD, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tas-CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 7.7**: Inizjattivi speċifiċi | Fi żmien 5 snin | DDI, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Ministeru tal-Edukazzjoni, ACTU, Dipartiment tal-Edukazzjoni, Aġenzija Żgħażagħ, CRPD, DDI, FITA, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 7.8**: Twaqqif ta' grupp ta' ħidma dwar l-Inklużjoni u l-Edukazzjoni | Fi żmien sentejn | DDI, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, CRPD, Ministeru tal-Edukazzjoni, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

**Artikoli tal-Konvenzjoni**

**21** Edukazzjoni

**7** Tfal b'diżabilità

**9** Aċċessibilità

**21** Il-libertà tal-espressjoni u tal-opinjoni, u l-aċċess għall-informazzjoni

**Miri tal-SDGs**

**4.4** Żieda fl-għadd ta' żgħażagħ u adulti li għandhom ħiliet rilevanti li jwasslu għal impjieg deċenti u intraprenditorija

**4.5** L-eliminazzjoni tad-Disparitajiet bejn is-Sessi fl-Edukazzjoni u l-Iżgurar ta' Aċċess Ugwali għal-Livelli Kollha tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali għall-persuni vulnerabbli inklużi persuni b'diżabilità

**4.8** Bini u Aġġornament ta' Faċilitajiet Edukattivi li huma (ukoll) Sensittivi għad-Diżabilità, u l-Proviżjoni ta' Ambjenti ta' Tagħlim Siguri, Mhux vjolenti, Inklużivi u Effettivi għal Kulħadd

**9.c** Żieda b'mod sinifikanti għall-aċċess għat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT)

# Punti pożittivi, Sfidi u Opportunitajiet

Fil-qasam tal-Edukazzjoni, għalkemm l-aħħar snin raw fehim aħjar tal-kunċett ta' inklużjoni għall-kuntrarju ta' sempliċi integrazzjoni, iż-żieda ta' appoġġi fis-sistema edukattiva, u aċċessibilità fiżika u sensorjali aħjar, dejjem hemm aktar illi għad irid jiġi kopert f'dak li huwa qasam li dejjem qed jevolvi. L-ippjanar tat-tranżizzjoni huwa wieħed mill-oqsma ewlenin fejn hija ġġustifikata aktar azzjoni taħt l-Objettiv 7, kif ukoll karatteristiċi speċifiċi bħall-iżgurar li jkun hemm qafas b'saħħtu fir-rigward tal-Pjanijiet ta' Edukazzjoni Individwalizzati (IEPs) għall-istudenti b'diżabilità kollha. Barra minn hekk, l-iżgurar li l-persunal ikun imħarreġ b'mod kontinwu sabiex ikun jista' jeċċella fir-rwoli tiegħu, huwa kruċjali għas-settur daqs kemm huma inizjattivi speċifiċi, bħal dawk li jiżguraw it-tixrid u l-aċċess għad-diġitalizzazzjoni fi ħdan is-sistema edukattiva.

Mhijiex biss is-sistema edukattiva formali li hija koperta minn dan l-Objettiv, iżda wkoll edukazzjoni mhux formali u informali, f'konformità ma' approċċ komuni dejjem aktar enfasizzat fi ħdan strutturi bħal dawk tal-Unjoni Ewropea, u ai termini ta' obbligi bħall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

Studji dwar l-aċċessibilità minn istituzzjonijiet edukattivi huma koperti wkoll kif meħtieġ, lejn l-implimentazzjoni ta' dan l-Objettiv, kif ukoll il-kollaborazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji biex jiġi żgurat element trasversali tal-inklużjoni soċjali, u l-implimentazzjoni ta' proġetti mmirati lejn gruppi speċifiċi, bħaż-żgħażagħ u dawk b'nuqqas ta' smigħ u bżonnijiet speċifiċi oħra.

# Azzjonijiet Speċifiċi u Eżiti marbuta

## Eżiti għal 7.1:
## IEPs għall-Istudenti kollha b'Diżabilità

7.1.1 Id-DDI għandu, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, isejjaħ diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, id-DDS u l-Fakultà tal-Edukazzjoni tal-Università ta' Malta, u jikkonsulta mas-CRPD, sabiex jiddiskuti s-sistema attwali tat-tfassil u l-monitoraġġ ta' Pjanijiet Edukattivi Individwalizzati (IEPs), inkluża l-estensjoni ta' din is-sistema għal studenti fl-edukazzjoni postsekondarja u terzjarja, li jinvolvu entitajiet rilevanti ta' appoġġ għad-diżabilità tal-istituzzjonijiet, u jwittu t-triq 'il quddiem.

7.1.2 Id-DDI għandu jidħol f'diskussjonijiet mal-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u l-Ministeru tal-Edukazzjoni, bil-ħsieb li jiddiskuti l-istatus tal-IEPs f'termini ta' leġiżlazzjoni domestika, filwaqt li jispeċifika wkoll li l-istudenti b'diżabilità għandhom ikunu involuti fl-iżvilupp tal-IEPs tagħhom, b'mod partikolari meta jiġu ddeterminati aġġustamenti raġonevoli xierqa minn żmien għal żmien, u fl-ippjanar ta' tranżizzjoni relatat.

## Eżiti għal 7.2:
## Programmi ta' Tranżizzjoni

7.2.1 Id-DDI għandu, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, f'konsultazzjoni mas-CRPD, u bl-inklużjoni ta' partijiet interessati bħall-Ministeru tal-Edukazzjoni, id-DDS u l-Fakultà tal-Edukazzjoni tal-Università ta' Malta, jiddiskuti u jivvaluta l-programm ta' tranżizzjoni attwali għal studenti b'diżabilità minn stadju edukattiv għal ieħor.

7.2.2 Id-DDI għandu jiżgura li jsiru sforzi rilevanti, abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet, sabiex jitressqu l-bidliet rilevanti fil-politika u l-leġiżlazzjoni, kif ukoll jitnedew skemi li jinvolvu diversi atturi, biex jiġi żgurat l-użu ta' mudelli mfassla apposta u skont l-aħjar prattiċi.

## Eżiti għal 7.3:
## Tħejjija ta' Studji dwar l-Aċċessibilità minn Stabbilimenti Edukattivi

7.3.1 Id-DDI għandu jikkoordina mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, u jikkonsulta mas-CRPD, sabiex l-istabbilimenti edukattivi, kemm pubbliċi kif ukoll privati, ikunu jistgħu jwettqu studji regolari, fil-forma ta' valutazzjoni dettaljata tal-aċċessibilità tal-bini/faċilitajiet tagħhom, kemm minn perspettiva fiżika kif ukoll minn dik sensorjali, u mil-lat tat-twassil u l-valutazzjoni tal-kontenut.

7.3.2 Id-DDI għandu jiżviluppa linji gwida speċifiċi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Azzjoni 7.3, inklużi kriterji biex jassisti fl-abbozzar tal-istudji, u dawn għandhom jiġu aġġornati wara aktar diskussjonijiet minn żmien għal żmien

## Eżiti għal 7.4:
## Appoġġ għat-Taħriġ għal Persuni b'Diżabilità dwar l-użu tat-Teknoloġija Diġitali

7.4.1 DDI, ACTU u FITA, f'konsultazzjoni mas-CRPD, għandhom jiddiskutu modi ta' kif persuni b'diżabilità għandhom jiġu appoġġati sabiex jibdew korsijiet relatati mal-ICT, inkluż, iżda mhux limitati għal, użu bażiku ta' kompjuters u tagħmir diġitali bħal tablets, kif ukoll korsijiet bħal dawk li jwasslu għal ċertifikazzjoni tal-ECDL u ċertifikazzjoni aktar avvanzata, u taħriġ speċifiku dwar l-użu ta' teknoloġiji ta' assistenza bħal Komunikazzjoni Awmentattiva u Alternattiva (AAC).

7.4.2 Il-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità għandu jipproponi inċentivi finanzjarji għall-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi.

7.4.3 Il-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità għandu jipproponi pjan ta' azzjoni, li jinkludi miżuri dwar l-ibbaġitjar u l-implimentazzjoni tal-istess pjan ta' azzjoni, kif ukoll strateġija ta' sensibilizzazzjoni għal komunikazzjoni aħjar tal-informazzjoni fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi u l-finanzjament, għall-persuni b'diżabilità, il-familji tagħhom u n-netwerks ta' appoġġ.

## Eżiti għal 7.5:
## Kollaborazzjoni mal-MFHEA dwar materji li jikkonċernaw l-Inklużjoni Soċjali fl-Edukazzjoni

7.5.1 Id-DDI għandu jikkoordina diskussjonijiet mal-MFHEA, filwaqt li jikkonsulta lit-Taqsima dwar l-Investigazzjonijiet tas-CRPD, dwar modi ta' kif l-edukazzjoni postsekondarja, terzjarja u edukazzjoni oħra mhux obbligatorja, inkluża l-edukazzjoni tat-tielet età, tista' ssir aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.

Id-DDI għandu jfassal rapport inizjali wara dawn id-diskussjonijiet, filwaqt li jenfasizza wkoll il-lakuni fir-rigward tal-aċċessibilità tas-servizzi edukattivi, l-approċċi pedagoġiċi, l-aċċess għall-informazzjoni (bħal materjal akkademiku), id-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni aċċessibbli għall-istudenti, u l-għarfien u l-kompetenza tal-persunal dwar kwistjonijiet ta' diżabilità, kif ukoll li jkun sensittiv għall-aspett tal-intersezzjonalità fir-rigward ta' studenti b'diżabilità ta', pereżempju, ġeneru, fidi jew oriġini etnika differenti għall-maġġoranza.

7.5.2 B'segwitu għal dan ir-rapport, id-DDI għandu jfassal pjan ta' azzjoni, b'rakkomandazzjonijiet dwar kif għandhom jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati, inkluż permezz tal-ħolqien ta' proġetti u inizjattivi speċifiċi, li jinvolvu persuni b'diżabilità fl-istadji kollha.

## Eżiti għal 7.6:
## Akkreditazzjoni ta' LSEs kwalifikati u b'esperjenza xierqa

7.6.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, għandu jorganizza diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, filwaqt li jikkonsulta mat-Taqsima dwar l-Investigazzjonijiet tas-CRPD, bil-ħsieb li jaqbel dwar it-triq 'il quddiem fir-rigward tal-professjonalizzazzjoni kontinwa tal-Edukaturi tal-Appoġġ għat-Tagħlim (LSEs), u dwar l-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom.

7.6.2 Id-DDI għandu jfassal pjan ta' azzjoni, wara dawn id-diskussjonijiet, kif ukoll jabbozza leġiżlazzjoni jekk din tkun meħtieġa, li mbagħad jitmexxa 'l quddiem mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.

7.6.3 Is-CRPD, permezz tat-Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tagħha, għandha tirrevedi l-progress miksub fid-dawl tal-pjan ta'

azzjoni u kwalunkwe leġiżlazzjoni adottata, u toffri feedback regolari, li għandu jitqies fil-proċess ta' implimentazzjoni, u li għandu jintuża għal kwalunkwe emenda meħtieġa għall-pjan jew għal-leġiżlazzjoni, minn żmien għal żmien.

### Eżiti għal 7.7:
### Inizjattivi Speċifiċi

7.7.1 Il-programm Youth.Inc fi ħdan Aġenzija Żgħażagħ, permezz ta' persuni li jaħdmu maż-żgħażagħ (youth workers) u bl-appoġġ tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, id-DDI u s-CRPD, għandu jinċentiva aktar programmi mfassla speċjalment biex jippromwovu d-diversità fil-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-istudenti, bil-fokus kruċjali ta' dawn il-programmi jkun l-emanċipazzjoni.

7.7.2 Id-DDI għandu jikkoordina mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-ACTU u l-FITA, sabiex jiddiskuti l-installazzjoni ta' sistemi ta' ċirkwiti tas-smigħ u teknoloġiji oħra ta' assistenza, fil-bini użat mill-fornituri edukattivi kollha.

7.7.3 Id-DDI, il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità għandhom jikkoordinaw mal-uffiċjali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni biex jesploraw il-possibilitajiet fir-rigward li taqsimiet tar-riżorsi jkunu disponibbli fl-iskejjel u l-kulleġġi mainstream għall-istudenti b'diżabilità, b'dawn jintużaw matul perijodi speċifiċi kif indikat fl-IEPs tal-istudenti u allokati fl-iskeda tal-klassi.

### Eżiti għal 7.8:
### Twaqqif ta' grupp ta' ħidma dwar l-Inklużjoni u l-Edukazzjoni

7.8.1 Id-DDI, filwaqt li jaġixxi permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, għandu jikkoordina grupp ta' ħidma, bil-parteċipazzjoni tal-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, is-soċjetà ċivili u t-trejdjunjins rilevanti, li jiltaqa' regolarment u jiddiskuti materji koperti minn dan l-Objettiv, u li jallinja dawn id-diskussjonijiet ukoll mal-kontenut tal-Politika Nazzjonali dwar l-Inklużjoni.

7.8.2 L-għan tal-grupp ta' ħidma jkun li jiżgura esperjenza edukattiva aċċessibbli għall-istudenti kollha, filwaqt li jqis il-prinċipji tad-Disinn Universali għat-Tagħlim, jiżgura

l-parteċipazzjoni permezz tal-identifikazzjoni u l-għoti ta' appoġġi meħtieġa u aġġustamenti raġonevoli għall-istudenti, u jirrikonoxxi wkoll  ir-rwol tal-membri tal-familja u n-netwerks ta' appoġġ permezz ta' appoġġ multidixxiplinari kontinwu matul il-proċessi rilevanti.

7.8.3 Il-grupp ta' ħidma għandu jikkoordina wkoll mal-partijiet ikkonċernati involuti f'edukazzjoni formali, mhux formali u informali, bħal istituzzjonijiet edukattivi, u gruppi soċjali, għaż-żgħażagħ u ibbażati fuq il-fidi, biex joffri, flimkien mas-CRPD, DETs imfassla apposta għall-edukaturi u l-mexxejja.

7.8.4 Barra minn hekk, il-grupp ta' ħidma għandu jiffoka fuq l-involviment tal-fornituri fis-settur tal-edukazzjoni informali,  u jilħaq ukoll lill-partijiet ikkonċernati bħall-kunsilli lokali, flimkien ma' liema attivitajiet differenti aċċessibbli u inklużivi fi ħdan il-komunità jistgħu jiġu organizzati għall-benefiċċju ta' persuni b'diżabilità u tal-pubbliku inġenerali.

# OBJETTIV 8

## KURA TAS-SAĦĦA

| **OBJETTIV 08**<br>KURA TAS-SAĦĦA | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 8.1**: Reviżjoni tal-Kodiċi tal-Etika għall-prattika tal-professjonisti mediċi | Fi żmien 9 snin | DDI, DDS, CRPD, Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tas-CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 8.2**: Taħriġ Speċjalizzat għall-Professjonisti u l-Persunal fil-Qasam Mediku | Fi żmien sentejn | DDI, Ministeru tas-Saħħa, Aġenzija Sapport, Programm dwar Positive Parenting – FSWS, DDS, CRPD , Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 8.3**: Iktar sensibilizzazzjoni dwar id-diżabilità fil-Bordijiet Mediċi | Fi żmien 5 snin | DDI, Ministeru tas-Saħħa, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 8.4**: Promozzjoni tas-Saħħa għal Persuni b'Diżabilità | Fi żmien 5 snin | DDI, Ministeru tas-Saħħa – Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard, DDS, CRPD, CCWR, HRID, NCPE, AWAS, EASO, organizzazzjonijiet tas-soċjetà civili, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 8.5**: Rappurtar dwar materji relatati mal-aċċess għas-saħħa minn persuni b'diżabilità | Fi żmien 9 snin | DDI, CRPD, Ministeru tas-Saħħa, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

**Artikoli tal-Konvenzjoni**

**25** Saħħa

**Miri tal-SDGs**

**3.8** Il-kisba ta' kopertura universali tas-saħħa u aċċess għal kura tas-saħħa essenzjali ta' kwalità, u sigura, mediċini u vaċċini essenzjali effettivi, ta' kwalità u affordabbli għal kulħadd

**3.7** Aċċess Universali għas-Servizzi tal-Kura tas-Saħħa Sesswali u Riproduttiva u l-Integrazzjoni tas-Saħħa Riproduttiva fi Strateġiji u Programmi Nazzjonali

**3.d** It-tisħiħ tal-kapaċità għal twissija bikrija, tnaqqis tar-riskju, u ġestjoni tar-riskji għas-saħħa nazzjonali u globali

# Punti pożittivi, Sfidi u Opportunitajiet

L-Objettiv 8 huwa qasam kruċjali iżda delikat. Filwaqt li l-Kura tas-Saħħa hija wkoll ta' importanza kbira għall-persuni b'diżabilità, għadha sfida fundamentali biex jiġi żgurat li d-diżabilità u s-saħħa ma jitqiesux bħala kunċetti interkambjabbli. Pjuttost, il-kundizzjonijiet tas-saħħa għandhom jitqiesu bħala komponent tad-diżabilità u, l-aktar importanti, l-aċċess għall-kura tas-saħħa b'mod ġenerali għall-persuni b'diżabilità, u mhux biss fir-rigward tal-indeboliment tagħhom, għandu jkun disponibbli għalihom fuq bażi ugwali ma' oħrajn.

Is-sensitizzazzjoni kontinwa tal-professjonisti mediċi hija rekwiżit f'dan il-qasam, kemm fir-rigward ta' kontenut, kif ukoll f'oqsma speċifiċi bħal "notifikazzjoni ta' aħbar", kemm fir-rigward tal-kundizzjonijiet tas-saħħa li jikkontribwixxu għal diżabilità, kif ukoll fir-rigward tal-komunikazzjoni ma' persuni b'diżabilità differenti, bħal ma' persuni Deaf jew dawk b'diżabilitajiet intellettwali. Barra minn hekk, il-Kodiċijiet tal-Etika għall-professjoni medika għandhom jiġu riveduti biex tiġi żgurata perspettiva xierqa tad-diżabilità, u għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmi xierqa ta' monitoraġġ u għoti ta' kontribuzzjonijiet wara dan.

Perspettiva ta' diżabilità fil-bordijiet mediċi hija indirizzata wkoll permezz ta' azzjoni rilevanti, bħalma hija wkoll il-promozzjoni tas-saħħa mmirata lejn persuni b'diżabilità. Fl-aħħar nett, jiġi diskuss mekkaniżmu ta' rappurtar xieraq dwar l-aċċess għas-saħħa minn persuni b'diżabilità, sabiex jiġu identifikati n-nuqqasijiet u jiġu infurmati l-politika u l-prattika futuri.

# Azzjonijiet Speċifiċi u Eżiti marbuta

### Eżiti għal 8.1:
### Reviżjoni tal-Kodiċi tal-Etika għall-prattika tal-professjonisti mediċi

8.1.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, għandu jorganizza diskussjonijiet mad-DDS, mal-korpi professjonali mediċi rilevanti u mal-Fakultajiet u d-Dipartimenti assoċjati tagħhom fl-Università ta' Malta, filwaqt li jikkonsulta mas-CRPD, bil-għan li jiġu riveduti l-Kodiċijiet ta' Etika eżistenti, bil-għan li jitbiegħdu mid-diskorsi tradizzjonali dwar id-diżabilità.

8.1.2 Is-CRPD, permezz tat-Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tagħha, għandha tirrevedi l-funzjonament tal-Kodiċijiet tal-Etika eżistenti u riveduti, u tressaq rakkomandazzjonijiet, li mbagħad jiġu diskussi mal-partijiet ikkonċernati mid-DDI, bil-ħsieb tal-implimentazzjoni.

### Eżiti għal 8.2:
### Taħriġ Speċjalizzat għall-Professjonisti u l-Persunal fil-Qasam Mediku

8.2.1 Id-DDI għandu jsejjaħ diskussjonijiet mal-Ministeru tas-Saħħa u d-DDS, dwar l-iżvilupp ta' taħriġ lil gruppi differenti ta' professjonisti mediċi, kif ukoll persunal mhux mediku bħall-persunal amministrattiv u tas-sigurtà, dwar l-għarfien u s-sensitizzazzjoni tad-diżabilità, b'enfasi partikolari fuq temi bħal diżabilitajiet inviżibbli, u t-trattament ta' persuni b'diżabilità li jikkomunikaw il-ħtiġijiet tagħhom b'mod partikolari, eż. l-użu tal-AAC, li għandu jitwassal mis-CRPD fil-forma ta' DETs, abbażi tal-mudell attwalment użat fir-rigward tal-persunal fl-Isptar Mater Dei.

8.2.1 Id-DDI għandu jiddiskuti wkoll mal-Ministeru tas-Saħħa, bl-involviment ta' Aġenzija Sapport, il-programm Positive Parenting fi ħdan l-FSWS, u d-DDS, taħriġ għal gruppi differenti ta' professjonisti mediċi dwar in-notifikazzjoni ta' kull aħbar lil persuni b'diżabilità u l-familji u n-netwerks ta' appoġġ tagħhom b'mod sensittiv għad-diżabilità, kemm fir-rigward tad-dijanjożi ta' nuqqas, kif ukoll fir-rigward tal-komunikazzjoni ta' materji oħra relatati mas-saħħa meta jkun meħtieġ approċċ partikolari.

8.2.3 Is-CRPD għandha tirrevedi regolarment kwalunkwe taħriġ bħal dan imfassal b'dan il-mod, u tikkomunika l-feedback rilevanti lid-DDI, sabiex tali feedback ikun jista' jiġi kkomunikat lill-partijiet ikkonċernati, u r-reviżjonijiet rilevanti għall-inizjattivi ta' taħriġ imsemmija meqjusa skont dan.

## Eżiti għal 8.3:
## Iktar sensibilizzazzjoni dwar id-diżabilità fil-Bordijiet Mediċi

8.3.1 Id-DDI għandu jiddiskuti mar-rappreżentanti tal-Ministeru tas-Saħħa u partijiet interessati rilevanti oħra, permezz tal-istrutturi tiegħu, u filwaqt li jikkonsulta mas-CRPD, modi differenti ta' kif il-bordijiet mediċi jkollhom għarfien aħjar tad-diżabilità u tal-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità, inklużi l-esperjenzi tal-lakuni tul il-ħajja, sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe deċiżjoni meħuda minn tali bordijiet tirrispetta d-dinjità u d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.

8.3.2 Għandu jitfassal rapport inizjali wara l-imsemmija diskussjonijiet, li jiddeskrivi s-sitwazzjoni attwali, il-lakuni u r-rakkomandazzjonijiet, sabiex l-imsemmija rakkomandazzjonijiet imbagħad jiġu ppreżentati lill-Ministeru tas-Saħħa, u l-ilħna tal-persuni b'diżabilità u l-familji u n-networks ta' appoġġ tagħhom għandhom ikunu ta' importanza kbira fit-twettiq ta' dan il-proċess.

## Eżiti għal 8.4:
## Promozzjoni tas-Saħħa għal Persuni b'Diżabilità

8.4.1 Id-DDI għandu jsejjaħ diskussjonijiet mad-Direttorat tiegħu għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Prevenzjoni tal-Mard fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa, u d-DDS, filwaqt li jikkonsulta mas-CRPD, sabiex jiżgura li l-isforzi nazzjonali ta' promozzjoni tas-saħħa, inklużi kampanji nazzjonali jkunu inklużivi u aċċessibbli għal persuni b'diżabilità.

8.4.2 B'mod partikolari, jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċifika biex jintlaħqu gruppi differenti ta' persuni b'diżabilità, b'mod partikolari n-nisa b'diżabilità, fir-rigward tal-ħtiġijiet speċifiċi tas-saħħa tagħhom, filwaqt li tiġi żgurata perspettiva xierqa tal-ġeneru u tad-diżabilità, kif ukoll gruppi bħal persuni LGBTQI+ b'diżabilità, b'mod partikolari meta jiġu aċċessati servizzi bħall-Klinika għall-Ħtiġijiet tal-Ġeneru, u

l-migranti b'diżabilità, fejn il-kompetenza kulturali tkun meħtieġa flimkien ma' perspettiva ta' diżabilità, u f'liema aspetti jistgħu jiġu kkonsultati jew involuti entitajiet bħall-CCWR, l-HRID, l-NCPE, l-AWAS, l-EASO u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

8.4.3 Għandu jiġi adottat ukoll approċċ speċifiku fir-rigward ta' dawk il-persuni b'diżabilità b'vulnerabbiltajiet partikolari tas-saħħa, speċjalment fir-rigward tal-aċċess għas-servizzi, u l-iżgurar tal-kontinwità ta' tali.

## Eżiti għal 8.5:
## Rappurtar dwar materji relatati mal-aċċess għas-saħħa minn persuni b'diżabilità

8.5.1 Is-CRPD għandha tikkoordina mal-Ministeru tas-Saħħa, sabiex tipproduċi rappurtar regolari dwar l-aċċess għal servizzi minn persuni b'diżabilità, dwar materji relatati mas-saħħa inġenerali, kif ukoll dwar kwistjonijiet tas-saħħa li huma speċifikament relatati man-nuqqasijiet, kif ukoll azzjonijiet rilevanti meħuda u lakuni identifikati. Dawn ir-rapporti għandhom jintbagħtu lid-DDI.

8.5.2 Tali rappurtar għandu jindirizza wkoll l-aċċessibilità tal-bini, il-faċilitajiet u s-servizzi, fit-termini tal-liġi, biex jiġi ddeterminat kemm huma fiżikament u sensorjament aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, u jekk jiżgurawx li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jirċievu servizzi b'dinjità b'mod li jindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, filwaqt li jindika wkoll liema miżuri għandhom jiġu adottati permezz ta' akkomodazzjoni raġonevoli fir-rigward ta' pazjenti b'diżabilità.

8.5.3 Għandha tingħata wkoll attenzjoni partikolari lill-aħjar prattiċi fir-rigward ta' diversi appoġġi li jagħmlu s-servizzi verament aċċessibbli, bħal pereżempju li jkun hemm interpreti tal-lingwa tas-sinjali disponibbli, jew l-għoti ta' informazzjoni Faċli biex Taqra.

8.5.4 Ir-rappurtar għandu jenfasizza wkoll id-disponibbiltà ta' servizzi attwali u ppjanati fi ħdan ambjenti komunitarji, inklużi servizzi fl-iskejjel u servizzi ta' wara nofsinhar, u b'hekk jinkoraġġixxi bidla minn approċċ medikalizzat għal approċċ aktar inklużiv u integrat lejn id-diżabilità, billi ċerti servizzi jitbiegħdu minn ambjenti kliniċi riġidi.

8.5.5 Abbażi ta' rapporti bħal dawn, id-DDI għandu jlaqqa' lill-Ministeru tas-Saħħa u lill-partijiet interessati rilevanti, permezz tal-mekkaniżmi tiegħu, filwaqt li jikkonsulta mas-CRPD, sabiex jiddiskuti t-triq 'il quddiem fl-indirizzar ta' kwistjonijiet u lakuni identifikati, bil-parteċipazzjoni u l-kontribut ta' persuni b'diżabilità u l-familji u n-networks ta' appoġġ tagħhom.

# OBJETTIV 9

## XOGĦOL U IMPJIEGI

| **OBJETTIV 09** XOGĦOL U IMPJIEGI | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 9.1**: DETs speċifiċi u Informazzjoni mmirati lejn Kull Min Iħaddem | Fi żmien sentejn | CRPD, Forum Malti dwar id-Diżabilità u n-Negozju, DDS, DDI, HRID, NCPE, AWAS, EASO, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 9.2**: Strateġija ta' Qabel l-Impjieg, l-Impjieg u ż-Żamma tal-Impjieg | Fi żmien 5 snin | DDI, Jobsplus, LSF u kull entità oħra li twettaq skop simili, Malta Enterprise, CRPD, Entitajiet akkreditati mill-MFHEA, Forum Malti dwar id-Diżabilità u n-Negozju, Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tas-CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 9.3**: Appoġġ u Aġġustamenti Relatati max-Xogħol | Fi żmien 5 snin | DDI, Jobsplus – Diviżjoni għas-Servizzi ta' Impjieg Inklużiv, LSF u kwalunkwe entità oħra li tissodisfa skop simili, Entitajiet akkreditati mill-MFHEA, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 9.4**: Promozzjoni ta' Inċentivi għall-Intrapriża Soċjali | Fi żmien 9 snin | DDI, CRPD, Forum Malti dwar id-Diżabilità u n-Negozju, Ministeru tal-Ekonomija, Malta Enterprise, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 9.5**: Servizzi Mtejba ta' Gwida għall-Karriera | Fi żmien 5 snin | DDI, Jobsplus, LSF u kull entità oħra li twettaq skop simili, Aġenzija Sapport, Entitajiet akkreditati mill-MFHEA, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 9.6**: Ħidma ta' Sensibilizzazzjoni u Detached Work maż-Żgħażagħ | Fi żmien 5 snin | Aġenzija Żgħażagħ, Aġenzija Sapport, Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà – l-Università ta' Malta, Jobsplus, LSF u kwalunkwe entità oħra li tissodisfa skop simili, DDI, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 9.7**: Kampanja tal-Midja u Ċertifikazzjoni Inklużiva ta' Min Iħaddem | Fi żmien sentejn | DDI, CRPD, Jobsplus, LSF u kwalunkwe entità oħra li tissodisfa skop simili, DDS, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

**Artikoli tal-Konvenzjoni**

**27** Xogħol u impjieg

**Miri tal-SDGs**

**8.5** Impjieg Sħiħ u Produttiv u Xogħol Deċenti għal Kulħadd, inkluż għal Persuni b'Diżabilità, u Paga Ugwali għal Xogħol ta' Valur Ugwali

**6.1** Żieda sostanzjali fl-għadd ta' żgħażagħ u adulti li għandhom ħiliet rilevanti, inklużi ħiliet vokazzjonali tekniċi, għall-impjiegi, impjiegi deċenti, u l-intraprenditorija

## Punti pożittivi, Sfidi u Opportunitajiet

Qasam ewlieni li għandu jiġi indirizzat minn Malta huwa dak relatat max-Xogħol u l-Impjiegi. Fehim tal-mudell soċjali ta' diżabilità u ta' approċċ iċċentrat fuq il-persuna huwa kruċjali, kemm biex titqies is-sitwazzjoni attwali, kif ukoll biex isiru r-riformi u ż-żidiet meħtieġa fil-politika u l-prattika. Filwaqt li matul dawn l-aħħar snin ġew stabbiliti għadd ta' inċentivi, bħal inċentivi fiskali għal min iħaddem, u qafas leġiżlattiv li jiżgura akkomodazzjoni raġonevoli ġenerali għall-impjegati b'diżabilità, flimkien ma' sforzi ta' sensibilizzazzjoni u miżuri ta' infurzar, għandha tittieħed azzjoni f'għadd ta' oqsma.

Hemm il-ħtieġa li nitbiegħdu minn sistema illi tpoġġi lill-persuni b'diżabilità ġo kaxxi, u tarahom bħala li jikkwalifikaw biss għal impjiegi "speċjali" jew segregati, jew li jkunu impjegabbli biss f'ċerti impjiegi ta' livell baxx. Għad hemm ukoll nuqqas ta' għarfien fi ħdan il-komunità tan-negozju dwar x'inhi d-diżabilità, u x'jistgħu verament joffru l-persuni b'diżabilità.

L-għan aħħari li għandu jintlaħaq permezz ta' dan l-Objettiv għandu jkun l-ugwaljanza tal-opportunitajiet, permezz ta' approċċ bil-parteċipazzjoni ta' diversi partijiet ikkonċernati, li jippermetti li l-persuni b'diżabilità jkunu membri tas-soċjetà illi jgħixu ħajja ta' sodisfazzjon, u jikkontribwixxu lil tali soċjetà, filwaqt illi jinbidlu l-perċezzjonijiet soċjali fil-proċess.

Għalhekk, il-gwida dwar il-karriera għandha tibda kmieni, flimkien ma' kampanji ta' informazzjoni għall-partijiet kollha involuti, inkluż permezz tal-midja.

Filwaqt li għandhom ikunu fis-seħħ strateġiji aġġornati dwar l-impjiegi, inkluża enfasi qawwija fuq il-fażi ta' qabel l-impjieg, għandha tkun meħtieġa enfasi xierqa fuq iż-żamma tal-impjiegi, filwaqt li għandhom jiġu indirizzati niċeċ speċifiċi bħall-ħidma fost iż-żgħażagħ, u l-intrapriża soċjali, kemm għall-persuni b'diżabilità nfushom, kif ukoll għal dawk li jaħdmu magħhom.

Il-mixja minn sistema ta' kwoti għal sistema aktar inklużiva għandha tiġi inċentivata wkoll permezz taċ-ċertifikazzjoni ta' impjegaturi inklużivi, filwaqt li tkompli tibni fuq strutturi eżistenti, u obbligi bħall-għoti ta' akkomodazzjoni raġonevoli.

## Azzjonijiet Speċifiċi u Eżiti marbuta

### Eżiti għal 9.1
### DETs speċifiċi u Informazzjoni mmirati lejn Kull Min Iħaddem

9.1.1 Is-CRPD għandha, f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti, inklużi r-rappreżentanti ta' min iħaddem u l-Forum Malti dwar id-Diżabilità u n-Negozju tagħha, il-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, kif ukoll id-DDS u d-DDI, u entitajiet bħad-HRID, l-NCPE, l-AWAS, l-EASO u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tirrevedi u taġġorna l-programm tad-DET tagħha mmirat speċifikament lejn min iħaddem u l-istaff tagħhom, biex jirrifletti s-sitwazzjoni attwali, u l-ħtiġijiet rilevanti, jindirizza l-benefiċċji fiskali li jiġu impjegati

persuni b'diżabilità, u materji bħall-impjieg ta' migranti b'diżabilità, biex jiġi żgurat li l-proċessi tal-għażla u tar-reklutaġġ ikunu ħielsa mid-diskriminazzjoni, filwaqt li tiżviluppa materjali online u stampati aċċessibbli, inklużi linji gwida speċifiċi.

9.1.2 Id-DDI għandu jassisti lis-CRPD, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, fid-diskussjonijiet ma' min iħaddem u mar-rappreżentanti tagħhom, kif ukoll mal-entitajiet tal-Istat, sabiex jikseb garanziji mingħand min iħaddem u mingħand entitajiet differenti biex jiżgura li l-DET imsemmi jitwassal mis-CRPD, b'mod imfassal apposta, lil firxa wiesgħa kemm jista' jkun, u biex jiżgura l-aktar tixrid wiesa' possibbli ta' materjali online u stampati għal min iħaddem, inklużi linji gwida speċifiċi.

## Eżiti għal 9.2:
## Strateġija ta' Qabel l-Impjieg, l-Impjieg u ż-Żamma tal-Impjieg

9.2.1 Id-DDI għandu, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, jikkoordina ma' partijiet interessati differenti, bħal JobsPlus, LSF u kwalunkwe entità oħra li tissodisfa skop simili, Malta Enterprise, entitajiet akkreditati mill-MFHEA, u rappreżentanti u esperti ta' min iħaddem, jikkonsulta lis-CRPD u l- Forum Malti dwar id-Diżabilità u n-Negozju tagħha, u jqis l-involviment u l-input ta' persuni b'diżabilità, sabiex tiġi abbozzata Strateġija ta' Qabel l-Impjieg, l-Impjieg u Żamma tal-Impjieg, ibbażata fuq il-partikolaritajiet tax-xenarju lokali, u ffukata fuq li persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jaċċessaw impjieg xieraq tal-għażla tagħhom, filwaqt li jkunu użati l-aħjar prattiċi.

9.2.2 Il-ħidma preparatorja dwar l-Istrateġija ta' Qabel l-Impjieg, l-Impjieg u ż-Żamma tal-Impjieg għandha tiżgura enfasi partikolari fuq it-taħriġ u l-investiment f'taqsimiet tal-popolazzjoni fejn persuni b'diżabilità, minħabba fatturi bħat-tip ta' nuqqas jew l-istatus soċjoekonomiku, kienu storikament kronikament żvantaġġati, filwaqt li tqis miżuri speċifiċi bħall-għoti ta' mudelli lil min iħaddem sabiex joħorġu sejħiet għal postijiet tax-xogħol, u kriterji tal-għażla, biex jiġi żgurat għoti mhux diskriminatorju ta' pożizzjonijiet ibbażati fuq il-kapaċità tal-individwu li jwettaq ir-rwol u d-dmirijiet, mhux ibbażati fuq diżabilità jew simpatija, u ċertifikazzjoni formali ta' kowċis tal-impjiegi, f'kollaborazzjoni mal-MFHEA u istituzzjonijiet edukattivi speċifiċi.

9.2.3 Materji relatati ma' xogħol Self-Employed għal persuni b'diżabilità, u inċentivi f'dan ir-rigward, għandhom jiġu indirizzati wkoll mill-Istrateġija.

9.2.4 Strateġija bħal din għandha tinħareġ għall-konsultazzjoni pubblika, u tinkludi pjan ta' implimentazzjoni, li għandu jiġi ssorveljat mid-DDI flimkien ma' JobsPlus, permezz ta' mekkaniżmi rilevanti, u għandha tipproponi wkoll proġetti jew skemi speċifiċi, ta' tul ta' żmien medju sa twil, bil-għan li jitwettqu l-prinċipji ewlenin tal-Istrateġija msemmija.

9.2.5 Is-CRPD, permezz tat-Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tagħha, għandha tirrevedi l-funzjonament tal-Istrateġija, u tal-iskemi u l-inizjattivi kollha li qed jitħaddmu bis-saħħa ta' din l-Istrateġija, u tressaq rakkomandazzjonijiet filwaqt li tenfasizza n-nuqqasijiet, fir-rigward ta' funzjonament aħjar tal-Istrateġija u ta' inizjattivi msemmija, u l-ħtieġa ta' emendi għall-Istrateġija, jew emendi għal, twaqqif jew ħolqien ta' skemi ġodda bis-saħħa ta' din l-Istrateġija, sabiex id-DDI u l-JobsPlus  ikunu jistgħu mbagħad jikkoordinaw mal-partijiet ikkonċernati.

## Eżiti għal 9.3:
## Appoġġ u Aġġustamenti Relatati max-Xogħol

9.3.1 Id-DDI, flimkien mad-Diviżjoni għas-Servizzi ta' Impjieg Inklużiv tal-JobsPlus, l-LSF u kwalunkwe entità oħra li tissodisfa skop simili,  u entitajiet akkreditati mill-MFHEA, u b'konsultazzjoni mas-CRPD għandu, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, janalizza l-ħtiġijiet attwali ta' impjegati b'diżabilità, kif ukoll ta' dawk il-persuni f'impjieg  jew edukazzjoni li jappoġġjaw b'mod attiv persuni b'diżabilità, b'dawn tal-aħħar ikunu minorenni jew adulti, bħal sigħat tax-xogħol flessibbli, u akkomodazzjoni raġonevoli bħall-użu ta' teknoloġija assistiva.

9.3.2 Tali analiżi għandha tagħti wkoll attenzjoni partikolari lill-użu ta' mezzi bħall-assistenza personali bħala għajnuniet fuq il-post tax-xogħol.

9.3.3 Fatturi speċifiċi relatati mad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità u l-unjonizzazzjoni, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu indirizzati modalitajiet u sfidi speċifiċi ffaċċjati f'dan ir-rigward, għandhom jiġu indirizzati wkoll permezz ta' din l-analiżi.

9.3.4 Ir-riżultati ta' dawn id-diskussjonijiet għandhom jiġu ppreżentati mid-DDI lill-awtoritajiet rilevanti, sabiex tinqabel proposta li titqiegħed quddiem il-Kabinett tal-Ministri, fejn jiġu stabbiliti mekkaniżmi xierqa għall-benefiċċju ta' impjegati b'diżabilità differenti, kif ukoll għal dawk il-persuni fl-impjieg jew fl-edukazzjoni li jappoġġjaw b'mod attiv lill-persuni b'diżabilità.

## Eżiti għal 9.4:
## Promozzjoni ta' Inċentivi għall-Intrapriża Soċjali

9.4.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, u b'konsultazzjoni mas-CRPD u l- Forum Malti dwar id-Diżabilità u n-Negozju tiegħu, għandu jiddiskuti mal-partijiet interessati ewlenin, inkluż iżda mhux limitati għall-Ministeru għall-Ekonomija u l-Malta Enterprise, il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' skema ta' intrapriża soċjali f'Malta, biex jibbenefikaw ukoll inizjattivi meħuda fir-rigward tas-settur tad-diżabilità Maltija, b'enfasi partikolari fuq inizjattivi b'persunal b'diżabilità u ġestiti minn persuni b'diżabilità.

9.4.2 Dokument ta' politika u proposti leġiżlattivi li joħorġu minn dawn id-diskussjonijiet għandhom jitressqu għal konsultazzjoni pubblika, immexxija b'mod aċċessibbli biex tiġi żgurata l-akbar parteċipazzjoni possibbli minn persuni b'diżabilità, qabel ma jiġu implimentati mill-partijiet interessati rilevanti.

## Eżiti għal 9.5:
## Servizzi Mtejba ta' Gwida għall-Karriera

9.5.1 Id-DDI għandu jiddiskuti, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, u bl-inklużjoni ta' JobsPlus, LSF u kwalunkwe entità oħra li tissodisfa skop simili, u entitajiet akkreditati mill-MFHEA, proposti għall-ħolqien jew it-titjib ta' servizzi ta' karriera u ta' gwida vokazzjonali, li jibdew kmieni fil-ħajja ta' persuna, biex iservu aħjar lil persuni b'diżabilità involuti fis-suq tax-xogħol, u b'mod partikolari fis-suq tax-xogħol mainstream, li jiffokaw ukoll fuq ħiliet rilevanti bħall-intervisti għall-impjieg, u temi bħad-drittijiet tal-impjegati.

9.5.2 Diskussjonijiet bħal dawn għandhom jimmiraw ukoll speċifikament lejn l-akkwist u t-taħriġ ta' persunal xieraq, li jimplimenta programmi bbażati fuq l-aħjar prattiċi osservati, filwaqt li jkun imfassal għar-realtajiet tas-settur lokali tal-impjiegi.

## Eżiti għal 9.6:
## Ħidma ta' Sensibilizzazzjoni u Detached Work maż-Żgħażagħ

9.6.1 Aġenzija Żgħażagħ, flimkien ma' partijiet interessati ewlenin oħra fosthom Aġenzija Sapport, il-Fakultà għat-Tisħiħ Soċjali fl-Università ta' Malta, l-LSF u kwalunkwe entità oħra li tissodisfa skop simili, JobsPlus, id-DDI u s-CRPD, għandha tagħmel sforzi sabiex tiżgura l-użu tal-ħidma fost iż-żgħażagħ bħala għodda biex jiġu inklużi aħjar il-minoranzi soċjali, inklużi l-persuni b'diżabilità.

9.6.2 L-imsemmija sforzi għandhom iwasslu għall-ħolqien ta' inizjattivi speċifiċi, li jkollhom l-għanijiet doppji li joħolqu kuxjenza dwar is-servizzi u l-faċilitajiet eżistenti għall-impjegabbiltà tal-minoranzi soċjali, u jservu bħala rabta ma' entitajiet bħal-LSF u kwalunkwe entità oħra li tissodisfa skop simili, u Jobsplus.

9.6.3 It-taħriġ ta' persuni kwalifikati li jaħdmu maż-żgħażagħ dwar materji bħall-għarfien dwar id-diżabilità għandu jsir ukoll bħala aspett ewlieni ta' din l-Azzjoni, wara koordinazzjoni bejn il-partijiet interessati involuti.

## Eżiti għal 9.7:
## Kampanja tal-Midja u Ċertifikazzjoni Inklużiva ta' Min Iħaddem

9.7.1 Id-DDI u s-CRPD għandhom, flimkien ma' JobsPlus, l-LSF u kwalunkwe entità oħra li tissodisfa skop simili, u d-DDS, jiddiskutu kampanja fil-midja li tippromwovi persuni b'diżabilità fl-impjieg, u toħloq sensibilizzazzjoni dwar servizzi u faċilitajiet tal-JobsPlus, u tal-LSF u kwalunkwe entità oħra li tissodisfa skop simili.

9.7.2 Il-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità għandu, flimkien mad-DDI, is-CRPD, JobsPlus, l-LSF u kwalunkwe entità oħra li tissodisfa skop simili, u d-DDS, jiżviluppa u jniedi skema biex jiċċertifika Impjegaturi Inklużivi, u tali persuni u entitajiet għandhom jidhru regolarment bħala eżempji tal-aħjar prattiċi fil-kampanja tal-midja msemmija.

9.7.3 Għandu jsir sforz kollettiv sabiex il-persuni b'diżabilità jkunu fuq quddiem fl-istadji differenti kollha tad-disinn u t-twassil tal-kampanja tal-midja, u tal-programm ta' Ċertifikazzjoni msemmi.

# OBJETTIV 10

## ĦAJJA INDIPENDENTI U FIL-KOMUNITÀ, U DE-ISTITUZZJONALIZZAZZJONI

| OBJETTIV 10<br>ĦAJJA INDIPENDENTI U FIL-KOMUNITÀ, U DE-ISTITUZZJONALIZZAZZJONI | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 10.1**: Nindirizzaw il-Lakuni fis-Servizzi Mainstream fil-Komunità | Fi żmien 5 snin | DDI, rappreżentanti tal-Kunsill Lokali, CRPD, Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tas-CRPD, CCWR, HRID, NCPE, AWAS, EASO, Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 10.2**: Tisħiħ tal-Assistenza Personali u l-Iskemi għal Għajxien fil-Komunità | Fi żmien 5 snin | DDI, Aġenzija Sapport, Fornituri pubbliċi u privati ta' servizzi għal persuni b' diżabilità, DDS, Kunsilli Lokali, CRPD, SCSA, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 10.3**: Twaqqif ta' Taqsima għat-Taħriġ ta' Min Iħarreġ (Train the Trainer) | Fi żmien 9 snin | Aġenzija Sapport, DDI, DDS, CRPD, L-Università ta' Malta, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

| | | |
|---|---|---|
| **Azzjoni 10.4**: Servizzi ta' Appoġġ u Tnaqqis tal-Abbuż | Fi żmien sentejn | Aġenzija Sapport, DDI, Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 10.5**: Koordinazzjoni Aħjar fost il-Fornituri tas-Servizzi | Fi żmien sentejn | DDI, Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu, DDS, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 10.6**: Twaqqif ta' Taqsima għat-Taħriġ ta' Min Iħarreġ (Train the Trainer) | Fi żmien 9 snin | CRPD, DDI, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

**Artikoli tal-Konvenzjoni**

**27** Ħajja indipendenti u inklużjoni fil-komunità

**26** Abilitazzjoni u riabilitazzjoni

**14** Il-libertà u s-sigurtà tal-persuna

**15** Libertà mit-tortura jew trattament jew kastig krudili, inuman jew degradanti

**16** Ħelsien mill-isfruttament, il-vjolenza u l-abbuż

**17** Il-protezzjoni tal-integrità tal-persuna

**20** Mobilità Personali

**Miri tal-SDGs**

**10.2** Emanċipazzjoni bl-iskop ta' u promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, ekonomika u politika ta' kulħadd, irrispettivament mid-diżabilità jew karatteristiċi oħra

# Punti pożittivi, Sfidi u Opportunitajiet

L-Objettiv 10 jittratta wieħed mill-oqsma l-aktar kontroversjali iżda fundamentali marbuta mal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Matul dawn l-aħħar snin, l-approċċi lejn għajxien indipendenti nbidlu globalment u anke lokalment. Kruċjalment, filwaqt li l-isforz inizjali kien li l-persuni

b'diżabilità ma jibqgħux mistoħbija, u jidħlu fil-komunità b'xi mod, mhux l-inqas bħala mod kif tiġi miġġielda l-istigma u tiżdied il-viżibbiltà, ir-raġunament li jirfed l-istituzzjonijiet u d-djar tal-gruppi ġie kkontestat matul is-snin.

Filwaqt li huwa ċar li huma meħtieġa livelli differenti ta' appoġġ għal persuni b'diżabilità differenti, il-kunsens f'parti kbira tal-komunità attivista u akkademika huwa li l-appoġġ għandu jibda minn ġewwa, filwaqt li jiġi żgurat li s-servizzi u l-appoġġi meħtieġa jkunu disponibbli fi ħdan il-komunità tal-persuna stess u fi ħdan id-dar tagħha stess, minflok ma jiġu esternalizzati u raggruppati f'faċilitajiet speċjalizzati. Barra minn hekk, enfasi akbar fuq skemi ta' appoġġ personali, bħal dik iffukata fuq l-assistenza personali, kisbet aktar trazzjoni, u hija sistema li Malta diġà bdiet timplimenta.

Filwaqt li għandhom jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi u aktar kumplessi esperjenzati minn ċerti persuni b'diżabilità, li xi minn daqqiet jiġu indirizzati permezz ta' servizzi partikolari offruti permezz ta' faċilitajiet aktar ċentralizzati, minħabba aspetti bħad-daqs u l-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi ta' Malta, jibqa' l-fatt li din għandha tkun l-eċċezzjoni, u mhux ir-regola.

Għalhekk, spinta lejn il-ħajja indipendenti u komunitarja li tkun konformi mal-preċetti tal-Konvenzjoni, u tal-Kumment Ġenerali 5 tal-Artikolu 19 tagħha, maħruġ mill-Kumitat tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, tinsab fiċ-ċentru ta' dan l-Objettiv.

Azzjonijiet speċifiċi f'dan ir-rigward jappellaw għal analiżi tad-diskrepanza fil-qasam tal-forniment tas-servizzi, biex jittieħed kont tas-sitwazzjoni attwali, u jiġu indirizzati lakuni rilevanti, pjan strateġiku sabiex jissaħħu l-iskemi eżistenti tal-għajxien fil-komunità, mekkaniżmi għal koordinazzjoni aħjar fost il-fornituri tas-servizzi lokali, sistemi fis-seħħ biex jitnaqqas l-abbuż kontra persuni b'diżabilità li jimpedixxu l-għajxien indipendenti bħala element importanti, u enfasi fuq it-taħriġ ta' professjonisti eżistenti u ġodda, u l-ħolqien ta' multiplikaturi.

Hija rrakkomandata wkoll strateġija nazzjonali olistika ta' deistituzzjonalizzazzjoni, fuq il-linji tal-aħjar prattiċi li kienu segwiti minn pajjiżi oħra, u li jkollha impatt sinifikanti fuq it-twettiq tal-għanijiet ta' dan l-Objettiv.

# Azzjonijiet Speċifiċi u Eżiti marbuta

## Eżiti għal 10.1:
## Nindirizzaw il-Lakuni fis-Servizzi Mainstream fil-Komunità

10.1.1 DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, bl-involviment ta' fornituri differenti ta' servizzi pubbliċi u privati u rappreżentanti tal-Kunsill Lokali, u waqt li jikkonsulta s-CRPD, għandu jibda diskussjonijiet dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-aċċessibilità tas-servizzi mainstream fil-komunità, offruti minn fornituri ta' servizzi pubbliċi u privati f'lokalitajiet differenti f'Malta u Għawdex, kif ukoll jidentifika opportunitajiet għal aktar tixrid ta' servizzi komunitarji f'lokalitajiet differenti, bil-Kunsilli Lokali jkollhom rwol ewlieni f'termini ta'għarfien lokali, materji loġistiċi u opportunitajiet.

10.1.2 Minbarra l-ħtiġijiet tal-forniment tas-servizz lil persuni b'diżabilità, dawn id-diskussjonijiet għandhom jindirizzaw ukoll l-appoġġ għall-ġenituri, inkluż għall-proċess li jaqtgħu minn mal-wild adult b'diżabilità tagħhom, sabiex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jagħmlu l-għażliet u d-deċiżjonijiet tagħhom stess u jaġixxu fuqhom, inkluż permezz tal-għoti ta' appoġġ xieraq, mingħajr ma l-pjanijiet tagħhom jiġu mfixkla mit-talbiet tal-ġenituri, u inklużi każijiet fejn il-persuni b'diżabilità jkunu diġà telqu mid-dar tal-familja.

10.1.3 Jeħtieġ li d-diskussjonijiet jiffukaw ukoll fuq l-aspett tal-intersezzjonalità, u l-ostakli addizzjonali li ċerti persuni, bħal nisa b'diżabilità, persuni LGBTIQ+ b'diżabilità u migranti b'diżabilità, jiffaċċjaw fl-aċċess għas-servizzi, kif ukoll jidentifikaw strateġiji xierqa u jagħmlu referenza  għall-aħjar prattika eżistenti li tippermetti li jingħelbu tali ostakli, li fihom jistgħu jiġu involuti entitajiet bħall-CCWR, l-HRID, l-NCPE, l-AWAS, l-EASO u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

10.1.4 Għandu jitfassal rapport inizjali, u jinħareġ għall-Konsultazzjoni Pubblika, b'mod aċċessibbli, li jenfasizza wkoll il-ħtiġijiet ewlenin ta' aċċessibilità, kif ukoll rakkomandazzjonijiet.

10.1.5 Abbażi tar-rapport u l-feedback li jaslu mill-konsultazzjoni pubblika, għandu jitfassal pjan ta' azzjoni, li l-koordinazzjoni tiegħu għandha tkun ir-responsabbiltà tad-DDI.

10.1.6 Is-CRPD, permezz tat-Taqsima dwar il-Monitoraġġ tal-Konvenzjoni UNCRPD u r-Riċerka tagħha, għandha tingħata l-kompitu li timmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni, u li tipprovdi rapporti regolari lid-DDI dwar il-funzjonament tiegħu u dwar in-nuqqasijiet osservati, sabiex id-DDI jkun jista' mbagħad jiddiskuti tali kwistjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, kif ukoll jaġġorna l-pjan ta' azzjoni msemmi kif u meta jkun xieraq.

## Eżiti għal 10.2:
## Tisħiħ tal-Assistenza Personali u l-Iskemi għal Għajxien fil-Komunità

10.2.1 Id-DDI u l-Aġenzija Sapport għandhom jikkonsultaw ma' persuni b'diżabilità u partijiet interessati ewlenin oħra, bħall-fornituri tas-servizzi pubbliċi u privati, inklużi l-fornituri tas-servizzi tal-PA, il-Kunsilli Lokali, id-DDS u s-CRPD, sabiex iqisu s-sitwazzjoni attwali li tikkonċerna l-assistenza personali u l-iskemi tal-għajxien fil-komunità, u jidentifikaw lakuni relatati mal-aċċessibilità ta' tali servizzi għal persuni b'diżabilità.

10.2.2 B'riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet, għandhom jitfasslu rakkomandazzjonijiet mid-DDI, dwar it-titjib u t-twessigħ ta' tali servizzi b'mod sostenibbli, inkluż billi tiġi żgurata riforma xierqa tal-valutazzjoni tad-diżabilità u l-proċeduri ta' eliġibbiltà tal-programmi, kif ukoll kwistjonijiet bħar-regolamentazzjoni, u l-promozzjoni eventwali u s-sensibilizzazzjoni tal-komunità mill-Kunsilli Lokali, u jppreżentati fil-forma ta' Pjan Strateġiku li jindirizza l-Għajxien Indipendenti u l-Assistenza Personali.

10.2.3 L-istandards rilevanti f'dan ir-rigward ikunu diskussi wkoll mal-SCSA, bil-ħsieb ta' tnedija eventwali, filwaqt li l-monitoraġġ tal-Pjan Strateġiku eventwali jkun ir-responsabbiltà tas-CRPD, li għandha toffri feedback rilevanti fuq bażi regolari, sabiex il-qafas u l-operat rilevanti tal-Pjan Strateġiku jkunu jistgħu jiġu indirizzati kif xieraq, filwaqt li l-istandards rilevanti jkunu jistgħu jiġu emendati jew infurzati skont dan, kif meħtieġ.

## Eżiti għal 10.3:
## Twaqqif ta' Taqsima għat-Taħriġ ta' Min Iħarreġ (*Train the Trainer*)

10.3.1 It-Taqsima għandha tiġi stabbilita fi ħdan Aġenzija Sapport. Għal dan il-għan, għandhom isiru diskussjonijiet dwar materji relatati ma' taħriġ speċjalizzat li għandu jingħata lil professjonisti involuti ma' persuni b'diżabilità. Id-diskussjonijiet għandhom jiġu kkoordinati mid-DDI, filwaqt li Aġenzija Sapport, DDS u fakultajiet u dipartimenti rilevanti oħra fl-Università ta' Malta għandhom ikunu l-partijiet interessati ewlenin involuti, bis-CRPD tiġi kkonsultata wkoll.

10.3.2 Din it-Taqsima, ladarba tiġi stabbilita, għandha toffri lil dawk kollha interessati, it-taħriġ professjonali u speċjalizzat dwar l-oqsma/servizzi kollha fir-rigward ta' persuni b'diżabilità. Din it-Taqsima tkun ukoll iċ-ċentru ta' akkreditazzjoni uffiċjali għall-persunal li jaħdem ma' persuni b'diżabilità.

## Eżiti għal 10.4:
## Servizzi ta' Appoġġ u Tnaqqis tal-Abbuż

10.4.1 Il-Helpline għall-Persuni b'Diżabilità operata minn Aġenzija Sapport għandha tkompli tiġi promossa u msaħħa bħala punt ta' kuntatt ċentrali għall-persuni b'diżabilità, il-familji u n-netwerks ta' appoġġ tagħhom, fejn il-feedback u t-tħassib dwar servizzi differenti, speċifiċi għad-diżabilità jew mod ieħor jistgħu jiġu kkomunikati, u l-pariri mfittxija, b'referenza xierqa għall-entitajiet l-oħra kif meħtieġ.

10.4.2 Id-DDI għandu jikkoordina mal-partijiet interessati rilevanti, sabiex jiffinalizza Abbozz ta' Liġi dwar il-Protezzjoni ta' Adulti f'Sitwazzjonijiet ta' Vulnerabbiltà, li għandha tiġi ppreżentata mill-Ministeru għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità quddiem il-Kabinett tal-Ministri u eventwalment il-Parlament, bil-ħsieb li jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet tal-adulti b'diżabilità f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà minn ħsara, abbuż jew negliġenza, sabiex jgħixu b'mod indipendenti b'sigurtà, filwaqt li jirċievu l-appoġġ meħtieġ kif u meta meħtieġ, u jiġu offruti wkoll protezzjonijiet transkonfinali permezz tar-ratifika ta' Malta tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-2000 dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti.

## Eżiti għal 10.5:
## Koordinazzjoni aħjar fost il-Fornituri tas-Servizzi

10.5.1 Id-DDI għandu, permezz tal-istrutturi rilevanti tiegħu, jibda djalogu mal-fornituri tas-servizzi pubbliċi u privati, b'mod simili għal dak adottat mill-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu, filwaqt li jinvolvi d-DDS u jikkonsulta s-CRPD, biex jikkoordina l-aħjar prattiċi u jiddiskuti t-tħassib ewlieni fir-rigward tal-forniment tas-servizzi, bil-ħsieb li jiżgura kopertura u twassil xierqa tas-servizzi fil-komunità, u biex jissalvagwardja d-dritt tal-persuni b'diżabilità li jgħixu b'mod indipendenti.

10.5.2 Kwistjonijiet relatati mad-duplikazzjoni tas-servizzi fi ħdan il-komunità għandhom jiġu indirizzati wkoll fl-eżerċizzju ta' djalogu msemmi, biex tiġi żgurata l-massimizzazzjoni tar-riżorsi fid-dawl tal-ħtiġijiet prevalenti, u l-possibbiltajiet għall-kooperazzjoni, inkluż permezz tal-użu konġunt tar-riżorsi, fejn dan ikun ta' benefiċċju kemm għall-fornituri tas-servizzi kif ukoll għall-utenti aħħarin.

10.5.3 Diskussjonijiet bħal dawn għandhom jipprovdu lill-Gvern bi stampa aktar preċiża tas-sitwazzjoni fuq il-post f'Malta, u jipprovdu bażi biex ikunu jistgħu jiġu indirizzati l-lakuni fir-regolamentazzjoni politika u leġiżlattiva b'mod kontinwu, filwaqt li jiġi żgurat li l-kontribut u l-ilħna tal-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom jiġu dejjem inklużi.

10.5.4 Bħala riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet, id-DDI għandu jiġbor lista ta' fornituri ta' servizzi u professjonisti li joffru jew huma ikkwalifikati biex jipprovdu servizzi professjonali, inklużi professjonisti bħal psikologi u terapisti, u jiżgura li tali lista tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod aċċessibbli, u aġġornata minn żmien għal żmien.

10.5.5 Is-CRPD għandha tkompli fir-rwol tagħha relatat mal-monitoraġġ tal-fornituri tas-servizzi u s-servizzi pprovduti minnhom, u għandha tirreferi t-tħassib kollu lid-DDI, sabiex ikun jista' jsir djalogu rilevanti mal-partijiet ikkonċernati, mingħajr preġudizzju għall-fatt li tkun tista' tieħu kwalunkwe azzjoni li fir-rigward tagħha jkollha s-setgħa bil-liġi.

## Eżiti għal 10.6:
## De-istituzzjonalizzazzjoni

10.6.1 Il-Gvern għandu jikkoordina diskussjonijiet bil-ħsieb li jlaqqa' flimkien partijiet u entitajiet rilevanti, sabiex jifformula Strateġija Nazzjonali ta' De-istituzzjonalizzazzjoni għal Malta, li tindirizza wkoll il-ħtieġa f'dan il-qasam relatata mas-settur tad-diżabilità, filwaqt li tanalizza s-sitwazzjoni attwali, u tippreżenta approċċ gradwali biex jiġi żgurat ippjanar fit-tul, kif ukoll arranġamenti tranżitorji rilevanti sadanittant.

10.6.2 Is-CRPD, filwaqt li tkun qed tiġi kkonsultata matul dan il-proċess, għandha tkun responsabbli wkoll għall-monitoraġġ tal-progress miksub f'dan ir-rigward, fir-rigward tas-settur tad-diżabilità, filwaqt li tirrapporta regolarment lid-DDI, sabiex dawk il-kontributi mbagħad ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati f'aġġornamenti tal-Istrateġija, jew f'azzjonijiet li jsiru bis-saħħa tagħha.

# OBJETTIV 11

## PARTEĊIPAZZJONI FIL-ĦAJJA POLITIKA U PUBBLIKA

| **OBJETTIV 11** PARTEĊIPAZZJONI FIL-ĦAJJA POLITIKA U PUBBLIKA | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 11.1**: Diskussjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' votazzjoni inklużivi | Fi żmien 9 snin | DDI, CRPD, Kummissjoni Elettorali, Partiti Politiċi Reġistrati, Persuni b'Diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 11.2**: Appoġġ għal kandidati b'diżabilità fl-elezzjonijiet lokali, nazzjonali u fil-livell tal-UE | Fi żmien 5 snin | DDI, Kummissjoni Elettorali, Partiti Politiċi Rreġistrati, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 11.3**: Għarfien dwar id-Diżabilità lill-Partiti Politiċi | Fi żmien 5 snin | CRPD, Partiti Politiċi Reġistrati, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 11.4**: It-tisħiħ tal-aċċessibilità fil-Parlament | Fi żmien 5 snin | DDI, CRPD, Il-Parlament, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

**Artikoli tal-Konvenzjoni**

**29** Parteċipazzjoni fil-ħajja politika u pubblika

**Miri tal-SDGs**

**10.2** Inklużjoni Soċjali, Ekonomika u Politika għal Kulħadd, irrispettivament mill-istatus (inkluża d-Diżabilità)

**10.3** L-iżgurar ta' Opportunitajiet Indaqs u r-Riduzzjoni tal-Inugwaljanzi fl-Eżitu

## Punti pożittivi, Sfidi u Opportunitajiet

Il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità fil-ħajja politika u pubblika hija wkoll obbligu li Malta hija marbuta li tindirizza, b'mod partikolari minħabba r-riżerva limitata biż-żmien li kienet ippreżentat fir-rigward tal-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni mar-ratifika. Malta eventwalment se jkollha tiżgura li kemm l-aċċess għall-votazzjoni, kif ukoll il-prattiċi rilevanti fir-rigward ta' votazzjoni, ikunu kompletament aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità fuq bażi ugwali ma' oħrajn, u jinħtieġ li jitnedew diskussjonijiet wiesgħa mal-partijiet rilevanti kollha, b'persuni b'diżabilità u l-ħtiġijiet tagħhom fiċ-ċentru ta' dan.

Malta ħadet passi inkoraġġanti fil-qasam tal-aċċess għall-votazzjoni fil-passat, pereżempju bl-introduzzjoni ta' poloz tal-vot bil-Braille, inklużjoni ta' ritratti tal-kandidati fuq il-poloz tal-vot, u t-tibdil fid-dehra tal-poloz tal-vot imsemmija, filwaqt li saru inizjattivi biex titjieb l-aċċessibilità fiżika fil-postijiet tal-votazzjoni, u t-tixrid ta' informazzjoni mill-Istat u l-partiti politiċi sar aktar aċċessibbli permezz ta' għodod bħall-interpretazzjoni għal-lingwa tas-sinjali.

Madankollu, għandhom jiġu implimentati inizjattivi li jappoġġaw u jinkoraġġixxu parteċipazzjoni usa' minn persuni b'diżabilità f'kull tip ta' elezzjoni organizzata lokalment, il-partiti politiċi għandhom ikunu sensitizzati aħjar għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità, filwaqt li l-aċċessibilità tal-Parlament, l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, għandha tiġi żgurata, kemm għar-rappreżentanti b'diżabilità preżenti kif ukoll għal dawk futuri, u għall-membri tal-pubbliku inġenerali, u kwalunkwe persuna li taħdem temporanjament jew aktar fit-tul f'dan l-ambjent.

## Azzjonijiet Speċifiċi u Eżiti marbuta

### Eżiti għal 11.1:
### Diskussjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' votazzjoni inklużivi

11.1.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, għandu jikkoordina grupp ta' ħidma, bil-parteċipazzjoni tas-CRPD, il-Kummissjoni Elettorali, u r-rappreżentanti tal-partiti politiċi, biex jiddiskuti tali miżuri, bil-ħsieb li Malta tneħħi r-riżerva għall-Artikolu 29 tal-Konvenzjoni li daħħlet mar-ratifika.

11.1.2 Il-konklużjonijiet tal-imsemmi Grupp ta' Ħidma għandhom jiġu kkompilati fil-forma ta' Rapport ippreżentat lill-Kabinett tal-Ministri, li jkun jinkludi rakkomandazzjonijiet ta' emendi leġiżlattivi u ta' politika meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din ir-riforma.

11.1.3 Id-DDI u l-Kummissjoni Elettorali għandhom jaħdmu biex jimplimentaw il-konklużjonijiet ta' dak ir-Rapport, wara l-approvazzjoni tiegħu mill-Kabinett tal-Ministri.

## Eżiti għal 11.2:
## Appoġġ għal kandidati b'diżabilità fl-elezzjonijiet lokali, nazzjonali u fil-livell tal-UE

11.2.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, u bl-inklużjoni ta' rappreżentanti mill-Kummissjoni Elettorali u l-partiti politiċi, inklużi kandidati b'diżabilità, għandu jsejjaħ laqgħat, filwaqt li jikkonsulta mas-CRPD, biex jiddiskuti modi u mezzi li bihom jistgħu jiġu appoġġati l-kandidati b'diżabilità, inkluż permezz tal-għoti ta' akkomodazzjoni raġonevoli xierqa.

11.2.2 Ir-riżultati ta' dawn id-diskussjonijiet għandhom jitqajmu mill-Kummissjoni Elettorali quddiem il-Kabinett tal-Ministri, sabiex ikunu jistgħu jiġu adottati azzjonijiet leġiżlattivi u ta' politika xierqa għal dan il-għan.

## Eżiti għal 11.3:
## Għarfien dwar id-Diżabilità lill-Partiti Politiċi

11.3.1 Is-CRPD għandha toffri DETs lill-partiti politiċi, sabiex tissensitizzahom aħjar fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' uffiċjali u kandidati b'diżabilità, kemm attwali kif ukoll prospettivi, kif ukoll ta' membri jew partitarji b'diżabilità attwali jew futuri.

11.3.2 Permezz ta' dawn id-DETs, is-CRPD għandha timpenja ruħha wkoll mal-partiti politiċi, bil-ħsieb li tappoġġahom biex jagħmlu l-kwartieri ġenerali u l-klabbs politiċi tagħhom aċċessibbli għal kulħadd, kemm b'mod fiżiku kif ukoll b'mod sensorjali, u b'hekk isiru aktar inklużivi u attraenti għal membri jew partitarji b'diżabilità attwali jew potenzjali.

11.3.3 Is-CRPD għandha toffri wkoll DET ta' darba lill-kandidati kollha, b'diżabilità jew le, li jikkontestaw elezzjoni f'isem partit politiku reġistrat, u tiffoka fuq kwistjonijiet bħal prattiċi ta' komunikazzjoni inklużivi fir-rigward ta' persuni b'diżabilità, b'materjali għal tali DETs jiġi pprovdut f'formati aċċessibbli.

## Eżiti għal 11.4:
## Insaħħu l-aċċessibilità fil-Parlament

11.4.1 Id-DDI, f'konsultazzjoni mas-CRPD, għandu jorganizza diskussjonijiet mar-rappreżentanti tal-Parlament, kif ukoll tal-Gvern u l-Oppożizzjoni, sabiex titqies is-sitwazzjoni attwali ta' aċċessibilità, u jsiru rakkomandazzjonijiet għal titjib.

11.4.2 Ir-rapport għandu jiġi kkomunikat lill-President tal-Kamra tad-Deputati, sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni rilevanti.

11.4.3 Is-CRPD tkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti, u għall-komunikazzjoni ta' kwalunkwe tħassib u kontributi oħra lid-DDI, sabiex l-imsemmija kontributi jkunu jistgħu jiġu diskussi mal-partijiet rilevanti, bil-ħsieb li tittieħed azzjoni rilevanti.

# OBJETTIV 12

## ĠESTJONI U TNAQQIS TAR-RISKJU TA’ DIŻASTRI

| **OBJETTIV 12**<br>ĠESTJONI U TNAQQIS TAR-RISKJU TA' DIŻASTRI | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 12.1**: Nikkonvertu t-Task Force dwar id-Diżabilità u l-COVID-19 f'Kumitat Permanenti | Fi żmien sentejn | DDI, Taskforce dwar id-Diżabilità u l-COVID-19, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 12.2**: Pjan Ġenerali ta' Emerġenza | Fi żmien sentejn | DDI, OHSA, Dipartiment għas-Saħħa, CRPD, CPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 12.3**: Servizzi ta' Emerġenza | Fi żmien 5 snin | DDI, CRPD, Servizzi ta' Emerġenza, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

**Artikoli tal-Konvenzjoni**

**11** Sitwazzjonijiet ta' Riskju u Emerġenzi Umanitarji

**Paragrafi ta' Sendai**

**19(d)**

- L-emanċipazzjoni u l-parteċipazzjoni inklużiva, aċċessibbli u mhux diskriminatorja, b'attenzjoni speċjali għall-persuni affettwati b'mod sproporzjonat mid-diżastri.

- (Barra minn hekk) perspettiva tad-diżabilità għandha tiġi integrata fil-politiċi u l-prattiċi kollha

**19(g)** Approċċ li jkopri Diversi Perikli u Proċess Inklużiv ta' Teħid ta' Deċiżjonijiet Infurmat mir-Riskji bbażat fuq:

- Skambju Miftuħ u Tixrid ta' Data Diżaggregata, inkluż fir-rigward ta' Diżabilità;

- Informazzjoni dwar ir-Riskji li tkun Faċilment Aċċessibbli, Aġġornata, Komprensibbli, ibbażata fuq ix-Xjenza, u Mhux Sensittiva, ikkumplimentata mill-Għarfien Tradizzjonali

# Punti pożittivi, Sfidi u Opportunitajiet

L-Objettiv 12 jittratta żewġ aspetti inqas diskussi iżda kruċjali ħafna, il-Ġestjoni tar-Riskju ta' Diżastri u t-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri. Filwaqt li dawn huma tradizzjonalment mifhuma fil-kuntest ta' tħejjija u provvediment għal kontinġenza matul fenomeni bħal diżastri naturali, dan il-qasam ikopri bl-istess mod kwalunkwe tip ieħor ta' emerġenza, fenomenu li dan l-aħħar inħass matul il-pandemija tal-COVID-19, u permezz tal-effett li kellu fuq persuni b'diżabilità kullimkien, inkluż f'Malta. F'dan ir-rigward, minbarra l-obbligi ta' Malta ai termini tal-Konvenzjoni, imsemmija fit-test tal-Objettiv, l-obbligi tagħha ai termini tal-Qafas ta' Sendai tal-Ġnus Magħquda huma wkoll ikkwotati u għandhom jiġu osservati wkoll.

It-Task Force dwar id-Diżabilità u l-COVID-19, stabbilita matul il-pandemija, għandha tiġi strutturata f'Kumitat Permanenti, abbażi tal-esperjenza u t-tagħlimiet misluta mill-pandemija, u li jaġixxi fil-futur bħala Kumitat Permanenti dwar id-Diżabilità dwar il-Ġestjoni u t-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri.

Barra minn hekk, il-Pjan Ta' Emerġenza Ġenerali ta' Malta għandu, meta jiġi aġġornat, jirrifletti perspettiva ta' diżabilità, li jagħmlu adatt għall-iskop tiegħu f'diversi xenarji, u wara li jkunu ġew inklużi l-kontribut u l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità f'tali Pjan. Is-Servizzi ta' Emerġenza għandhom ikunu aċċessibbli wkoll għall-persuni b'diżabilità, u għandhom ikunu jistgħu jirrispondu b'mod xieraq.

# Azzjonijiet Speċifiċi u Eżiti marbuta

## Eżiti għal 12.1:
## Nikkonvertu t-Task Force dwar id-Diżabilità u l-COVID-19 f'Kumitat Permanenti

12.1.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, għandu jassorbi t-Task Force eżistenti dwar id-Diżabilità u l-COVID-19, li għandu rappreżentanza wiesgħa ta' persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, kif ukoll entitajiet u esperti tal-Gvern, u jikkonvertih f'Kumitat Permanenti dwar id-Diżabilità li jittratta l-Ġestjoni u t-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri, bħala Sottokumitat Permanenti tal-IACD.

12.1.2 Il-Kumitat Permanenti għandu jiġi ristrutturat, wara diskussjonijiet ma' persuni u partijiet rilevanti li bħalissa huma involuti fih, kif ukoll entitajiet oħra li jkun ideali illi jkunu rappreżentati fl-imsemmi Kumitat, sabiex ikun hemm korp ta' koordinazzjoni iżgħar, li jissorvelja grupp ta' għarfien espert li jista' jissejjaħ regolarment biex jassisti fil-ħidma tal-Kumitat.

12.1.3 Il-Kumitat Permanenti għandu jżomm kuntatt mal-atturi rilevanti, kemm f'Malta kif ukoll barra mill-pajjiż, sabiex jiskambja l-aħjar prattiċi, u jkun fuq quddiem nett fit-tnedija u t-tmexxija, flimkien ma' partijiet rilevanti oħra, ta' kampanji ta' informazzjoni u proġetti, imħaddma b'mod aċċessibbli, u jiżgura perspettiva sensittiva għad-diżabilità għal sitwazzjonijiet li jirriżultaw minn diżastri, kemm dawk magħmula mill-bniedem kif ukoll diżastri ta' kull forma oħra.

12.1.4 Il-Kumitat, b'mod partikolari, għandu jiżgura li jiżviluppa kapaċità relatata mal-prelazzjoni u t-twissija bikrija, billi jieħu mill-esperjenza tal-COVID-19, kif ukoll diżastri oħra f'postijiet oħra, sabiex ikun jista' jirrappreżenta u jippromwovi l-aħjar interessi ta' persuni b'diżabilità f'sitwazzjonijiet simili, fil-livelli kollha tal-Gvern, kif ukoll ma' atturi ewlenin oħra bħal entitajiet tas-settur privat.

## Eżiti għal 12.2:
## Pjan Ġenerali ta' Emerġenza

12.2.1 Id-DDI, permezz tal-mekkaniżmi rilevanti tiegħu, bl-involviment tal-OHSA u d-Dipartiment għas-Saħħa, u f'konsultazzjoni kostanti mas-CRPD, filwaqt li

jinkludi l-vuċi u l-kontribut ta' persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom, għandu jaħdem mas-CPD, sabiex jiżgura t-tfassil ta' Pjan ta' Emerġenza Ġenerali f'waqtu u effettiv, li jindirizza wkoll il-ħtiġijiet u d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, inkluż fir-rigward tal-aċċess għal servizzi ta' emerġenza, filwaqt li jitfassal skont il-kuntest nazzjonali.

12.2.2 Is-CRPD se tkun responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Emerġenza Ġenerali fir-rigward ta' persuni b'diżabilità, u għall-għoti ta' kontributi regolari lid-DDI f'dan ir-rigward, sabiex l-imsemmija kontributi jkunu jistgħu jiġu diskussi mas-CPD u entitajiet rilevanti oħra, permezz tal-istrutturi tad-DDI, biex jiġi żgurat li l-Pjan innifsu, kif ukoll l-azzjonijiet meħuda jew ippjanati taħtu, jiġu ristrutturati skont dan.

## Eżiti għal 12.3:
## Servizzi ta' Emerġenza

12.3.1 Id-DDI għandu jidħol f'diskussjonijiet mas-Servizzi ta' Emerġenza, biex jiżgura li dawn is-servizzi jsiru aċċessibbli, fit-termini tal-leġiżlazzjoni viġenti fis-seħħ u tal-aħjar prattiċi.

12.3.2 Id-DDI ser jidħol f'diskussjonijiet mas-Servizzi ta' Emerġenza u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti l-oħra kollha, sabiex jiġu studjati l-possibbiltajiet marbuta mal-għoti ta' dettalji dwar persuni b'diżabilità rreġistrati, f'konformità mal-leġiżlazzjoni viġenti rilevanti li tirregola l-kunsens u l-protezzjoni tad-data, lis-Servizzi ta' Emerġenza, sabiex l-operaturi jkollhom aċċess għal din l-informazzjoni matul talba ta' emerġenza, u jkunu jistgħu jassistu aħjar lill-persuni msemmija.

12.3.3 Is-CRPD għandha tkompli toffri DETs lis-Servizzi ta' Emerġenza, bħall-Pulizija u s-CPD, filwaqt li tagħmel enfasi partikolari fuq li persuna tagħraf id-diżabilità, u speċjalment id-diżabilità inviżibbli, fir-rigward ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

# OBJETTIV 13

## SFORZI REĠJONALI U INTERNAZZJONALI

| **OBJETTIV 13** SFORZI REĠJONALI U INTERNAZZJONALI | AZZJONI LI GĦANDHA TITLESTA | PARTIJIET INTERESSATI INVOLUTI |
|---|---|---|
| **Azzjoni 13.1**: Forum tal-Belt Valletta dwar il-Kooperazzjoni UE-Dinja Għarbija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità | Fi żmien 5 snin | DDI, DDS, Aġenzija Sapport, Ministeru għall-Affarijiet Barranin, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |
| **Azzjoni 13.2**: Kooperazzjoni u Skambju tal-Aħjar Prattiċi permezz ta' Fora Eżistenti | Fi żmien sentejn | DDI, CRPD, Persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom |

**Artikoli tal-Konvenzjoni**

**32** Kooperazzjoni internazzjonali

**33** Implimentazzjoni u monitoraġġ nazzjonali

**Miri tal-SDGs**

**17.6** Kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali dwar ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni u l-aċċess għalihom, u t-tisħiħ tal-kondiviżjoni tal-għarfien, inkluż permezz ta' koordinazzjoni mtejba fost il-mekkaniżmi eżistenti

**17.7** L-inkoraġġiment u l-promozzjoni ta' partenarjati effettivi pubbliċi, pubbliċi-privati u mas-soċjetà ċivili, li jibnu fuq l-esperjenza tas-sħab, u l-istrateġiji tagħhom sabiex jinġabru r-riżorsi

## Punti pożittivi, Sfidi u Opportunitajiet

Fl-aħħarnett, l-Objettiv 13 jindirizza l-obbligi ta' Malta fil-qasam tal-Kooperazzjoni Internazzjonali, u jiddeskrivi azzjonijiet li jindirizzaw sħubijiet reġjonali u internazzjonali ta' benefiċċju reċiproku. Malta ilha tipparteċipa f'fora internazzjonali u reġjonali, kemm ta' natura permanenti kif ukoll ad hoc, u l-parteċipazzjoni kontinwa tagħha se tippermetti l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiċi li, fl-aħħar mill-aħħar, ikunu ta' benefiċċju għall-ħajja ta' persuni b'diżabilità f'Malta, filwaqt li turi wkoll il-kisbiet ta' Malta lil hinn minn xtutna.

nizjattiva ewlenija li għandha tiġi żviluppata aktar hija l-isforz ta' Malta biex tkun pont bejn l-Unjoni Ewropea u d-dinja Għarbija, permezz tat-twaqqif tal-Forum tal-Belt Valletta dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità f'April tal-2019, wara laqgħa ta' livell għoli li saret f'Malta. Inizjattivi tematiċi speċifiċi f'dan il-qafas jistgħu jġibu flimkien partijiet interessati differenti biex jesploraw u jaħdmu flimkien fuq aspetti differenti relatati mad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità.

Dan għandu jsir flimkien mal-parteċipazzjoni kontinwa fil-livell tal-Istat, u l-promozzjoni fil-livell individwali ta' aktar parteċipazzjoni, f'avvenimenti oħra, raggruppamenti u fora ta' natura reġjonali jew internazzjonali.

# Azzjonijiet Speċifiċi u Eżiti marbuta

## Eżiti għal 13.1: Forum tal-Belt Valletta dwar il-Kooperazzjoni UE-Dinja Għarbija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità

13.1.1 Id-DDI għandu jiffaċilita d-diskussjonijiet rilevanti ma' partijiet interessati lokali differenti, inkluż id-DDS u Aġenzija Sapport, u jikkordina mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, filwaqt li jikkonsulta mas-CRPD, sabiex terġa' tingħata l-ħajja lis-sħubija bejn l-UE u d-Dinja Għarbija maħluqa permezz tal-Forum tal-Belt Valletta f'April tal-2019, bl-involviment tal-UN ESCWA, il-Lega tal-Istati Għarab u diversi gvernijiet, u l-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, biex jinstab mod fattibbli 'l quddiem għall-iskambju tal-aħjar prattiċi u l-ħolqien ta' kontenut, li fl-aħħar mill-aħħar ikun ta' benefiċċju għall-persuni b'diżabilità.

13.1.2 Għandhom jiġu segwiti d-diskussjonijiet inizjali mad-DDS u partijiet interessati oħra fir-reġjun UE-Dinja Għarbija, lejn il-ħolqien ta' Netwerk ta' Riċerka UE-Dinja Għarbija, u mal-ITU u l-UN ESCWA, lejn il-ħolqien u l-bini ta' bażi ta' għarfien u sħubijiet konkreti fil-qasam tal-ICT Aċċessibbli, b'segwitu għall-konferenza Accessible Europe li saret f'Malta f'Diċembru tal-2019.

## Eżiti għal 13.2: Kooperazzjoni u Skambju tal-Aħjar Prattiċi permezz ta' Fora Eżistenti

13.2.1 Id-DDI għandu, permezz tat-trawwim ta' kuntatti internazzjonali eżistenti, u l-kultivazzjoni ta' oħrajn ġodda, jew b'mod bilaterali, jew permezz ta' fora multilaterali li jipparteċipa fihom, inkluż permezz tar-rappreżentanza ta' Malta fis-sħubija ta' kumitati permanenti, u flimkien mal-partijiet rilevanti fi ħdan il-Gvern, l-akkademja u s-soċjetà ċivili, fejn il-kontribut ta' persuni b'diżabilità jkun ta' importanza kbira, jipparteċipa fi, jiżviluppa u jospita inizjattivi bħal panels, gruppi ta' ħidma reġjonali u avvenimenti tematiċi, fejn jiġu diskussi temi ta' benefiċċju reċiproku b'rabta mas-settur tad-diżabilità.

13.2.2 Id-DDI għandu, filwaqt li jaġixxi flimkien mal-partijiet imsemmija fil-livell domestiku, jagħmel sforzi rilevanti biex ixerred l-eżiti tal-isforzi msemmija fil-livell internazzjonali, għall-benefiċċju tas-settur tad-diżabilità lokali, filwaqt li jaħdem ukoll biex jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tal-partijiet lokali f'inizjattivi kontinwi u ta' segwitu li jinżammu bis-saħħa tal-impenji inizjali, bħal fl-oqsma tal-forniment tas-servizzi u tar-riċerka.

13.2.3 Is-CRPD għandha wkoll twettaq l-istess sforzi deskritti fiż-żewġ Eżiti preċedenti, speċifikament fir-rigward ta' kooperazzjoni aħjar mal-awtoritajiet regolatorji fi Stati Partijiet oħra għall-Konvenzjoni UNCRPD.

**GVERN TA' MALTA**
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI
U L-KWALITÀ TAL-ĦAJJA